ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 58

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

3 ta' Marzu 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2010 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 205/2011 tat-28 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja** ..... 14

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 206/2011 tat-28 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġinaw fl-Indja** ..... 18

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 207/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XVII (Ossidu ta' difenil, derivat tal-pentabromo u PFOS)** ..... 27

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 u (KE) Nru 737/2008 dwar listi u ismijiet tal-laboratorji ta' referenza tal-UE** (1) ..... 29

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: EUR 4**

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 209/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 li jtemm il-proċedimenti antidumping u kontra s-sussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' modems bla wajer ta' netwerk ta' żona wiesgħa (WWAN) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm ir-reġistrazzjoni ta' tali importazzjonijiet imposta mir-Regolamenti (UE) Nru 570/2010 u (UE) Nru 811/2010** ........ 36

Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 210/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 39

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/19/UE tat-2 ta' Marzu 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż it-tau-fluvalinat bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE** (1) ........ 41

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/20/UE tat-2 ta' Marzu 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-fenossikarb bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE** (1) ........ 45

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/21/UE tat-2 ta' Marzu 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż il-kletodim bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE** (1) ........ 49

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja** ........ 53

---

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 114/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ........ 63

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ........ 69

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ........ 73

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 204/2010

## tat-2 ta' Marzu 2011

## dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [1], adottata b'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) B'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1970 (2011) tas-26 ta' Frar 2011, id-Deċiżjoni 2011/137/PESK tipprovdi għal embargo fuq l-armi, projbizzjoni fuq l-esportazzjonijiet ta' tagħmir ta' repressjoni interna, kif ukoll restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni u l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni u entitajiet involuti f'abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż l-involviment f'attakki li jiksru d-dritt internazzjonali, fuq popolazzjonijiet u faċilitajiet ċivili. Dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi u entitajiet huma elenkati fl-Annessi għad-Deċiżjoni.

(2) Uħud minn dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(3) Dan ir-Regolament jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u notevolment id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat b'konformità ma' dawk id-drittijiet.

(4) Dan ir-Regolament jirrispetta wkoll bis-sħiħ l-obbligi tal-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u n-natura legalment vinkolanti tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(5) Is-setgħa biex jiġu emendati l-listi fl-Annessi II u III għal dan ir-Regolament għandha tiġi eżerċitata mill-Kunsill, fid-dawl tat-theddida speċifika għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali ppreżentata mil-Libja, u sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-proċess għall-emendament u r-reviżjoni tal-Annessi III u IV għad-Deċiżjoni 2011/137/PESK.

(6) Il-proċedura għall-emendament tal-listi fl-Annessi II u III għal dan ir-Regolament għandha tinkludi l-għoti tar-raġunijiet għall-elenkar lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi nominati, sabiex jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernat kif ikun meħtieġ.

(7) Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex tinħoloq ċertezza legali massima fi ħdan l-Unjoni, l-ismijiet u data oħra rilevanti li tikkonċerna persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom jeħtieġ li jiġu ffriżati b'konformità ma' dan ir-Regolament, iridu jiġu ppubblikati. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2] u mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [3].

[1] Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

[3] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, huwa għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull tip, li jinkludi iżda li mhumiex limitati għal:

(i) flus, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' pagament;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli nnegozjati pubblikament u privatament u strumenti ta' dejn, inklużi ishma u azzjonijiet, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, bonds, nota, garanziji, ċedoli ta' obbligazzjoni u kuntratti tad-derivati;

(iv) imgħax, dividends jew introjtu ieħor fuq jew valur dovut minn jew iġġenerat minn assi;

(v) kreditu, dritt għal kalkolazzjoni tal-valur nett, garanziji, garanziji fuq xogħol b'kuntratt jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, poloz ta' bejgħ;

(vii) dokumenti ta' prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(b) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', jew negozjar ta' fondi fi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-post, is-sjieda, il-pussess, in-natura, id-destinazzjoni tagħhom jew bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġjar ta' portafolli;

(c) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm dawk tanġibbli kemm dawk intanġibbli, mobbli u immobbli, li mhumiex fondi iżda jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti u servizzi;

(d) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, li jinkludi, iżda li mhux limitat għal, il-bejgħ, il-kiri jew l-ipotekar;

(e) "għajnuna teknika" tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tkun f'forma ta' struzzjoni, parir, taħriġ, it-trażmissjoni ta' għarfien operazzjonali jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza, inklużi forom verbali ta' għajnuna;

(f) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ġie stabbilit b'konformità mal-paragrafu 24 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("RKSNU") 1970 (2011);

(g) "territorju tal-Unjoni" tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, b'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

*Artikolu 2*

1. Huma pprojbiti:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness I, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Libja, jew għall-użu fil-Libja;

(b) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

2. Huma pprojbiti x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' tagħmir mil-Libja li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness I, kemm jekk it-tagħmir joriġina mil-Libja kif ukoll jekk le.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-ħwejjeġ protettivi, inklużi sdieri rinfurzati bil-metall u elmi, esportati b'mod temporanju fil-Libja mill-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, persunal tal-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-media u ħaddiema umanitarji u ta' żvilupp u persunal assoċjat għall-użu tagħhom personali biss.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif elenkati fl-Anness IV jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, taħt tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, jekk jiddeterminaw li tali tagħmir huwa maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv.

*Artikolu 3*

1. Huma pprojbiti:

(a) il-provvediment, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea [1] (Lista Militari Komuni), jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Libja jew għal użu fil-Libja;

(b) il-provvediment, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness I, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Libja jew għal użu fil-Libja;

[1] ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

(c) il-provvediment, b'mod dirett jew indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatat(a) mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni jew fl-Anness I, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għal kwalunkwe provvediment ta' għajnuna teknika relatata lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Libja jew għal użu fil-Libja;

(d) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (c).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet imsemmija fih ma għandhomx japplikaw għall-provvediment ta' għajnuna teknika, finanzjament u għajnuna finanzjarja relatati ma' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għal finijiet umanitarji jew użu protettiv, jew għal bejgħ jew forniment ieħor ta' armi u materjal relatat, kif approvat minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' għajnuna teknika, finanzjament u għajnuna finanzjarja relatati mat-tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, taħt tali kondizzjonijiet li jqisu xierqa, jekk jiddeterminaw li tali tagħmir huwa maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv.

*Artikolu 4*

Sabiex jiġi evitat it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġija li huma koperti mil-Lista Militari Komuni jew il-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-importazzjoni tagħhom li huwa pprojbit b'dan ir-Regolament, għall-oġġetti kollha li jiddaħħlu jew joħorġu mit-territorju doganali tal-Unjoni mil-Libja jew lejha, flimkien mar-regoli li jirregolaw l-obbligu li jiġi pprovdut tagħrif ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq kif iddeterminati fid-dispożizzjonijiet rilevanti rigward id-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u tal-ħruġ kif ukoll id-dikjarazzjonijiet doganali fir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]) u fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tiegħu ([2]), il-persuna li tipprovdi dak it-tagħrif għandha tiddikjara jekk l-oġġetti humiex koperti mil-Lista Militari Komuni jew minn dan ir-Regolament u, fejn l-esportazzjoni tagħhom tkun suġġetta għal awtorizzazzjoni, tispeċifika l-partikolaritajiet tal-liċenzja ta' esportazzjoni mogħtija. Dawn l-elementi addizzjonali għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati jew bil-miktub jew bl-użu ta' dikjarazzjoni doganali skont il-każ.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*Artikolu 5*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, li huma l-proprjetà ta', li huma miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Annessi II u III għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandhom isiru disponibbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi II u III.

3. Il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom tkun, b'mod dirett jew indirett, l-evażjoni mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 hija pprojbita.

*Artikolu 6*

1. L-Anness II għandu jinkludi l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi nnominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'konformità mal-paragrafu 22 tal-RKSNU 1970 (2011).

2. Anness III għandu jikkonsisti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi mhux koperti mill-Anness II li, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK ġew identifikati mill-Kunsill bħala persuni u entitajiet involuti jew kompliċi fil-kmand, il-kontroll, jew inkella d-direzzjoni, il-kummissjoni ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż billi huma involuti fi jew kompliċi fl-ippjanar, il-kmand, l-ordni jew it-tmexxija ta' attakki, bi ksur tad-dritt internazzjonali, inkluż il-bombardamenti mill-ajru, fuq popolazzjonijiet u faċilitajiet ċivili, jew individwi jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

3. L-Annessi II u III għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni, entitajiet u korpi elenkati, kif previst mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet għall-Anness II.

4. L-Annessi II u III għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati, kif previst mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet għall-Anness II. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Anness II għandu jinkludi wkoll id-data tan-nomina mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

*Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikolu 5, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt il-kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni elenkati fl-Anness II jew III, u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inklużi pagamenti għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u trattament mediku, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u spejjeż ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' imposti professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma assoċjati mal-provvediment ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

bil-kundizzjoni li, fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dak il-perkors ta' azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 5, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ffriżati jkunu meħtieġa għal spejjeż straordinarji sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat dwar dik id-determinazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni tkun ġiet approvata minn dak il-Kumitat; u

(b) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness III, l-awtorità kompetenti nnotifikat ir-raġunijiet għala tikkunsidra li awtorizzazzjoni speċifika għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 8*

B'deroga mill-Artikolu 5, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni huma s-suġġett ta' garanzija ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmi(ja) fl-Artikolu 5 jkun/tkun ġie/ġiet inkluż(a) fl-Anness II jew III, jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni se jintużaw esklussivament sabiex jissodisfaw it-talbiet assigurati b'tali garanzija jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fi żmien il-limiti stabbiliti bil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) il-garanzija jew is-sentenza ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkat(a) fl-Anness II jew III;

(d) ir-rikonoxximent li l-garanzija jew is-sentenza ma tmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat;

(e) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat mill-Istat Membru dwar il-garanzija jew is-sentenza, u

(f) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness III, l-Istat Membru rilevanti għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.

*Artikolu 9*

1. L-Artikolu 5(2) ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li okkorrew qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi(ja) fl-Artikolu 5 jkun/tkun ġie/ġiet innominat(a) mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill,

bil-kundizzjoni li kwalunkwe tali imgħax, qligħ u pagamenti oħra jkunu ffriżati b'konformità mal-Artikolu 5(1).

2. L-Artikolu 5(2) ma għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi ttrasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat(a), bil-kundizzjoni li kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar kwalunkwe tali tranżazzjoni mingħajr dewmien.

*Artikolu 10*

B'deroga mill-Artikolu 5, u bil-kundizzjoni li pagament minn persuna, entità jew korp elenkat(a) fl-Anness II jew III jkun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż minn, jew obbligu li okkorra għall-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernat(a), qabel id-data li fiha dik il-persuna, l-entità jew il-korp kien/kienet innominat/innominata, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fuq il-websajts elenkati fl-Anness IV, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li:

(i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għal pagament minn persuna, entità jew korp elenkat(a) fl-Anness II jew III;

(ii) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 5(2);

(b) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun ġie nnotifikat mill-Istat Membru dwar l-intenzjoni li jagħti awtorizzazzjoni għaxart ijiem qabel;

(c) fejn l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness III, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-anqas ġimgħatejn qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

*Artikolu 11*

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq bona fede abbażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkun/tkun qed jimplimentah/timplimentah, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(2) ma għandhiex tagħti lok għal responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li għamlu disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru l-projbizzjoni inkwistjoni.

*Artikolu 12*

L-ebda pretensjoni, inklużi dawk għal kumpens, jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija jew pretensjoni koperta minn garanzija, f'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew transazzjoni li t-twettiq tagħhom kienet affettwata, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri deċiżi b'konformità mal-UNSCR 1970 (2011), inklużi miżuri tal-Unjoni jew ta' kwalunkwe Stat Membru f'konformità, kif rekwiżit mill-implimentazzjoni jew b'konnessjoni mal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà jew miżuri koperti b'dan ir-Regolament, ma għandhom jiġu sodisfatti favur il-Gvern tal-Libja, jew favur kwalunkwe persuna jew entità li tressaqhom permezz tiegħu jew għall-benefiċċju tiegħu.

*Artikolu 13*

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

(a) jipprovdu minnufih kwalunkwe tagħrif li jista' jiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati b'konformità mal-Artikolu 4, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, kif indikat fuq il-websajts elenkati fl-Anness IV, u għandhom jittrażmettu dan it-tagħrif, b'mod dirett jew permezz tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni; u

(b) jikkooperaw ma' dik l-awtorità kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' dan it-tagħrif.

2. Kwalunkwe tagħrif li jingħata jew li jiġi riċevut b'konformità ma' dan l-Artikolu għandu jintuża biss għall-finijiet li għalihom ikun ġie pprovdut jew riċevut.

*Artikolu 14*

L-Istati Membri ul-Kummissjoni għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih dwar il-miżuri meħuda b'konformità ma' dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe tagħrif ieħor rilevanti, b'rabta ma' dan ir-Regolament, li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari tagħrif dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

*Artikolu 15*

Il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa li temenda l-Anness IV abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

*Artikolu 16*

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenka persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness II.

2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissuġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 5(1), huwa għandu jemenda l-Anness III kif meħtieġ.

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat kif meħtieġ.

5. F'każ li n-Nazzjonjiet Uniti jiddeċiedu li jneħħu persuna fiżika jew ġuridika, entità, jew korp, mil-lista jew li temenda d-data ta' indentifikazzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat, il-Kunsill għandu jemenda l-Anness II kif meħtieġ.

6. Il-lista fl-Anness III għandha tiġi eżaminata mill-ġdid f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar.

*Artikolu 17*

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet ipprovduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

*Artikolu 18*

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li jsir xi tip ieħor ta' komunikazzjoni magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra ta' kuntatt li għandhom jintużaw għal tali komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness IV.

*Artikolu 19*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju mwettaq, b'mod sħiħ jew parzjali, fi ħdan l-Unjoni.

*Artikolu 20*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

*ANNESS I*

**Lista ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif imsemmi fl-Artikoli 2, 3 u 4**

1. Armi tan-nar, munizzjon u aċċessorji relatati magħhom, kif ġej:

1.1 Armi tan-nar mhux ikkontrollati mill-ML 1 u l-ML 2 tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea [1] (il-Lista Militari Komuni);

1.2 Munizzjon iddisinjat speċifikament għall-armi tan-nar elenkati fil-punt 1.1 u komponenti ddisinjati apposta għalihom;

1.3 Miri tal-armi mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.

2. Bombi u granati mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.

3. Vetturi kif ġej:

3.1 Vetturi mgħammra b'kanun tal-ilma, speċifikament iddisinjati jew immodifikati għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet;

3.2 Vetturi ddisinjati jew immodifikati speċifikament biex ikunu elettrifikati biex jimbuttaw lill-attakkanti;

3.3 Vetturi ddisinjati jew immodifikati speċifikament biex ineħħu barrikati, inkluż tagħmir ta' kostruzzjoni bi protezzjoni ballistika;

3.4 Vetturi ddisinjati speċifikament għat-trasport jew it-trasferiment ta' priġunieri u/jew detenuti;

3.5 Vetturi ddisinjati speċifikament għall-iskjerament tal-barrikati mobbli;

3.6 Komponenti għall-vetturi speċifikati fil-punti 3.1 sa 3.5 ddisinjati speċifikament għall-finijiet ta' kontroll tal-irvellijiet.

*Nota 1 Dan l-oġġett ma jikkontrollax il-vetturi speċifikament iddisinjati għall-finijiet ta' tifi tan-nar.*

*Nota 2 Għall-finijiet tal-oġġett 3.5 t-terminu "vetturi" jinkludi l-karrijiet.*

4. Sustanzi splussivi u tagħmir relatat kif ġej:

4.1 Tagħmir u apparat iddisinjat speċifikament biex iqabbad splużjonijiet b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi, inklużi settijiet tat-tqabbid, detonaturi, apparati li jqabbdu, busters u fil detonatur, u komponenti ddisinjati speċifikament għalihom; minbarra dawk iddisinjati speċifikament għal użu kummerċjali speċifiku li jikkonsistu fl-attwazzjoni jew l-operar b'mezzi splussivi ta' tagħmir jew apparat ieħor li l-funzjoni tagħhom mhijiex il-ħolqien ta' splużjonijiet (pereżempju, neffieħa tal-airbags tal-karozzi, apparat li jipprevjeni ż-żieda f'daqqa tal-elettriku ta' attwaturi ta' bexxiexa għat-tifi tan-nar);

4.2 Kargi splussivi ta' qtugħ lineari mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni;

4.3 Splussivi oħra mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni u sustanzi relatati kif ġej:

a. amatol;

b. nitroċelluloża (li fiha aktar minn 12,5 % nitroġenu);

c. nitroglikol;

d. tetranitrat tal-pentaeritritol (PETN);

e. klorur tal-pikril;

f. 2,4,6-trinitrotoluwen (TNT).

[1] ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

5. Tagħmir protettiv mhux ikkontrollat mill-ML 13 tal-Lista Militari Komuni kif ġej:

5.1 Korazzi li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew kontra ferimenti b'arma bil-ponta jew sikkina;

5.2 Elmi li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew mill-frammenti, elmi għal kontra l-irvellijiet, tarki għal kontra l-irvellijiet u tarki ballistiċi.

*Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax:*

— *tagħmir iddisinjat speċifikament għal attivitajiet sportivi;*

— *tagħmir iddisinjat speċifikament sabiex jissodisfa rekwiżiti ta' sikurezza okkupazzjonali.*

6. Simulaturi, minbarra dawk ikkontrollati mill-ML 14 tal-Lista Militari Komuni, għal taħriġ fl-użu ta' armi tan-nar, u softwer imfassal speċifikament għalihom.

7. Tagħmir ta' viżjoni fid-dlam, termografiku u tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni, minbarra dawk ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.

8. Fildiferru mxewwek (barbed wire) li jaqta'.

9. Skieken militari, skieken tal-ġlied u bajunetti b'xafra itwal minn 10 cm.

10. Tagħmir ta' produzzjoni ddisinjat speċifikament għall-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

11. Teknoloġija speċifika għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

*ANNESS II*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(1)**

1. **QADHAFI, Aisha Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Bint Muammar QADHAFI. Qrubija ta' assoċjazzjoni mar-reġim.

   Data tan-nomina min-NU: 26.2.2011.

2. **QADHAFI, Hannibal Muammar**

   Numru tal-passaport: B/002210. Data tat-twelid: 20/09/1975. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Qrubija ta' assoċjazzjoni mar-reġim.

   Data tan-nomina min-NU: 26.2.2011.

3. **QADHAFI, Khamis Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Qrubija ta' assoċjazzjoni mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

   Data tan-nomina min-NU: 26.2.2011.

4. **QADHAFI, Muammar Mohammed Abu Minyar**

   Data tat-twelid: 1942. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

   Mexxej tar-Rivoluzzjoni, Kmandant Suprem tal-Forzi Armati. Responsabbilità għall-ordni tar-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

   Data tan-nomina min-NU: 26.2.2011.

5. **QADHAFI, Mutassim**

   Data tat-twelid: 1976. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Konsulent għas-Sigurtà Nazzjonali. Iben Muammar QADHAFI. Qrubija ta' assoċjazzjoni mar-reġim.

   Data tan-nomina min-NU: 26.2.2011.

6. **QADHAFI, Saif al-Islam**

   Direttur, Fondazzjoni Qadhafi. B014995. 25/06/1972.

   Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Qrubija ta' assoċjazzjoni mar-reġim. Dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa li jinkoraġġixxu l-vjolenza kontra d-dimostranti.

   Data tan-nomina min-NU: 26.2.2011.

*ANNESS III*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ABDULHAFIZ, Kurunell Mas'ud | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Armati | it-tielet fil-kmand tal-Forzi Armati. Rwol sinifikanti fl- Intelligence Militari. | 28.2.2011 |
| 2. | ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed | Pożizzjoni: Kap ta' Kontra t-Terroriżmu, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Membru prominenti tal-Kumitat Rivoluzzjonarju. Sieħeb qrib ta' Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 3. | ABU SHAARIYA | Pożizzjoni: Viċi Kap, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Membru prominenti tar-reġim. Ħaten Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 4. | ASHKAL, Al-Barrani | Pożizzjoni: Viċi Direttur, Intelligence Militari | Membru anzjan tar-reġim. | 28.2.2011 |
| 5. | ASHKAL, Omar | Pożizzjoni: Kap, Moviment tal-Kumitati Rivoluzzjonarji<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 6. | AL-BAGHDADI, Dr Abdulqader Mohammed | Pożizzjoni: Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Kumitati Rivoluzzjonarji<br>B010574<br>Data tat-twelid: 01/07/1950 | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 7. | DIBRI, Abdulqader Yusef | Pożizzjoni: Kap tas-sigurtà personali ta' Muammar QADHAFI.<br>Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Houn, il-Libja | Responsabbiltà għas-sigurtà tar-reġim. Storja ta' vjolenza kontra dissidenti. | 28.2.2011 |
| 8. | DORDA, Abu Zayd Umar | Pożizzjoni: Direttur, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Fidil għar-reġim. Kap tal-aġenzija tal-intelligence esterna. | 28.2.2011 |
| 9. | JABIR, Ġeneral Maġġur Abu Bakr Yunis | Pożizzjoni: Ministru tad-Difiża.<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Jalo, il-Libja | Responsabbiltà ġenerali għall-azzjonijiet tal-forzi armati. | 28.2.2011 |
| 10. | MATUQ, Matuq Mohammed | Pożizzjoni: Segretarju għall-Utilitajiet<br>Data tat-twelid: 1956<br>Post tat-twelid: Khoms | Membru anzjan tar-reġim. Involvement with Revolutionay Committees. Past history of involvement in suppression of dissent and violence. | 28.2.2011 |
| 11. | QADHAF AL-DAM, Ahmed Mohammed | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: L-Eġittu | Kuġin ta' Muammar QADHAFI. Huwa mifhum li ilu mill-1995 jikkmanda battaljun elitista tal-armata responsabbli għas-sigurtà personali ta' Qadhafi u li għandu rwol ewlieni fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. Huwa kien involut fl-ippjanar ta' operazzjonijiet kontra dissidenti Libjani barra mill-pajjiż u kien direttament involut f'attivitajiet terroristiċi. | 28.2.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inkluż-joni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 12. | QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed | Data tat-twelid: 1948<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kuġin ta' Muammar QADHAFI. Fit-tmeninijiet, Sayyid kien involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament responsabbli għal diversi mwiet fl-Ewropa. ta' armi. | 28.2.2011 |
| 13. | QADHAFI, Mohammed Muammar | Pożizzjoni: Chairman tal-Kumpannija Ġenerali tal-Posta u t-Telekomunikazzjoni<br>Data tat-twelid: 1970<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar- reġim. | 28.2.2011 |
| 14. | QADHAFI, Saadi | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Speċjali<br>Nru tal-passaport 014797<br>Data tat-twelid: 25/05/1973<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar- reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni ta' dimostrazzjonijiet. | 28.2.2011 |
| 15. | QADHAFI, Saif al-Arab | Data tat-twelid: 1982<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar- reġim. | 28.2.2011 |
| 16. | AL-SENUSSI, Kurunell Abdullah (Al-Megrahi) | Pożizzjoni: Direttur tal-Intelligence Militari<br>Data tat-twelid: 1949<br>Post tat-twelid: Sudan | Involviment tal-Intelligence Militari fis-soppressjoni ta' dimostrazzjonijiet. Fil-passat, issuspettat bl-involviment fil-massakru tal-ħabs Abu Selim. Ikkundannat in absentia għall-bumbardament ta' titjira tal-UTA. Ħaten Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 17. | AL-BARASSI, Safia Farkash | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Al Bayda, il-Libja | Mart Muammar QADHAFI.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 18. | SALEH, Bachir | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Traghen | Kap tal-Kabinett tal-Mexxej.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 19. | Il-Ġeneral TOHAMI, Khaled | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Genzur | Direttur tal-Uffiċċju għas-Sigurtà Interna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 20. | FARKASH, Mohammed Boucharaya | Data tat-twelid: 1 ta' Lulju 1949<br>Post tat-twelid: Al-Bayda | Direttur tal-intelligence fl-Uffiċċju għas-Sigurtà Esterna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |

*ANNESS IV*

**Lista ta' awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri msemmija fl-Artikoli 7(1), 8(1), 10 u 13(1) u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea**

A. Awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru:

IL-BELĠJU

http://www.diplomatie.be/eusanctions

IL-BULGARIJA

http://www.mfa.government.bg

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

ID-DANIMARKA

http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/

IL-ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA

http://www.mfa.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/Global+Issues/International+Sanctions/

SPANJA

http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones_%20Internacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

L-ITALJA

http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt

IL-LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

L-UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

http://www.minbuza.nl/sancties

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

http://www.msz.gov.pl

IL-PORTUGALL

http://www.min-nestrangeiros.pt

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

IS-SLOVAKKJA

http://www.foreign.gov.sk

IL-FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-ISVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

IR-RENJU UNIT

www.fco.gov.uk/competentauthorities

B. Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea jew għal xi komunikazzjoni oħra magħha:

European Commission
Foreign Policy Instruments Service
CHAR 12/106
B-1049 Bruxelles/Brussel
Belgium

Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu
Tel.: (32 2) 295 55 85
Fax: (32 2) 299 08 73

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 205/2011

## tat-28 ta' Frar 2011

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (1) ("ir-Regolament bażiku tal-anti-dumping"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4), u l-Artikolu 11(3), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li ġie kkonsultat il-Kumitat ta' Konsulenza,

Billi:

### A. **PROĊEDURA**

#### 1. Investigazzjoni preċedenti u miżuri anti-dumping eżistenti

(1) F'Awwissu 2001, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1676/2001 (2), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw, *inter alia*, fl-Indja. Il-miżuri kienu jikkonsistu f'dazju anti-dumping *ad valorem* li jvarja bejn 0 % u 62,6 % impost fuq importazzjonijiet mingħand produtturi esportaturi msemmija individwalment, b'rata ta' dazju residwa ta' 53,3 % fuq importazzjonijiet mingħand il-kumpaniji l-oħrajn kollha.

(2) F'Marzu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 366/2006 (3), il-Kunsill emenda l-miżuri imposti bir-Regolament (KE) Nru 1676/2001. Id-dazju anti-dumping impost varja bejn 0 % u 18 %, wara li tqiesu s-sejbiet tar-reviżjoni ta' skadenza tad-dazji kumpensatorji definittivi li huma dettaljati fir-Regolament (KE) Nru 367/2006 (4).

(3) F'Awwissu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1288/2006 (5), wara reviżjoni interim li tikkonċerna s-sussidju ta' produttur Indjan tat-tertuqa PET, il-Kunsill emenda d-dazju anti-dumping definittiv impost fuq dak il-produttur permezz tar-Regolament (KE) Nru 1676/2001.

(4) F'Settembru 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1424/2006 (6), fuq talba ta' produttur esportatur ġdid, il-Kunsill emenda r-Regolament (KE) Nru 1676/2001 fir-rigward ta' produttur Indjan tat-tertuqa PET. Ir-Regolament emendat stabbilixxa marġini ta' dumping ta' 15,5 % u rata ta' dazju anti-dumping ta' 3,5 % għall-kumpanija kkonċernata wara li tqies il-marġini ta' sussidju fuq l-esportazzjoni tal-kumpanija kif ġie aċċertat fl-investigazzjoni kontra s-sussidji li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 367/2006. Billi l-kumpanija ma kellhiex dazju kumpensatorju individwali, ġiet applikata r-rata stabbilita għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

(5) F'Novembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007 (7), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' tertuqa PET li joriġinaw mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku tal-anti-dumping. Bl-istess Regolament intemmet reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku tal-anti-dumping, limitata għal produttur esportatur Indjan wieħed.

(6) F'Jannar 2009, permezz tar-Regolament (KE) Nru 15/2009 (8), wara reviżjoni interim parzjali mnedija mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha fir-rigward tas-sussidju lil ħames produtturi Indjani tat-tertuqa PET, il-Kunsill emenda d-dazju anti-dumping definittiv impost fuq dawn il-kumpaniji permezz tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007 u d-dazji kumpensatorji definittivi imposti permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1292/2007 żamm ukoll l-estensjoni tal-miżuri għall-Brażil u l-Iżrael waqt li ċerti kumpaniji ġew eżentati. L-aħħar emenda għar-Regolament (KE) Nru 1292/2007 f'dan ir-rigward saret permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 367/2006 fir-rigward tal-għoti ta' eżenzjoni mill-miżuri imposti skont dawk ir-Regolamenti lil esportatur Iżraeljan wieħed ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina fl-Indja u t-tmeim tar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet minn dak l-esportatur (9).

(8) Għandu jiġu nnutat li Vacmet India Limited hija soġġetta għal dazju residwu tal-anti-dumping ta' 17,3 % fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007.

(1) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
(2) ĠU L 227, 23.8.2001, p. 1.
(3) ĠU L 68, 8.3.2006, p. 6.
(4) ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15
(5) ĠU L 236, 31.8.2006, p. 1.
(6) ĠU L 270, 29.9.2006, p. 1.
(7) ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.
(8) ĠU L 6, 10.1.2009, p. 1.
(9) ĠU L 242,15.9.2010, p. 6

### 2. **Miżuri kumpensatorji eżistenti**

(9) Għandu jiġu nnutat ukoll li Vacmet India Limited hija soġġetta għal dazju kumpensatorju ta' 19,1 % fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 367/2006.

### 3. **Talba għal reviżjoni interim parzjali**

(10) Fis-7 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. It-talba, li l-ambitu tagħha kien limitat għall-eżami tad-dumping, tressqet minn Vacmet India Limited, produttur esportatur mill-Indja ("l-applikant"). Fit-talba tiegħu, l-applikant qal li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom ġew imposti l-miżuri nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema. L-applikant ipprovda evidenza *prima facie* li l-impożizzjoni ssuktata tal-miżura fil-livell attwali tagħha m'għadhiex meħtieġa biex tagħmel tajjeb għad-dumping.

### 4. **Il-bidu ta' reviżjoni**

(11) Wara li ġie determinat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' notifika fl-14 ta' Jannar 2010 ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [1] ("in-notifika tal-bidu"), il-bidu ta' reviżjoni parzjali interim, skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, li l-ambitu tagħha huwa limitat għall-eżami tad-dumping fir-rigward tal-applikant.

(12) L-investigazzjoni tar-reviżjoni interim parzjali kienet ukoll biex tivvaluta l-ħtieġa, skont is-sejbiet tar-reviżjoni, li tiġi emendata r-rata ta' dazju li bħalissa hija applikata fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li ma ssemmewx individwalment fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007, jiġifieri r-rata tad-dazju anti-dumping li tapplika għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Indja.

(13) Fl-14 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni ħabbret ukoll, permezz ta' notifika tal-bidu ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2], il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali tal-miżuri kumpensatorji li huma limitati għall-eżami tas-sussidju sa fejn hu kkonċernat l-applikant.

### 5. **L-investigazzjoni**

(14) L-investigazzjoni tal-livell ta' dumping kopriet il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 ("perijodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni" jew "PIR").

(15) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-applikant, u lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur u lill-industrija tal-Unjoni, dwar il-bidu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jinstemgħu.

(16) Biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant u rċeviet tweġiba fiż-żmien ta' skadenza stipulat għal dak l-għan.

(17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni tad-dumping. Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-applikant.

## B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

### 1. **Il-prodott ikkonċernat**

(18) Il-prodott ikkonċernat f'din ir-reviżjoni huwa l-istess bħal dak definit fir-Regolament li jimponi l-miżuri fis-seħħ (ir-Regolament (KE) Nru 1292/2007), jiġifieri t-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET), li toriġina fl-Indja, li attwalment taqa' fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90.

### 2. **Il-prodott simili**

(19) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti, din l-investigazzjoni wriet li t-tertuqa PET prodotta fl-Indja u esportata lejn l-Unjoni u t-tertuqa PET prodotta u mibjugħa lokalment fis-suq Indjan, kif ukoll it-tertuqa PET prodotta u mibjugħa fl-UE mill-produtturi tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi bażiċi.

(20) Għalhekk dawn il-prodotti jitqiesu bħala simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## C. **DUMPING**

(a) *Il-valur normali*

(21) Sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, l-ewwel ġie determinat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili kienx rappreżentattiv skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri jekk dan il-bejgħ domestiku rrappreżentax 5 % tal-volum tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat esportat fl-UE. Il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-prodott simili kien inbiegħ domestikament mill-applikant f'volumi ġeneralment rappreżentattivi. Dan it-test ta' rappreżentazzjoni mbagħad sar fuq bażi ta' tip b'tip. Instab li żewġ tipi ma nbiegħux domestikament.

(22) Sussegwentament, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili jistax jitqies bħala li qiegħed jinbiegħ fil-kors ordinarju tan-negozju skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi, għal dan il-prodott simili mibjugħ fis-suq Indjan, ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ domestiku bi profitt lil klijenti indipendenti matul il-PIR. Instab li aktar minn 90 % tal-bejgħ domestiku kien bi profitt.

[1] ĠU C 8, 14.1.2010, p. 27.
[2] ĠU C 8, 14.1.2010, p. 29.

(23) Għat-tipi ta' prodotti mibjugħa domestikament u li għaddew mit-test ta' rappreżentazzjoni msemmi fil-premessa (21) ta' hawn fuq, ġie stabbilit li għal tip ta' prodott wieħed, it-tranżazzjonijiet domestiċi kollha ma kinux profitabbli u għaldaqstant ma sarux fil-perkors normali tan-negozju skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(24) Għat-tipi ta' prodotti li nbiegħu fi kwantitajiet insuffiċjenti u mibjugħa fil-perkors normali tan-negozju fl-Indja, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa jew pagabbli minn klijenti mhux relatati skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku. Għat-tipi l-oħra, jiġifieri t-tip imsemmi fil-premessa (23) hawn fuq u t-tipi mhux mibjugħa domestikament, il-valur normali ġie mibni fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-manifattura mġarrba mill-applikant għall-mudell esportat inkwistjoni biż-żieda ta' ammont raġonevoli għall-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi (SG&A) u għal profitt skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(25) Meta wieħed jikkunsidra l-livell għoli ta' bejgħ domestiku profitabbli li sar fil-perkors normali tan-negozju, l-ispejjeż tal-SG&A u l-profitt kollha kienu bbażati fuq il-bejgħ domestiku kollu tal-prodott simili fis-suq domestiku.

(b) *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(26) Fil-każijiet kollha fejn it-tertuqa tal-PET kienet esportata direttament lejn klijenti indipendenti fl-UE, il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu stabbiliti skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet attwalment imħallsa jew pagabbli.

(27) Għall-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-UE li sar permezz ta' kumpanija relatata, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet li fuqhom kienu mibjugħa mill-ġdid il-prodotti impurtati lil xerrej indipendenti skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

(28) Għal dan l-iskop, saru aġġustamenti għall-ispejjeż kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni. Marġini raġonevoli għall-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi u profitt kien ukoll imnaqqas għal dan il-bejgħ. Il-perċentwali użati biex jiġi kkalkulat il-profitt u l-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi kienu konformi ma' dawk rappurtati fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-kumpanija relatata.

(c) *Tqabbil*

(29) It-tqabbil bejn il-valur normali medju peżat u l-prezz medju peżat tal-esportazzjoni sar fuq il-bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika u fl-istess livell ta' kummerċ. Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, tqiesu differenzi fil-fatturi li kienu ppruvati li jaffetwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet. Għan dan il-għan, ingħatat konċessjoni xierqa f'forma ta' aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, il-kummissjonijiet, l-ispejjeż finanzjarji u l-ispejjeż tal-ippakkjar imħallsa mill-applikant fejn applikabbli u ġġustifikat.

(d) *Il-marġini tad-dumping*

(30) Kif previst fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju peżat skont it-tip ġie mqabbel mal-prezz medju peżat tal-esportazzjonijiet tat-tip korrispondenti mal-prodott ikkonċernat. Dan it-tqabbil ma weriex l-eżistenza ta' dumping.

## D. **IN-NATURA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKOSTANZI MIBDULA**

(31) Skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat ukoll jekk iċ-ċirkostanzi mibdula allegati mill-applikant jisgħux jiġu kkunsidrati b'mod raġonevoli li huma ta' natura dejjiema.

(32) L-investigazzjoni wriet li l-marġini indikattiva ta' dumping ikkalukulata għall-bejgħ tal-esportazzjoni tal-applikant lill-pajjiżi terzi fil-PIR kienet negattiva wkoll. F'termini ta' volum, dan il-bejgħ kien ħafna ogħla mill-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-UE.

(33) Instab ukoll li l-applikant għamel investimenti sinifikanti mill-2007 "l quddiem biex itejjeb il-proċess ta" produzzjoni tiegħu u biex jipproduċi l-materja prima bażika li hija meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Dawn il-bidliet irriżultaw, b'mod partikolari, fi tnaqqis ta'spejjeż u għaldaqstant spjegaw l-impatt dirett fuq il-marġini tad-dumping tal-Kumpanija. Din il-bidla fiċ-ċirkostanzi tista' titqies bħala waħda ta' natura dejjiema.

(34) Għalhekk tqies li ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tnedija ta' din ir-reviżjoni interim mhumiex probabbli li jinbidlu fil-futur qrib b'mod li jaffettwaw is-sejbiet tar-reviżjoni interim preżenti. Għalhekk, ġie konkluż li ċ-ċirkostanzi mibdula huma ta' natura dejjiema u li l-applikazzjoni tal-miżura anti-dumping fil-livell attwali tagħha m'għadhiex aktar ġustifikata.

## E. **IL-MIŻURI ANTI-DUMPING**

(35) Fid-dawl tar-riżultati ta' din l-investigazzjoni għal reviżjoni, huwa kkunsidrat xieraq li d-dazju anti-dumping applikabbli fuq l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-applikant jiġi emendat għal 0 %.

(36) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 24(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1], l-ebda prodott m'għandu jkun soġġett kemm għal dazju anti-dumping kif ukoll għal dazji kumpensatorji għall-fini li tiġi indirizzata l-istess sitwazzjoni li tirriżulta minn

[1] ĠU L 188, 18.7.2009 p. 93.

dumping jew mill-issussidjar għall-esportazzjoni. Kif imsemmi fil-premessa (9) hawn fuq, l-applikant huwa soġġett għal dazju kumpensatorju. Billi d-dazju anti-dumping stabbilit għall-applikant huwa ta' 0 % fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, din is-sitwazzjoni ma tirriżultax f'dan il-każ.

(37) Il-partijiet interessati kienu infurmati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li tiġi proposta emenda għar-rata tad-dazju applikabbli għall-applikant u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(38) Il-kummenti verbali u bil-miktub imressqa mill-partijiet ġew ikkunsidrati u, fejn xieraq, is-sejbiet definittivi ġew immodifikati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

It-tabella fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007 hija b'dan emendata billi jiżdied dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "Vacmet India Limited, Anant Plaza, IInd Floor, 4/117-2 A, Civil Lines, Church Road, Agra-282002, Uttar Pradesh, India | 0,0 | A992" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

FELLEGI T.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 206/2011

## tat-28 ta' Frar 2011

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġinaw fl-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 15(1), 19(1) u 22(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li ġie kkonsultat il-Kumitat ta' Konsulenza,

Billi:

### A. PROĊEDURA

### 1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri kumpensatorji eżistenti

(1) F'Diċembru 1999, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2597/1999 ([2]), il-Kunsill impona dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) ("il-prodott ikkonċernat") li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90, li joriġinaw fl-Indja. Il-miżuri kellhom l-għamla ta' dazju kumpensatorju *ad valorem*, li jvarja bejn 3,8 % u 19,1 % impost fuq importazzjonijiet minn esportaturi msemmija individwalment, b'rata ta' dazju residwali ta' 19,1 % imposta fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-kumpaniji l-oħra kollha. Il-perijodu tal-investigazzjoni oriġinali kien mill-1 ta' Ottubru 1997 sat-30 ta' Settembru 1998.

(2) F'Marzu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2006 ([3]) ("ir-Regolament (KE) Nru 367/2006"), il-Kunsill, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, żamm id-dazju kumpensatorju definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 2597/1999 dwar importazzjonijiet ta' film PET li joriġinaw fl-Indja. Il-perijodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni kien mill-1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004.

(3) F'Awwissu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1288/2006 ([4]), wara reviżjoni interim li tikkonċerna s-sussidji lil produttur Indjan tat-tertuqa tal-PET, il-Kunsill emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq din il-kumpanija bir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(4) F'Settembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1124/2007 ([5]), wara reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna s-sussidjar ta' produttur Indjan ieħor tat-tertuqa tal-PET, il-Kunsill emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq din il-kumpanija bir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(5) F'Jannar 2009, permezz tar-Regolament (KE) Nru 15/2009 ([6]), il-Kunsill, wara reviżjoni interim parzjali mnedija mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha fir-rigward tas-sussidjar ta' ħames produtturi Indjani tal-folja tal-PET, emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq dawn il-kumpaniji bir-Regolament (KE) Nru 367/2006 u d-dazji anti-dumping definittivi imposti mir-Regolament (KE) Nru 1292/2007 ([7]).

(6) F'Ġunju 2010, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 579/2010 ([8]), wara reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna s-sussidjar ta' produttur Indjan tat-tertuqa tal-PET, il-Kunsill emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq din il-kumpanija bir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(7) Għandu jiġi nnutat li Vacmet India Limited bħalissa hija soġġetta għal dazju kumpensatorju ta' 19,1 % fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 367/2006.

### 2. Miżuri anti-dumping eżistenti

(8) Għandu jiġi nnutat li Vacmet India Limited hija soġġetta għal dazju anti-dumping ta' 17,3 % fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007.

### 3. Il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali

(9) Fis-7 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. It-talba, li l-ambitu tagħha kien limitat għall-eżami tas-sussidjar, tressqet minn Vacmet India Limited, produttur esportatur mill-Indja ("l-applikant"). Fit-talba tiegħu, l-applikant qal li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom ġew imposti l-miżuri nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema. L-applikant ipprovda evidenza prima facie li m'għadx hemm bżonn li l-miżura tiġi imposta fil-livell attwali tagħha biex tagħmel tajjeb għas-sussidjar.

([1]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([2]) ĠU L 316, 10.12.1999, p. 1.
([3]) ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15.
([4]) ĠU L 236, 31.8.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 255, 29.9.2007, p. 1.
([6]) ĠU L 6, 10.1.2009, p. 1.
([7]) ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.
([8]) ĠU L 168, 2.7.2010, p. 1.

(10) Meta ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ħabbret fl-14 ta' Jannar 2010, permezz ta' notifika ppubblikata F'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (1) ("in-notifika tal-bidu"), il-bidu ta' reviżjoni parzjali interim skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, li l-ambitu tagħha huwa limitat għall-eżami tas-sussidjar fir-rigward tal-applikant.

(11) L-investigazzjoni tar-reviżjoni interim parzjali kellha tivvaluta wkoll il-bżonn, skont ir-riżultati tar-reviżjoni, li tiġi emendata r-rata tad-dazju li bħalissa hija applikata lill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat u li ma ssemmewx individwalment fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 367/2006, jiġifieri r-rata tad-dazju li tapplika għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Indja.

(12) Il-Kummissjoni ħabbret ukoll fl-14 ta' Jannar 2010, permezz ta' notifika tal-bidu ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (2), il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping limitata fl-ambitu għall-eżami tad-dumping sa fejn hu kkonċernat l-applikant.

### 4. L-investigazzjoni

(13) L-investigazzjoni tal-livell ta' sussidjar kopriet il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 ("il-perjodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni" jew "PIR").

(14) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-applikant, lill-Gvern tal-Indja u lill-industrija tal-Unjoni, dwar il-bidu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni interim parzjali Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jinstemgħu.

(15) Biex tkun tista' tikseb it-tagħrif meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant. Barra minn hekk, kien mibgħut kwestjonarju lill-Gvern tal-Indja.

(16) Filwaqt li l-applikant ikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni, l-awtoritajiet rilevanti tal-Gvern tal-Indja ma bagħtux lura l-kwestjonarju qabel l-iskadenza. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset meħtieġ għad-determinazzjoni tas-sussidjar. Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-applikant.

## B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

### 1. Il-prodott ikkonċernat

(17) Il-prodott ikkonċernat f'din ir-reviżjoni huwa l-istess bħal dak definit fir-Regolament li jimponi l-miżuri fis-seħħ (ir-Regolament (KE) Nru 367/2006), jiġifieri tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET), li toriġina fl-Indja, u li attwalment taqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90.

### 2. Il-prodott simili

(18) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti, din l-investigazzjoni wriet li lt-tertuqa tal-PET prodotta fl-Indja u esportata lejn l-Unjoni u t-tertuqa tal-PET prodotta u mibjugħa lokalment fis-suq Indjan, kif ukoll it-tertuqa tal-PET prodotta u mibjugħa fl-UE mill-produtturi tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi bażiċi.

(19) Għalhekk, dawn il-prodotti jitqiesu li huma simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

## C. SUSSIDJAR

### 1. Introduzzjoni

Skemi Nazzjonali

(20) Fuq il-bażi tal-informazzjoni mressqa mill-applikant u l-industrija tal-Unjoni, l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji, ġew investigati:

(a) L-Iskema tal-Passbook għall-Intitolar tad-Dazji;

(b) L-Iskema tal-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni;

(c) L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni bil-quddiem (qabel magħrufa bħala l-Iskema tal-Liċenzja bil-Quddiem);

(d) Sussidji Kapitali.

(21) L-iskemi (a) sa (c) speċifikati hawn fuq huma bbażati fuq l-Att tal-1992 dwar il-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-Gvern tal-Indja biex joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u l-importazzjoni. Dawn huma mogħtija fil-qosor fid-dokumenti tal-"Politika tal-Kummerċ Barrani", li jinħarġu mill-Ministeru tal-Kummerċ kull ħames snin u jiġu aġġornati regolarment. Żewġ dokumenti tal-Politika tal-Kummerċ Barrani huma rilevanti għall-PIR ta' dan il-każ, jiġifieri, FT-policy 04-09 u FT-policy 09-14. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Indja stabbilixxa wkoll il-proċeduri li jirregolaw l-FT-policy 04-09 u l-FT-policy 09-14 f'"Manwal tal-Proċeduri, Volum I" ("HOP I 04-09" u "HOP I 09-14" rispettivament). Il-Manwal tal-Proċeduri jiġi aġġornat ukoll fuq bażi regolari.

(1) ĠU C 8, 14.1.2010, p. 29.
(2) ĠU C 8, 14.1.2010, p. 27.

(22) L-iskema speċifikata hawn fuq fil-punt (d) hija amministrata mill-awtoritajiet tal-Istat ta' Uttar Pradesh.

### 2. L-Iskema tal-Passbook għall-Intitolar tad-Dazji ("DEPBS")

(a) *Bażi Legali*

(23) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-DEPBS tinsab fil-paragrafi 4.3 tal-FT-policy 04-09 u l-FT-policy 09-14 kif ukoll fil-Kapitolu 4 tal-HOP I 04-09 u tal-HOP I 09-14.

(b) *Eliġibbiltà*

(24) Kull produttur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

(c) *Implimentazzjoni prattika tad-DEPBS*

(25) Esportatur jista' japplika għall-krediti tad-DEPBS li jiġu kkalkulati bħala perċentwali tal-valur ta' prodotti esportati skont din l-iskema. Dawn ir-rati DEPBS kienu stabbiliti mill-awtoritajiet Indjani għal ħafna mill-prodotti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Huma jkunu ddeterminati fuq il-bażi tan-Normi Standard ta' Input-Output (standard input-output norms, "SIONs"), billi jkun ikkunsidrat il-kontenut preżunt importat ta' inputs fil-prodott esportat u l-inċidenza tad-dazju doganali tal-importazzjoni fuq dawn l-importazzjonijiet preżunti, mingħajr ma jingħata każ jekk id-dazji tal-importazzjoni effettivament tħallsux jew le.

(26) Biex tkun eliġibbli għall-benefiċċji taħt din l-iskema, kumpanija trid tesporta. Fiż-żmien tat-transazzjoni ta' esportazzjoni, għandha ssir dikjarazzjoni mill-esportatur lill-awtoritajiet fl-Indja li tindika li l-esportazzjoni qed isseħħ skont id-DEPBS. Sabiex il-merkanzija tkun esportata, l-awtoritajiet Indjani tad-dwana joħorġu polza tal-esportazzjoni waqt il-proċedura li matulha l-merkanzija tintbagħat. Dan id-dokument juri, inter alia, l-ammont ta' kreditu DEPBS li għandu jkun mogħti għal dik it-transazzjoni ta' esportazzjoni. F'dan il-punt, l-esportatur ikun jaf il-benefiċċju li ser jirċievi. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu l-polza tal-esportazzjoni, il-Gvern tal-Indja ma jkollu l-ebda diskrezzjoni fuq l-għoti tal-kreditu tad-DEPBS.

(27) Instab li skont l-istandards tal-kontabilità Indjani, il-krediti tad-DEPBS jistgħu jitniżżlu fuq il-bażi tad-dovuti bħala dħul fil-kontijiet tal-kummerċ, malli jiġi sodisfatt l-obbligu tal-esportazzjoni. Dawn il-krediti jistgħu jintużaw biex jitħallsu d-dazji doganali fuq importazzjonijiet sussegwenti ta' kwalunkwe prodott – ħlief prodotti kapitali u prodotti fejn ikun hemm restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni. Prodotti importati b'dawn il-krediti jistgħu jinbiegħu fis-suq domestiku (soġġetti għal taxxa tal-bejgħ) jew użati mod ieħor. Il-krediti tad-DEPBS huma trasferibbli mingħajr l-ebda ostakolu u validi għal perijodu ta' 12-il xahar mid-data tal-ħruġ.

(28) L-applikazzjoni għal krediti DEPBS tiġi ffajljata elettronikament u tista' tkopri ammont mingħajr limitu ta' transazzjonijiet tal-esportazzjoni. De facto ma japplikawx skadenzi stretti għal krediti DEPBS. Is-sistema elettronika użata għall-immaniġġjar tad-DEPBS ma teskludix awtomatikament it-transazzjonijiet tal-esportazzjoni li jaqbżu l-iskadenza għas-sottomissjoni msemmija fil-Kapitolu 4.47 tal-HOP I 04-09 u 09-14. Barra minn hekk, kif stipulat b'mod ċar fil-Kapitolu 9.3 tal-HOP I 04-09 u 09-14, l-applikazzjonijiet li jaslu wara d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni dejjem jistgħu jiġu kkunsidrati soġġetti għall-impożizzjoni ta' penali minuri (jiġifieri 10 % tal-intitolament).

(29) Instab li l-applikant uża din l-iskema matul il-PIR.

(d) *Konklużjonijiet dwar id-DEPBS*

(30) Id-DEPBS tipprovdi sussidji fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu ta' DEPBS huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Indja peress li l-kreditu eventwalment ikun użat sabiex ipatti għad-dazji ta' importazzjoni, għalhekk inaqqas id-dħul tal-Gvern tal-Indja mid-dazji li kieku jkunu dovuti. Barra minn hekk, il-kreditu DEPBS jagħti benefiċċju lill-esportatur, għax iżid il-likwidità tal-kumpanija.

(31) Barra dan, id-DEPBS huwa assoċjat fil-liġi mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk huwa meqjus bħala speċifiku u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(32) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' ħlas lura tad-dazju jew sistema li tissostitwixxi l-ħlas lura tad-dazju fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, il-partita (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għall-ħlas lura tad-dazju) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għas-sostituzzjoni tal-ħlas lura tad-dazju) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, esportatur m'għandu l-ebda obbligu li fil-fatt jikkonsma fil-proċess tal-produzzjoni l-prodotti importati bla ħlas ta' dazju u l-ammont ta' kreditu mhuwiex ikkalkulat b'konnessjoni mal-inputs li fil-fatt jintużaw fil-produzzjoni. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda sistema jew proċedura stabbilita għall-konferma ta' liema inputs jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk ħlas żejjed tad-dazji tal-importazzjoni seħħx skont it-tifsira tal-partita (i) tal-Anness I, u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Fl-aħħar nett, esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji DEPBS irrispettivament minn jekk jimportax xi inputs jew le. Sabiex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta prodotti mingħajr ma juri li kwalunkwe materjal ta' input kien importat. Għalhekk, anki esportaturi li jakkwistaw l-inputs tagħhom kollha lokalment u ma jimportaw ebda prodott li jista' jkun użat bħala input, jibqgħu intitolati għall-benefiċċji mid-DEPBS.

(e) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(33) Skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku u l-metodoloġija tal-kalkolu użata għal din l-iskema fir-Regolament (KE) Nru 367/2006, l-ammont ta' sussidji kumpensabbli kien ikkalkulat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-reċipjent u li nstab li jeżisti matul il-PIR. F'dan ir-rigward, kien ikkunsidrat li l-benefiċċju huwa mogħti lir-reċipjent fil-waqt meta ssir transazzjoni ta' esportazzjoni skont din l-iskema. F'dak il-mument, il-Gvern tal-Indja huwa obbligat li jċedi d-dazji doganali, u dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Wara li l-awtoritajiet doganali joħorġu polza tal-esportazzjoni li turi, fost oħrajn, l-ammont ta' kreditu DEPBS li għandu jingħata għal dik it-transazzjoni tal-esportazzjoni, il-Gvern tal-Indja m'għandu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju jew le. Fid-dawl ta' dan, huwa kkunsidrat xieraq li jiġi valutat il-benefiċċju taħt id-DEPBS bħala s-somma tal-krediti gwadanjati fuq it-transazzjonijiet kollha ta' esportazzjoni li saru taħt din l-iskema matul il-PIR.

(34) Meta saru talbiet iġġustifikati, id-drittijiet li neċessarjament riedu jitħallsu biex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-krediti hekk stabbiliti biex wieħed jasal għall-ammont tas-sussidju bħala n-numeratur, skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku dan l-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-fatturat kollu tal-esportazzjoni matul il-perijodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni bħala d-denominatur xieraq, għaliex is-sussidju huwa kontinġenti mal-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet immanifatturati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(35) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 7,9 %.

### 3. L-Iskema tal-Oġġetti Kapitali għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni ("EPCGS")

(a) *Bażi legali*

(36) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-EPCGS tinsab fil-Kapitolu 5 tal–FT-policy 04-09 u tal-FT-policy 09-14 kif ukoll fil-Kapitolu 5 tal-HOP I 04-09 u tal-HOP I 09-14

(b) *Eliġibbiltà*

(37) Il-manifatturi-esportaturi, in-negozjanti-esportaturi "marbuta" ma' manifatturi sekondarji u dawk li jipprovdu servizz huma eliġibli għal din l-iskema.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

(38) Skont il-kondizzjoni ta' obbligu ta' esportazzjoni, kumpanija hija awtorizzata li timporta prodotti kapitali (prodotti kapitali ġodda u –minn April 2003 – prodotti użati sa massimu ta' 10 snin) b'rata mnaqqas ta' dazju tad-dwana. Għal dan l-għan, il-Gvern tal-Indja joħroġ liċenzja EPCGS fuq applikazzjoni u pagament ta' ħlas. Minn April 2000, l-iskema tipprovdi għal rata tad-dazju tal-importazzjoni mnaqqsa ta' 5 % applikabbli għall-prodotti kapitali kollha importati skont l-iskema.

(39) Id-detentur ta' liċenzja EPCGS jista' wkoll ifittex il-prodotti kapitali minn pajjiżu stess. F'dan il-każ, il-manifattur indiġenu ta' prodotti kapitali jista' japprofitta ruħu mill-benefiċċju ta' importazzjoni ħielsa mid-dazju ta' komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' dawn il-beni kapitali. Alternattivament, il-manifattur indiġenu jista' jitlob il-benefiċċju ta' esportazzjoni meqjus fir-rigward tal-provvista ta' prodotti kapitali lid-detentur ta' liċenzja EPCGS.

(40) Instab li l-applikant uża din l-iskema matul il-PIR.

(d) *Konklużjoni dwar l-iskema tal-EPCG*

(41) L-EPCGS tipprovdi sussidji fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis fid-dazju jikkostitwixxi kontribut finanzjarju mill-Gvern tal-Indja billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul mid-dazju, li kieku kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-dazju jagħti benefiċċju lill-esportatur, għax id-dazji ffrankati mill-importazzjoni jtejbu l-likwidità tal-kumpanija.

(42) Barra minn hekk, l-EPCGS hija soġġetta fil-liġi għall-prestazzjoni tal-esportazzjoni, għaliex liċenzji bħal dawn ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

(43) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' ħlas lura ta' dazju jew sistema li tissostitwixxu l-ħlas lura ta' dazju permissibbli fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Il-prodotti kapitali mhumiex koperti mill-ambitu ta' dawn is-sistemi permissibbli, kif stabbilit fl-Anness I, partita (i), tar-Regolament bażiku, għax mhumiex ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

(e) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(44) L-ammont ta' sussidju kien ikkalkulat, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq prodotti kapitali importati mifruxa fuq perijodu li jirrifletti l-perijodu ta' deprezzament normali ta' dawn il-prodotti kapitali fl-industrija kkonċernata. Skont il-prattika stabbilita, l-ammont ikkalkulat b'dan il-mod, li huwa attribwibbli għall-PIR, kien aġġustat permezz taż-żieda ta' interessi matul dan il-perijodu sabiex ikun rifless il-valur totali tal-benefiċċju maż-żmien. Ir-rata ta' interessi kummerċjali matul il-perijodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni fl-Indja kien ikkunsidrat xieraq għal dan l-iskop. Meta saru t-talbiet ġustifikati, tariffi mħallsa ħlas neċessarjament biex jinkiseb sussidju kienu mnaqqsa skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku.

(45) Skont l-Artikolu 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-fatturat ta' esportazzjoni matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, għaliex is-sussidju jiddependi mill-mod kif tkun marret l-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet immanifatturati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(46) Fir-rigward tal-importazzjonijiet li saru taħt din l-iskema, l-investigazzjoni wriet li hemm għadd ta' prodotti li jistgħu jintużaw kemm għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat kif ukoll għall-produzzjoni ta' prodotti oħra. Madankollu, ġie nnutat li xi prodotti ntużaw f'unità ta' fabbrika li tintuża unikament għall-produzzjoni tat-tertuqa tal-PET. Għadaqstant, f'termini tal-kalkolu tal-benefiċċju lill-applikant, id-denominatur li għandu jintużaw għal dawn il-prodotti jkun il-fatturat tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat u mhux il-fatturat tal-esportazzjoni totali.

(47) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 2,4 %.

4. **Skema ta' Awtorizzazzjoni Bil-Quddiem (Advance Authorisation Scheme, "AAS")**

(a) *Bażi legali*

(48) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-iskema tinsab fil-paragrafi 4.1.1 sa 4.1.14 tal-FT-policy 04-09 u FT-policy 09-14 kif ukoll fil-Kapitolu 4.1 sa 4.30 tal-HOP I 04-09 u tal-HOP I 09-14. Din l-iskema kienet imsemmija Skema tal-Liċenzja bil-Quddiem matul l-investigazzjoni preċedenti li wasslet għall-impożizzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 367/2006, tad-dazju kumpensatorju definittiv preżentament fis-seħħ.

(b) *Eliġibbiltà*

(49) L-AAS tikkonsisti f'sitt sottoskemi, kif deskritt f'iktar dettall fil-premessa (50). Dawk is-sottoskemi huma differenti inter alia fl-ambitu tal-eliġibbiltà. Il-manifatturi-esportaturi u n-negozjanti-esportaturi "marbuta" ma' manifatturi ta' sostenn huma eliġibbli għall-esportazzjonijiet fiżiċi AAS u għall-AAS għal sottoskemi ta' rekwiżit annwali. Il-manifatturi-esportaturi li jfornu l-esportatur finali huma eliġibbli għall-AAS għall-provvisti intermedji. Kuntratturi ewlenin li jipprovdu lill-kategoriji ta' "esportazzjoni meqjusa" msemmija fil-paragrafu 8.2 tal-FT-policy 04-09, bħal fornituri ta' unità orjentata lejn l-esportazzjoni ("EOU"), huma eliġibbli għas-sottoskema tal-esportazzjoni meqjusa tal-AAS. Eventwalment, fornituri intermedji għall-manifatturi esportaturi huma eliġibbi għal benefiċċji ta' "esportazzjoni meqjusa" skont is-sottoskemi tal-Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem ("ARO") u ħruġ ta' ittra ta' kreditu interna immedjatament kif tagħlaq dik ta' qabel.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

(50) Awtorizzazzjonijiet bil-quddiem jistgħu jinħarġu għal:

(i) *Esportazzjonijiet fiżiċi:* Din hi s-sottoskema ewlenija. Tippermetti importazzjoni bla dazju ta' materjali ta' input għall-produzzjoni li tirriżulta fi prodott ta' esportazzjoni speċifiku. "Fiżiku" F'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Konċessjoni ta' importazzjoni u obbligu ta' esportazzjoni inkluż it-tip ta' prodott ta' esportazzjoni huma speċifikati fil-liċenzja;

(ii) *Rekwiżit annwali:* Din l-awtorizzazzjoni mhix konnessa ma' prodott ta' esportazzjoni speċifiku, iżda ma' grupp ta' prodotti aktar wiesa' (eż. prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur ta' liċenzja jista'-sa ċertu limitu fil-valur iffissat skont kif tkun marret l-esportazzjoni fil-passat - jimporta bla ħlas ta' dazju kull input li jkun ser jintuża fil-manifattura ta' kull oġġett li jaqa' f'dan il-grupp ta' prodotti. Jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott li jirriżulta u li huwa fil-grupp ta' produzzjoni li juża dan il-materjal eżenti mid-dazju;

(iii) *Provvisti intermedji:* Din is-sottoskema tkopri l-każijiet meta żewġ manifatturi jkun beħsiebhom jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess ta' produzzjoni. Il-manifattur-esportatur li jipproduċi l-prodott intermedju jista' jimporta materjali ta' input mingħajr dazju u jista' jikseb għal dan l-għan AAS għal provvisti intermedji. L-esportatur finali jiffinalizza l-produzzjoni u huwa obbligat li jesporta l-prodott lest;

(iv) *Meqjusa bħala esportati:* Din is-sottoskema tippermetti lil kuntrattur prinċipali li jimporta bla ħlas ta' dazju l-inputs meħtieġa fil-produzzjoni ta' prodotti li se jinbiegħu bħala "meqjusa bħala esportati" lill-kategoriji ta' klijenti msemmija fil-paragrafu 8.2(b) sa (f), (g), (i) u (j) tal-FT-policy 04-09. Meqjusa bħala esportati tirreferi għal dawk it-transazzjonijiet li fihom l-oġġetti fornuti ma jħallux il-pajjiż. Numru ta' kategoriji ta' provvista huma kkunsidrati bħala oġġetti meqjusa esportati sakemm il-prodotti jkunu manifatturati fl-Indja, eż. provvista ta' prodotti lejn EOU jew lejn kumpanija lokalizzata f'żona ekonomika speċjali ("SEZ");

(v) *Advance Release Order ("ARO"):* Id-detentur tal-AAS li għandu l-intenzjoni li jġib l-inputs minn sorsi indiġeni, minflok ma jimporta direttament, għandu l-għażla li jġibhom permezz tal-AROs. F'dawn il-każijiet l-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem huma validati bħala AROs u huma endorsjati lill-fornitur indiġenu wara kunsinna tal-oġġetti speċifikati fiha. L-endorsjar tal-ARO tintitola lill-fornitur indiġenu għall-benefiċċji fuq oġġetti meqjusa esportati kif speċifikat fil-paragrafu 8.3 tal-FT-policy 04-09 (fi kliem ieħor AAS għal provvisti intermedji/oġġetti meqjusa esportati, ħlas lura ta' dazju mħallas fuq oġġetti meqjusa esportati u r-rifużjoni ta' dazju tas-sisa finali). Il-mekkaniżmu ARO jirrifondi t-taxxi u d-dazji lill-fornitur

minflok ma jirrifondihom lill-esportatur finali fil-forma ta' ħlas lura/rifużjoni tad-dazji. Ir-rifużjoni tat-taxxi/dazji hija disponibbli għal inputs indiġeni kif ukoll inputs importati;

(vi) *Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra:* Din is-sottoskema tkopri għal darb'oħra provvisti indiġeni lil detentur tal-Awtorizzazzjoni bil-Quddiem. Id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem jista' javviċina bank biex jiftaħ ittra ta' kreditu interna favur fornitur indiġenu. L-awtorizzazzjoni tiġi vvalidata mill-bank għall-importazzjoni diretta, b'konnessjoni biss mal-valur u l-volum ta' oġġetti miġjuba minn sorsi indiġeni minflok ma jkunu importati. Il-fornitur indiġenu għandu jkun intitolat għal benefiċċji fuq oġġetti meqjusa esportati kif stabbiliti fil-paragrafu 8.3 tal-FT-policy 04-09 (fi kliem ieħor, AAS għal provvisti intermedji/oġġetti meqjusa esportati, ħlas lura ta' oġġetti meqjusa esportati u rifużjoni tad-dazju tas-sisa finali).

(51) L-applikant irċieva konċessjonijiet skont l-AAS konnessi mal-prodott ikkonċernat matul il-PIR. L-applikant għamel użu minn waħda mis-sottoskemi, jiġifieri l-esportazzjonijiet fiżiċi AAS. Għalhekk mhux neċessarju li jkun stabbilit l-ammont ta' kumpens tas-sottoskemi mhux użati li jibqa'.

(52) Għal skopijiet ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem huwa legalment obbligat li jżomm "kont veru u propju tal-konsum u utilizzazzjoni ta' prodotti bla dazju importati/akkwistati domestikament" f'format speċifikat (il-kapitoli 4.26, 4.30 u l-Appendiċi 23 HOP I 04-09 u HOP I 09-14), jiġifieri reġistru tal-konsum attwali. Dan ir-reġistru għandu jkun ivverifikat minn kontabilista estern irreġistrat/kontabilista tal-ispejjeż u x-xogħol li joħroġ ċertifikat li jiddikjara li r-reġistri preskritti u r-rekords relevanti ġew eżaminati u li l-informazzjoni mogħtija skont l-Appendiċi 23 hija vera u korretta F'kull rigward.

(53) Fir-rigward tas-sottoskema użata matul il-PIR mill-applikant, jiġifieri dik tal-esportazzjonijiet b'mod fiżiku, il-konċessjoni ta' importazzjoni kif ukoll l-obbligu ta' esportazzjoni huma ffissati fil-volum u fil-valur mill-Gvern tal-Indja u jiġu dokumentati fuq l-Awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fil-waqt tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, it-transazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu dokumentati minn uffiċjali tal-Gvern fuq l-Awtorizzazzjoni. Il-volum tal-importazzjonjiet permessi skont l-AAS huwa determinat mill-Gvern tal-Indja fuq il-bażi ta' regoli standard ta' input-output ("SIONs") li jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-prodotti inkluż il-prodott ikkonċernat. Il-materjal importat biex jintuża bħala input ma jkunx transferibbli u jrid jintuża biex ikun maħdum il-prodott esportat li jirriżulta. L-obbligu ta' esportazzjoni għandu jiġi sodisfatt fil-limitu ta' żmien preskritt wara l-ħruġ tal-liċenzja (24 xahar b'żewġ estensjonijiet possibbli ta' 6 xhur kull wieħed).

(54) L-investigazzjoni tar-reviżjoni interim attwali stabbilixxiet li r-rekwiżiti tal-verifika stipulati mill-awtoritajiet Indjani ma kinux onorati u ma ġewx ittestjati fil-prattika. L-applikant ma żammx sistema li biha wieħed ikun jista' jivverifika liema inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti, kif stipulat mill-Politika tal-Kummerċ Barrani (l-Appendiċi 23) u skont l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, ma kienx hemm rekords ta' konsum effettiv.

(55) Il-bidliet fl-amministrazzjoni tal-FT-policy 04-09, li saru effettivi fil-ħarifa tal-2005 (it-trasmissjoni mandatorja tar-reġistru tal-konsum lill-awtoritajiet Indjani fil-kuntest tal-proċedura ta' redenzjoni) għadhom ma ġewx applikati fil-każ tal-applikant. Għalhekk, l-implimentazzjoni *de facto* ta' din id-dispożizzjoni ma setgħetx tiġi vverifikata, f'dan l-istadju.

(d) *Konklużjoni dwar l-AAS*

(56) L-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni hija sussidju fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri kontribut finanzjarju tal-Gvern tal-Indja li jagħti benefiċċju lill-esportatur investigat.

(57) Barra dan, l-AAS għall-esportazzjonijiet b'mod fiżiku hija b'mod ċar kontinġenti fil-liġi fuq kif tkun marret l-esportazzjoni, u għalhekk hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku. Mingħajr obbligu li tesporta, kumpanija ma tistax tikseb benefiċċji minn din l-iskema.

(58) Is-sottoskema użata fil-każ preżenti ma tistax titqies bħala sistema permissibbli ta' ħlas lura tad-dazju jew sistema ta' sostituzzjoni ta' ħlas lura tad-dazju fil-kuntest tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Dan ma jikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-Anness I il-partita (i), l-Anness II (definizzjoni u regoli għal ħlas lura tad-dazju) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għal sostituzzjoni tal-ħlas lura tad-dazju) tar-Regolament bażiku. Il-Gvern tal-Indja ma applikax effettivament is-sistema jew il-proċedura ta' verifika l-ġdida jew l-antika tiegħu sabiex jikkonferma jekk kinux ikkunsmati inputs, u F'liema ammonti, fil-produzzjoni tal-prodott esportat (l-Anness II(II)(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi li jissostitwixxu l-ħlas lura tad-dazju, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Is-SIONs għall-prodott ikkonċernat ma kinux preċiżi biżżejjed. Is-SIONs infushom ma jistgħux jitqiesu bħala sistema ta' verifika tal-konsum attwali, għaliex l-għamla ta' dawk in-normi standard ma tippermettix lill-Gvern tal-Indja li jivverifika b'biżżejjed preċiżjoni liema ammonti ta' inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni għall-esportazzjoni. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Indja m'għamilx eżami addizzjonali bbażat fuq l-inputs effettivament użati fil-produzzjoni, għalkemm dan normalment jeħtieġ li jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(II)(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku).

(59) Is-sottoskema hija għalhekk kumpensabbli.

(e) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(60) Fin-nuqqas ta' sistemi permessi ta' ħlas lura tad-dazju jew sistemi ta' sostituzzoni ta' ħlas lura, il-benefiċċju kumpensabbli huwa r-remissjoni tad-dazji tal-importazzjoni totali normalment dovuti mal-importazzjoni tal-inputs. F'dan ir-rigward, huwa osservat li r-Regolament bażiku ma jipprovdix biss għall-ammont kumpensatorju tar-remissjoni "żejda" mid-dazji. Skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Anness I(i) tar-Regolament bażiku, huwa biss meta l-kondizzjonijiet tal-Annessi II u III tar-Regolament bażiku jkunu milħuqa li r-remissjoni żejda mid-dazji tkun kumpensata. Madankollu, dawn il-kondizzjonijiet ma kinux sodisfatti fil-każ preżenti. Għalhekk, jekk ma jkunx muri proċess ta' sorveljanza adegwat, l-eċċezzjoni msemmija hawn fuq għal skemi ta' ħlas lura tad-dazju mhix applikabbli u tapplika r-regola normali tal-ammont kumpensatorju fuq l-ammont ta' dazji mhux imħallsa (dħul ċedut), pjuttost milli kwalunkwe remissjoni żejda intenzjonata. Kif stabbilit fl-Annessi II(II) u III(II) tar-Regolament bażiku, mhijiex ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-investigazzjoni li tikkalkula din ir-remissjoni żejda. Bil-maqlub ta' dan, skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha tistabbilixxi biss evidenza suffiċjenti sabiex tirrifjuta l-adegwatezza tas-sistema ta' verifika allegata.

(61) L-ammont ta' sussidju għall-applikant li uża l-AAS kien ikkalkolat abbażi ta' dazji tal-importazzjoni ċeduti (dazju doganali bażiku u dazju doganali addizzjonali speċjali) fuq il-materjal impurtat skont is-sottoskema matul il-PIR (numeratur). Skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, il-ħlas imġarrab neċessarjament sabiex jinkiseb is-sussidju tnaqqsu mill-ammont tas-sussidju meta saru talbiet ġustifikati. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju kien allokat fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, għax is-sussidju huwa marbut mal-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma kienx mogħti b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(62) Ir-rata tas-sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema għall-applikant matul il-PIR jammonta għal 0,2 %.

5. **Sussidji Kapitali**

(a) *Bażi legali*

(63) F'investigazzjonijiet preċedenti rigward it-tertuqa tal-PET, inkluż l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni, bir-Regolament (KE) Nru 367/2006 tad-dazju kumpensatorju definittiv attwalment fis-seħħ, ġew investigati diversi skemi tal-Istati Indjani li jinvolvu inċentivi mogħtija lil kumpaniji lokali. L-Iskemi tal-Istat jaqgħu taħt it-titlu "Pakkett ta' Skemi ta' Inċentivi" billi jista' jkun hemm tipi differenti ta' inċentivi involuti. L-investigazzjoni preċedenti stabbiliet li l-intitolament ta' kumpanija għal benefiċċji tista' tiġi stipulata fiċ-"Ċertifikat ta' Eliġibbiltà" jew "iċ-Ċertifikat ta' Intitolament". Madankollu, bħal fl-investigazzjoni preżenti, jista' jkun hemm sussidji ad hoc bħal sussidji kapitali.

(b) *Eliġibilità*

(64) Sabiex ikunu eliġibbli, il-kumpaniji għandhom, bħala regola ġenerali, jinvestu f'żoni inqas żviluppati ta' stat jew permezz tat-twaqqif ta' stabbiliment industrijali ġdid jew permezz tal-ħolqien ta' investiment kapitali fuq skala kbira jew diversifikazzjoni ta' stabbiliment industrijali eżistenti.

(c) *Implimentazzjoni prattika*

(65) Skont ir-rispons għall-kwestjonarju, fl-2009 l-applikant irċieva ammont sinifikanti bħala sussidju kapitali għat-twaqqif ta' faċilitajiet tal-produzzjoni ġodda mill-Gvern ta' Uttar Pradesh ("GUP"). Ġie spjegat li dan is-sussidju kapitali mogħti huwa marbut mat-twaqqif ta' faċilitajiet tal-produzzjoni ġodda, jiġifieri biex jitkopru l-ispejjeż għall-investimenti li saru mill-applikant. Skont l-applikant, kien sussidju pur fl-għamla ta' għotja biex tittejjeb l-ekwità.

(66) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-applikant huwa eliġibbli għal rifużjonijiet tal-VAT u t-Taxxa Ċentrali fuq il-Bejgħ (CST) mid-Dipartiment tat-Taxxa Kummerċjali ta' Uttar Pradesh minħabba l-investimenti li saru qabel. Fiċ-"Ċertifikat tal-Eliġibilità" hemm limitu li l-kumpanija tista' tikklejmja. L-iskema ntużat mill-kumpanija fuq erba' snin. Kull xahar, intalbu rifużjonijiet tal-VAT u s-CST imħallsa fuq bejgħ intrastatali u interstatali rispettivament, inkluż matul il-PIR.

(d) *Konklużjoni*

(67) Is-sussidju kapitali huwa trasferiment dirett ta' fondi, jiġifieri għotja lill-applikant. Huwa sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Huwa kontribut finanzjarju mill-Gvern Statali ta' Uttar Pradesh li jagħti benefiċċju dirett lill-applikant.

(68) Ir-rifużjoni tal-VAT u s-CST tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Ir-rifużjoni tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Istat ta' Uttar Pradesh billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul fiskali tal-Gvern tal-Istat li kieku kienet tkun dovuta. Barra minn hekk, ir-rifużjoni tat-taxxa tagħti benefiċċju lill-applikant billi t-taxxa ffrankata żżid il-likwidità tal-kumpanija.

(69) Is-sussidji fil-liġi ma jiddependux mill-prestazzjoni tal-esportazzjoni. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-Gvern tal-Istat ta' Uttar Pradesh, il-Kummissjoni ma setgħetx tagħmel konklużjoni soda dwar din l-iskema fir-rigward tal-ispeċifiċità u l-applikazzjoni prattika ta' din il-liġi u l-livell ta' diskrezzjoni li l-awtorità tal-għoti għandha meta tiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet. Tabilħaqq, ma jistax jiġi determinat b'ċertezza jekk l-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) huwiex sodisfatt, minħabba li ma jistax jiġi stabbilit li l-Gvern tal-Istat ta' Uttar Pradesh applika kriterji jew kondizzjonijiet oġġettivi għall-għoti tas-sussidju. Għalhekk, anki jekk l-iskema tidher li mhijiex speċifika fil-liġi, għadu mhux ċar li mhijiex speċifika de facto. Konsegwentement, hija meqjusa speċifika u kompensabbli skont l-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) u l-Artikolu 4(2), ir-raba' subparagrafu tar-Regolament bażiku.

(e) *Kalkolu tal-ammont tas-sussidju*

(70) Fir-rigward tas-sussidju kapitali mogħti għat-twaqqif ta' faċilitajiet tal-produzzjoni ġodda, l-ammont tas-sussidju ġie kkalkulat, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tas-sussidju kapitali mifrux fuq perijodu li jirrifletti l-perijodu normali ta' deprezzament/ħajja utli tal-prodotti kapitali f'din l-industrija billi s-sussidju jista' jiġi marbut mal-akkwist ta' assi fissi. L-interessi għandhom jiġu miżjuda mal-ammont sħiħ sabiex jirriflettu l-valur sħiħ tal-benefiċċju maż-żmien. Ir-rata ta' interessi kummerċjali matul il-perijodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni fl-Indja kien ikkunsidrat xieraq għal dan l-iskop. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju kien imbagħad allokat fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni u l-bejgħ domestiku matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, għax is-sussidju mhux assoċjat mal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(71) Fir-rigward tar-rifużjonijiet tal-VAT u s-CST, l-ammont tas-sussidju ġie kkalkulat abbażi tal-ammont tar-rifużjonijiet matul il-PIR. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' sussidju (numeratur) kien imbagħad allokat fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni u l-bejgħ domestiku matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq billi s-sussidju mhux assoċjat mal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(72) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rata tas-sussidju stabbilita għall-applikant fir-rigward ta' dawn is-sussidji kapitali matul il-PIR jammonta għal 0,5 %.

## 6. **Ammont ta' sussidji kumpensabbli**

(73) L-applikant bħalissa huwa soġġett għal dazju kumpensatorju ta' 19,1 %.

(74) Matul ir-reviżjoni interim parzjali preżenti, l-ammont ta' sussidji kumpensabbli għall-applikant, espressi ad valorem, instab li kien ta' 11,0 %, kif imniżżel hawn taħt:

| SKEMA→ | DEPBS (*) | EPCGS (*) | AAS (*) | CS | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| KUMPANIJA ↓ | % | % | % | % | % |
| Vacmet India Limited | 7,9 | 2,4 | 0,2 | 0,5 | 11,0 |

(*) Sussidji mmarkati bi stilla huma sussidji tal-esportazzjoni

(75) Wara li tqies dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni kienet li l-livell tas-sussidjar fir-rigward tal-produttur esportatur ikkonċernat naqas.

## 7. **Miżuri kompensatorji**

(76) Ġie eżaminat ukoll jekk iċ-ċirkostanzi mibdula fir-rigward tal-iskemi eżaminati jistgħux jiġu kkunsidrati li huma ta' natura dejjiema.

(77) L-investigazzjoni kkonfermat li l-ammont tas-sussidju għall-applikant naqas ferm taħt ir-rata tad-dazju li bħalissa hija applikabbli lilu. Dan it-tnaqqis fil-livell globali tas-sussidju huwa dovut primarjament għal tnaqqis sinifikanti fil-benefiċċji li huma disponibbli bid-DEPBS. Abbażi ta' dak li jidher hawn fuq, jidher li hemm indikazzjonijiet li l-applikant ser ikompli jirċievi s-sussidji fil-futur, f'ammont li jkun inqas minn dak li bħalissa huwa soġġett għalih.

(78) Ladarba ġie determinat li l-applikant qed jiġi ssussidjat f'livell ħafna iktar baxx minn qabel u li x'aktarx ikompli jirċievi sussidji f'ammont li jkun aktar baxx minn dak determinat fl-investigazzjoni oriġinali, il-livell tal-miżura għandu għalhekk ikun emendat biex jirrifletti s-sejbiet ġodda.

(79) Fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, ir-rata emendata tad-dazju kumpensatorju għandha tiġi stabbilita bir-rata l-ġdida ta' sussidjar misjuba matul ir-reviżjoni interim parzjali preżenti, billi l-marġni ta' ħsara kkalkulat fl-investigazzjoni oriġinali kontra s-sussidji għadu ogħla.

(80) Skont l-Artikolu 24(1), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, l-ebda prodott m'għandu jkun suġġett għal dazju anti-dumping u dazji kompensatorji flimkien għall-fini li tiġi ttrattata l-istess sitwazzjoni li ġejja minn dumping jew sussidjar tal-esportazzjoni. Madankollu, billi d-dazju anti-dumping stabbilit għall-applikant b'riżultat tar-reviżjoni interim dwar l-anti-dumping għaddejja b'mod parallel huwa 0 % fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, din is-sitwazzjoni mhix rilevanti għal dan il-każ.

(81) Fir-rigward tar-rata tad-dazju applikabbli bħalissa għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi mhux imsemmija individwalment fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 367/2006, jiġifieri d-dazju speċifikat bħala applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Indja, qed jiġi nnutat li l-modalitajiet attwali tal-iskemi investigati u l-kumpensabbiltà tagħhom ma nbidlux fir-rigward tal-investigazzjoni preċedenti. Għalhekk, m'hemmx raġuni biex ikun ikkalkulat mill-ġdid is-sussidju u r-rati tad-dazju ta' dawn il-kumpaniji. Konsegwentement, ir-rati tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji kollha minbarra l-applikant ma jinbidlux.

(82) Il-partijiet interessati ġew infurmati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet ser tiġi proposta emenda għar-rata tad-dazju li tapplika għall-applikant u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(83) Il-kummenti verbali u bil-miktub sottomessi mill-partijiet ġew ikkunsidrati u, fejn xieraq, is-sejbiet definittivi ġew modifikati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 367/2006 hija b'dan emendata billi jiżdied dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "Vacmet India Limited, Anant Plaza, IInd Floor, 4/117-2 A, Civil Lines, Church Road, Agra-282002, Uttar Pradesh, India | 11,0 | A992" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu F'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

FELLEGI T.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 207/2011

## tat-2 ta' Marzu 2011

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XVII (Ossidu ta' difenil, derivat tal-pentabromo u PFOS)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 131 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVII mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jintroduċi restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ossidu ta' difenil, derivat tal-pentabromo u sulfonati tal-perflworoottan (PFOS) skont l-annotazzjonijiet 44 u 53.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ([2]) jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti, minn hawn 'il quddiem 'il-Konvenzjoni', approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE ([3]) u fil-Protokoll tal-1998 mal-Konvenzjoni tal-1979 dwar Tniġġis Transkonfinali fl-Arja li Jwassal fil-Bogħod dwar Pollutanti Organiċi Persistenti, minn hawn 'il quddiem 'il-Protokoll', approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE ([4]).

(3) Wara li ntlaqgħu n-nomini tas-sustanzi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-Norveġja u mill-Messiku, il-Kumitat għall-Analiżi tal-Pollutanti Organiċi Persistenti stabbilit skont il-Konvenzjoni kkonkluda ħidmietu fuq grupp ta' sustanzi li nstabu li jissodisfaw il-kriterji tal-Konvenzjoni. Fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni mill-4 sat-8 ta' Mejju 2009 (minn hawn 'il quddiem 'il-COP4') kien hemm ftehim li jiżdiedu disa' sustanzi mal-Annessi mal-Konvenzjoni inkluż l-ossidu tal-pentabromodifenil u PFOS.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 757/2010 tal-24 ta' Awwissu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-Annessi I u III ([5]) jimplimenta d-Deċiżjonijiet tal-COP 4, billi jinkludi s-sustanzi elenkati fil-Konvenzjoni jew fil-Protokoll jew fit-tnejn li huma fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 850/2004. Dawk is-sustanzi jinkludu l-ossidu tal-pentabromodifenil u l-PFOS Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 jipprojbixxi l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tas-sustanzi elenkati fl-Anness I u jirregola l-ġestjoni tal-iskart li fih dawn is-sustanzi. Fil-każ ta' PFOS, id-derogi applikabbli skont ir-REACH fl-Anness XVII reġgħu qegħdin elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 b'xi emendi biex jirriflettu d-Deċiżjoni COP 4.

(5) Minħabba f'hekk, ir-restrizzjonijiet dwar l-Ossidu ta' difenil, id-derivat tal-pentabromo u l-PFOS fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huma superfluwi u l-annotazzjonijiet 44 u 53 għandhom jitħassru.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jitħassru l-annotazzjonijiet 44 u 53.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.
([3]) ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35.
([5]) ĠU L 223, 25.8.2010, p. 29.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 208/2011

## tat-2 ta' Marzu 2011

## li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 u (KE) Nru 737/2008 dwar listi u ismijiet tal-laboratorji ta' referenza tal-UE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' *equidae* [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(iv) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare [2] tal-annimali, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 55(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi l-ħidmiet, id-dmirijiet u r-rekwiżiti ġenerali għal-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għall-ikel u l-għalf u għas-saħħa tal-annimali u l-annimali ħajjin. Il-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għall-ikel u l-għalf huma mniżżla fil-Parti I u dawk għas-saħħa tal-annimali u l-annimali ħajjin huma mniżżla fil-Parti II tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 tat-28 ta' Frar 2008 li jikkonċerna l-laboratorju ta' referenza tal-Komunità għall-mard tal-ekwini għajr għall-marda Afrikana taż-żwiemel u li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] l-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments(AFSSA) bil-laboratorji ta' riċerka tagħha għall-patoloġija u ż-żoonożi tal-annimali u għall-patoloġija u l-mard tal-ekwini, fi Franza, hija b'dan innominata bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Komunità għal mard tal-ekwini għajr għall-marda Afrikana taż-żwiemel.

(3) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2008 tat-28 ta' Lulju 2008 li jaħtar il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-mard tal-krustaċji, ir-rabja u t-tuberkolożi tal-ifrat, li jistipula responsabbiltajiet u ħidmiet supplementari għal-laboratorji ta' referenza Komunitarja għar-rabja u t-tuberkolożi tal-ifrat u li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5], l-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments(AFSSA) hija b'dan innominata bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Komunità għal mard tar-rabja.

(4) Franza u d-Danimarka infurmaw uffiċjalment lill-Kummissjoni bit-tibdiliet relatati mal-isem tal-laboratorji msemmija f'dawk ir-Regolamenti. Barra minn hekk, wara li daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, il-laboratorji msemmija fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, dawk li qabel kienu msejħa bħala 'laboratorji ta' referenza tal-Komunità' għandhom issa jiġu msejħa bħala 'laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea (UE)'.

(5) Huwa importanti li l-lista ta' laboratorji ta' referenza stabbilita fir-Regolamenti (KE) Nru 882/2004, (KE) Nru 180/2008 u (KE) Nru 737/2008 tinżamm aġġornata. Għalhekk dawk ir-Regolamenti għandhom jiġu emendati skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Fir-Regolament (KE) Nru 180/2008, l-Artikolu 1 jinbidel b'li ġej:

'*Artikolu 1*

1. L-Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES) bil-laboratorji tagħha għas-saħħa tal-annimali u għall-mard tal-ekwini, fi Franza hija b'dan innominata bħala l-Laboratorju ta' Referenza tal-UE għall-mard tal-ekwini għajr għall-marda Afrikana taż-żwiemel mill-1 ta Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2013.

2. Il-funzjonijiet, ħidmiet u l-proċeduri rigward il-kollaborazzjoni mal-laboratorji responsabbli għad-dijanjosi ta' mard li jittieħed tal-*equidae* fl-Istati Membri tal-Laboratorju ta' Referenza tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 huma stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.'

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.
[2] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.
[3] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
[4] ĠU L 56, 29.2.2008, p. 4.
[5] ĠU L 201, 30.7.2008, p. 29.

*Artikolu 3*

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 737/2008, huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-Laboratoire de la rage et de la faune sauvage de Nancy tal-Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES), fi Franza huwa b'dan innominat bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-mard tar-rabja mill-1 ta Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2013."

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

*"ANNESS VII*

**LABORATORJI TA' REFERENZA TAL-UNJONI EWROPEA (UE)**

**(Qabel imsejħa bħala 'LABORATORJI TA' REFERENZA TAL-KOMUNITÀ')**

I. LABORATORJI TA' REFERENZA TAL-UE GĦALL-GĦALF U L-IKEL

1. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib**

   ANSES — Laboratoire de sécurité des aliments
   Maisons-Alfort
   France

2. **Laboratorji ta' referenza tal-UE għall-analiżi u l-ittestjar taż-żoonożi (*salmonella*)**

   Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM)
   Bilthoven
   The Netherlands

3. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-monitoraġġ tal-biotossini marini**

   Agencia Española de Seguridad Alimentaria (AESA)
   Vigo
   Spain

4. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-monitoraġġ tal-kontaminazzjoni virali u batterjoloġika tal-molluski bivalvi**

   The laboratory of the Centre for Environment, Fisheries and Aquaculture Science (Cefas)
   Weymouth
   United Kingdom

5. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għal-*Listeria monocytogenes***

   ANSES - Laboratoire de sécurité des aliments
   Maisons-Alfort
   France

6. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-i*Staphylococci* Koagulażi-pożittivi, inkluż l-i*Staphylococccus aureus***

   ANSES - Laboratoire de sécurité des aliments
   Maisons-Alfort
   France

7. **Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-*Escherichia coli*, inkluż il-Verotoxigenic E. *coli*(VTEC)**

   Istituto Superiore di Sanità (ISS)
   Roma
   Italy

8. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-*Campylobacter***

   Statens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA)
   Uppsala
   Sweden

9. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-parassiti (partikolarment it-*Trichinella*, l-*Echinococcus* u l-*Anisakis*)**

   Istituto Superiore di Sanità (ISS)
   Roma
   Italy

10. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għar-reżistenza antimikrobika**

Fødevareinstituttet
Danmarks Tekniske Universitet
København
Denmark

11. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-proteini tal-annimali fl-għalf**

Centre wallon de recherches agronomiques (CRA-W)
Gembloux
Belgium

12. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għar-residwi mill-mediċini veterinarji u kontaminanti fl-ikel li joriġina mill-annimali**

(a) Għar-residwi elenkati fl-Anness I, il-Grupp A(1), (2), (3) u (4), il-Grupp B 2(d) u l-Grupp B 3(d) tad-Direttiva 96/23/KE:

Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu (RIVM)
Bilthoven
The Netherlands

(b) Għar-residwi elenkati fl-Anness I, il-Grupp B (1) u B (3)(e) tad-Direttiva 96/23/KE u l-*carbadox* u l-*olaquindox*:

ANSES – Laboratoire de Fougères
France

(c) Għar-residwi elenkati fl-Anness I, il-Grupp A (5) u il-Grupp B (2)(a), (b), (e) tad-Direttiva 96/23/KE:

Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (BVL)
Berlin
Germany

(d) Għar-residwi elenkati fl-Anness I, il-Grupp B (3)(c) tad-Direttiva 96/23/KE:

Istituto Superiore di Sanità
Roma
Italy

13. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (TSEs)**

Il-laboratorju msemmi fl-Anness X, il-Kapitolu B tar-Regolament (KE) Nru 999/2001:

The Veterinary Laboratories Agency
Addlestone
United Kingdom

14. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għal addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali**

Il-laboratorju msemmi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu f'nutriment għall-annimali [1]:

The Joint Research Centre of the European Commission
Geel
Belgium

15. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-organiżmi ġenetikament modifikati (GMOs)**

Il-laboratorju msemmi fl-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat [2]:

The Joint Research Centre of the European Commission
Ispra
Italy

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
[2] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

16. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-materjal maħsub biex jiġi f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel**

The Joint Research Centre of the European Commission
Ispra
Italy

17. **Laboratorji ta' referenza tal-UE għar-residwi mill-pestiċidi**

(a) Ċereali u għalf:

Fødevareinstituttet
Danmarks Tekniske Universitet
København
Denmark

(b) Ikel li joriġina mill-annimali u prodotti b'kontenut ta' xaħam għoli:

Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg
Freiburg
Germany

(c) Frott u ħaxix, inklużi l-prodotti għall-użu fid-dar b'kontenut għoli ta' ilma u kontenut għoli ta' aċdu:

Laboratorio Agrario de la Generalitat Valenciana (LAGV)
Burjassot-Valencia
Spain

Grupo de Residuos de Plaguicidas de la Universidad de Almería (PRRG)
Almería
Spain

(d) Metodi għal residwi singoli:

Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg
Fellbach
Germany

18. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-metalli tqal fl-għalf u fl-ikel**

The Joint Research Centre of the European Commission
Geel
Belgium

19. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-Mycotoxins**

The Joint Research Centre of the European Commission
Geel
Belgium

20. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-Idrokarbonji Poliċikliċi Aromatiċi (PAH)**

The Joint Research Centre of the European Commission
Geel
Belgium

21. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għad-dijossini u l-PCBs fl-għalf u fl-ikel**

Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA) Freiburg
Freiburg
Germany

II. LABORATORJI TA' REFERENZA TAL-UE GĦAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI U ANNIMALI ĦAJJIN

1. **Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għad-deni klassiku tal-ħnieżer**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ([1]).

2. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda Afrikana taż-żwiemel**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE tad-29 ta' April 1992 li tistabbilixxi r-regoli ta' kontroll u miżuri biex tkun miġġielda l-marda Afrikana taż-żwiemel ([2]).

3. **Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għall-influwenza tat-tjur**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE ([3]).

4. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda Newcastle**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle ([4]).

5. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda vesikulari tal-ħnieżer**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali tal-Komunità għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u l-miżuri speċifiċi relatati mal-marda vesikulari tal-ħnieżer ([5]).

6. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-mard tal-ħut**

Veterinærinstituttet
Afdeling for Fjerkræ, Fisk og Pelsdyr
Danmarks Tekniske Universitet
Aarhus
Denmark

7. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-mard tal-molluski**

Ifremer – Institut français de recherche pour l'exploitation de la mer
La Tremblade
France

8. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-monitoraġġ tal-effettività tat-tilqima kontra r-rabja**

Il-laboratorju msemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KEE tal-20 ta' Marzu 2000 li tinnomina istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqima kontra r-rabja ([6]).

9. **Laboratorju ta' referenza għall-UE għall-bluetongue**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue ([7]).

10. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għad-deni Afrikan tal-ħnieżer**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u temenda d-Direttiva 92/119/KEE dwar il-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-ħnieżer ([8]).

11. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għaż-żooteknika**

Il-laboratorju msemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/463/KE tat-23 ta' Lulju 1996 li taħtar il-korp ta' referenza responsabbli biex jikkollabora ħalli jagħmel l-istess il-metodi tal-ittestjar u l-evalwazzjoni tar-riżultati għal annimali ta' razza pura [għat-tnissil] tal-ispeċi tal-bovini ([9]).

([1]) ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5.
([2]) ĠU L 157, 10.6.1992, p. 19.
([3]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([4]) ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1.
([5]) ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69.
([6]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.
([7]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.
([8]) ĠU L 192, 20.7.2002, p. 27.
([9]) ĠU L 192, 2.8.1996, p. 19.

12. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer**

Il-laboratorju msemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE u temenda d-Direttiva 92/46/KEE ([1]).

13. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-bruċellożi**

ANSES – Laboratoire de santé animale
Maisons-Alfort
France

14. **Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għal mard tal-ekwini għajr għall-marda Afrikana taż-żwiemel**

ANSES – Laboratoire de santé animale/Laboratoire de pathologie équine
Maisons-Alfort
France

15. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għall-mard tal-krustaċji**

Centre for Environment, Fisheries & Aquaculture Science (Cefas)
Weymouth
United Kingdom

16. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għar-rabja**

ANSES – Laboratoire de la rage et de la faune sauvage de Nancy
Malzeville
France

17. **Laboratorju ta' referenza tal-UE għat-tuberkolożi tal-ifrat**

VISAVET - Laboratorio de vigilancia veterinaria, Facultad de Veterinaria, Universidad Complutense de Madrid
Madrid
Spain"

---

([1]) ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 209/2011

## tat-2 ta' Marzu 2011

## li jtemm il-proċedimenti antidumping u kontra s-sussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' modems bla wajer ta' netwerk ta' żona wiesgħa (WWAN) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jtemm ir-reġistrazzjoni ta' tali importazzjonijiet imposta mir-Regolamenti (UE) Nru 570/2010 u (UE) Nru 811/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('Regolament bażiku') ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 24 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. PROĊEDURA

#### 1. Il-proċediment antidumping u r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet

(1) Fit-3 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar l-allegazzjoni ta' dumping li jikkawża ħsara fl-Unjoni b'importazzjonijiet ta' modems bla wajer ta' netwerk ta' żona wiesgħa (WWAN) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("l-RPĊ"). L-ilment imsemmi kien fih ukoll talba għar-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

(2) L-ilment tressaq minn Option NV ("il-kwerelant"), l-uniku produttur magħruf tal-modems tat-tip WWAN fl-Unjoni, li jirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni.

(3) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* ta' dumping u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, li tqieset biżżejjed biex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċediment antidumping.

(4) Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, b'avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), tat bidu kif xieraq għal proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' modems tat-tip WWAN fl-Unjoni li joriġinaw mir-RPĊ u li attwalment għandhom il-kodiċijiet NM ex 8471 80 00 u ex 8517 62 00.

(5) Fl-1 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni għamlet importazzjoni tal-istess prodott li joriġina mir-RPĊ soġġetti għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 570/2010 ([4]).

(6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-kwerelant, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati, lill-assoċjazzjonijiet tal-importaturi jew tal-utenti magħrufa li huma kkonċernati, lill-fornituri ta' materja prima u dawk li jipprovdu servizzi, u lir-rappreżentanti tar-RPĊ dwar il-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fiż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu.

(7) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni wettqet ftit miż-żjarat ta' verifika li normalment huma rikjesti. Fir-rigward tad-dumping u b'mod partikolari għall-iskopijiet tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni iffokat fuq il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(7)(c) u b'mod partikolari fuq id-distorsjonijiet relatati mat-teħid ta' deċiżjonijiet, mal-governanza korporattiva, mas-self, mal-finazjament tal-kumpaniji u mal-krediti għall-esportazzjoni. Għal-kemm ġew żvelati l-ewwel ftit indikazzjonijiet li jagħtu xi indizji ta' distorsjoni, it-tmiem ta' dan il-proċediment antidumping fisser li din il-kwistjoni ma komplietx tiġi analizzata.

#### 2. Il-proċediment kontra s-sussidji u r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet

(8) Fit-2 ta' Awwissu 2010, il-Kummissjoni rċeviet ilment rigward l-allegazzjoni ta' sussidju li jikkawża ħsara fl-Unjoni ta' importazzjonijiet ta' modems tat-tip WWAN li joriġinaw mir-RPĊ. L-ilment imsemmi kien fih ukoll talba għar-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009.

(9) L-ilment tressaq minn Option NV ("il-kwerelant"), l-uniku produttur magħruf tal-modems tat-tip WWAN fl-Unjoni, li jirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni.

(10) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' sussidji u ta' ħsara materjali li rriżultat minnhom, li tqieset biżżejjed biex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċediment kontra s-sussidji.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
([3]) ĠU C 171, 30.6.2010, p. 9.
([4]) ĠU L 163, 30.6.2010, p. 34.

(11) Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, b'avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([1]), tat bidu kif xieraq għal proċediment kontra s-sussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' modems tat-tip WWAN fl-Unjoni li joriġinaw mir-RPĊ u li attwalment għandhom il-kodiċijiet NM ex 8471 80 00 u ex 8517 62 00.

(12) Fis-17 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni ssuġġettat l-importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġina mir-RPĊ għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 811/2010 ([2]).

(13) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-kwerelant, lill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati, lill-assoċjazzjonijiet tal-importaturi jew tal-utenti magħrufa li huma kkonċernati, lill-fornituri ta' materja prima u dawk li jipprovdu servizzi, u lir-rappreżentanti tar-RPĊ dwar il-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fiż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu.

B. **L-IRTIRAR TAL-ILMENTI U T-TMIEM TAL-PROĊEDIMENTI**

(14) Permezz ta' żewġ ittri tas-26 ta' Ottubru 2010 lill-Kummissjoni, Option NV irtira l-ilmenti tiegħu ta' anti-dumping u kontra s-sussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' modems tat-tip WWAN li joriġinaw fir-RPĊ. Ir-raġuni għall-irtirar tal-ilmenti kienet li Option NV kien daħal fi ftehim ta' kooperazzjoni ma' produttur esportatur fir-RPĊ.

(15) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, meta l-kwerelant jirtira l-ilment tiegħu, il-proċediment jista' jintemm sakemm tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(16) Il-Kummissjoni qieset li l-proċedimenti attwali għandhom jintemmu peress li l-investigazzjonijiet rispettivi tal-anti-dumping u kontra s-sussidji ma sabu l-ebda fatt li juri li tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw.

(17) Wara l-irtirar tal-ilmenti, kumpanija waħda kkuntattjat lill-Kummissjoni filwaqt li ddikjarat li hija produttur tal-Unjoni ta' modems tat-tip WWAN. Wara dan, il-kumpanija argumentat li l-proċedimenti għandhom jitkomplew minkejja l-irtirar tal-ilmenti. Għandu jiġi nnotat li l-kumpanija ppreżentat ruħha għall-ewwel darba wara ż-żminijiet ta' skadenza proċedurali fiż-żewġ proċedimenti li ġew ipprovduti lill-partijiet interessati biex jippreżentaw irwieħhom u biex jagħtu l-fehmiet tagħhom bħala produtturi tal-Unjoni u, bħala konsegwenza, ma sostnietx l-ilmenti mressqa minn Option qabel dawn ma ġew irtirati.

(18) Għandu jiġi nnotat ukoll li l-allegazzjonijiet u l-informazzjoni mressqa minn din il-kumpanija ma kinux tali li jwasslu lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li jkun fl-interess tal-Unjoni li jitkomplew il-proċedimenti attwali li nbdew wara l-ilmenti ta' Option, wara l-irtirar ta' dawn tal-aħħar. F'dan il-kuntest, kieku jiġu imposti xi miżuri, għandha titqies - fir-rigward tal-operazzjonijiet iddikjarati tal-kumpanija b'rabta mal-modems tat-tip WWAN fl-Unjoni - l-abbiltà tal-kumpanija fil-prattika li i) jkollha rwol fis-suq tal-Unjoni għal modems tat-tip WWAN u wkoll ii) tipprovdi għal nuqqas possibbli fil-provvista. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rigward fi ħdan il-kuntest ta' dawn il-proċedimenti, ġie konkluż li jkun disproporzjonat li kieku l-investigazzjoni titkompla u jiġu imposti miżuri wara l-irtirar tal-ilmenti.

(19) Ma tressaq l-ebda kumment ieħor li jindika li t-tmiem ta' dawn il-proċedimenti ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(20) Fiċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-proċedimenti antidumping u kontra s-sussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' modems tat-tip WWAN li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jintemmu mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri.

(21) Ir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet ta' modems tat-tip WWAN li joriġinaw mir-RPĊ u ddikjarati taħt il-kodiċijiet NM ex 8471 80 00 u ex 8517 62 00 b'applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 570/2010 u (UE) Nru 811/2010 għalhekk għandha titwaqqaf u r-Regolamenti msemmija għandhom jiġu rrevokati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-proċediment antidumping u kontra s-sussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' modems bla wajer ta' netwerk ta' żona wiesgħa (WWAN) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li attwalment għandhom il-kodiċijiet NM ex 8471 80 00 u ex 8517 62 00 b'dan għandhom jintemmu.

*Artikolu 2*

L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba biex iwaqqfu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita b'applikazzjoni tal-Artikolu 1 tar-Regolamenti (UE) Nru 570/2010 u (UE) Nru 811/2010.

*Artikolu 3*

Ir-Regolamenti (UE) Nru 570/2010 u (UE) Nru 811/2010 b'dan għandhom jiġu rrevokati.

([1]) ĠU C 249, 16.9.2010, p. 7.
([2]) ĠU L 243, 16.9.2010, p. 37.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT IMPLIMENTATTIV TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 210/2011

## tat-2 ta’ Marzu 2011

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-3 ta’ Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta’ Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 122,2 |
| | MA | 43,9 |
| | TN | 113,1 |
| | TR | 107,4 |
| | ZZ | 96,7 |
| 0707 00 05 | TR | 171,7 |
| | ZZ | 171,7 |
| 0709 90 70 | MA | 32,3 |
| | TR | 127,5 |
| | ZZ | 79,9 |
| 0805 10 20 | EG | 54,7 |
| | IL | 78,1 |
| | MA | 53,8 |
| | TN | 48,8 |
| | TR | 66,6 |
| | ZA | 37,9 |
| | ZZ | 56,7 |
| 0805 50 10 | MA | 45,9 |
| | TR | 54,7 |
| | ZZ | 50,3 |
| 0808 10 80 | BR | 55,2 |
| | CA | 126,3 |
| | CL | 90,0 |
| | CN | 91,2 |
| | MK | 54,8 |
| | US | 106,6 |
| | ZZ | 87,4 |
| 0808 20 50 | AR | 89,7 |
| | CL | 110,5 |
| | CN | 40,4 |
| | US | 96,8 |
| | ZA | 105,2 |
| | ZZ | 88,5 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/19/UE

**tat-2 ta' Marzu 2011**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż it-tau-fluvalinat bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 1490/2002 [3] jistipulaw regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm tax-xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista kienet tinkludi t-tau-fluvalinat.

(2) Skont l-Artikolu 11e tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002, in-notifikant irtira l-appoġġ tiegħu għall-inklużjoni ta' din is-sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi [4] kienet adottata għan-noninklużjoni tat-tau-fluvalinat.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn hawn 'il quddiem "l-applikant") ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċelerata prevista fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha [5].

(4) L-applikazzjoni tressqet lid-Danimarka, li kienet inħatret bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura aċċellerata ġie rispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess kif kien is-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/934/KE. Dik l-applikazzjoni hija konformi wkoll mar-rekwiżiti proċedurali u sostanzjali li jifdal tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(5) Id-Danimarka vvalutat id-dejta addizzjonali mibgħuta mill-applikant u ħejjiet rapport addizzjonali. Hija bagħtet dan ir-rapport lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fl-1 ta' Ottubru 2009. L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant għall-kummenti u bagħtet il-kummenti li kienu waslulha lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regoalment (KE) Nru 33/2008 u fuq talba tal-Kummissjoni, fis-17 ta' Ġunju 2010 l-Awtorità ressqet il-konklużjoni tagħha dwar it-tau-fluvalinat lill-Kummissjoni [6]. L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u ġew iffinalizzati fit-28 ta' Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għat-tau-fluavalinat.

---

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
[3] ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.
[4] ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11.
[5] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.
[6] L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel; Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance tau-fluvalinate. *EFSA Journal* 2010; 8(7):1645. [70 pp.]. doi: 10.2903/j.efsa.2010.1645. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu

(6) Ħareġ ċar minn diversi eżamijiet li saru li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom it-tau-fluvalinat huma mistennija jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari dwar l-użi tagħhom li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettall fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li t-tau-fluvalinat jiġi inkluż fl-Anness I biex jiġi assigurat li, fl-Istati Membri kollha, ikunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(7) Bla ħsara għal dik il-konklużjoni, huwa xieraq li jinkiseb aktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi soġġetta għal kundizzjonijiet. Għalhekk jixraq li l-applikant jintalab jippreżenta aktar tagħrif li jikkonferma r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju abbażi tal-iżjed tagħrif xjentifiku reċenti dwar ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, ir-riskju għall-artropodi mhux fil-mira u għall-impatt possibbli fuq l-ambjent tad-degradazzjoni potenzjali antiselettiva f' matriċijiet ambjentali.

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreparaw irwieħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-inklużjoni.

(9) Mingħajr ħsara għall-obbligazzjonijiet stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom it-tau-fluvalinat biex jaċċertaw li r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kondizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I, ikunu sodisfatti. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, ibiddlu jew jirtiraw, skont kif ikun meħtieġ, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza msemmija hawn fuq, għandu jiġi pprovdut perjodu itwal għas-sottomissjoni u l-valutazzjoni tal-fajl sħiħ tal-Anness III ta' kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.

(10) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li jittratta dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]) wriet li jistgħu jinħolqu diffikultajiet fl-interpretar tal-obbligi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti b'rabta mal-aċċess għad-dejta. Għalhekk, sabiex jiġu evitati iktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li l-obbligi tal-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment l-obbligu li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ma' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponi l-ebda obbligu ġdid fuq l-Istati Membri jew id-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet, meta mqabbla mad-Direttivi li jemendaw l-Anness I li ġew adottati sa issa.

(11) Għalhekk jixraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(12) Id-Deċiżjoni 2008/934/KE tipprevedi li t-tau-fluvalinat ma jkunx inkluż u li l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza jkunu rtirati sal-31 ta' Diċembru 2011. Jeħtieġ li titħassar l-linja dwar it-tau-fluvalinat fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

(13) Huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni 2008/934/KE tiġi emendata skont dan.

(14) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Il-linja li tikkonċerna t-tau-fluvalinat fl-Anness mad-Deċiżjoni 2008/934/KE qiegħda titħassar.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

([1]) ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom, b'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE u fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom it-tau-fluvalinat bħala sustanza attiva sat-30 ta' Novembru 2011.

Sa dik id-data huma għandhom, b'mod partikolari, jivverifikaw li l-kondizzjonijiet fl-Anness I mad-Direttiva li tikkonċerna t-tau-fluvalinat ikunu ntlaħqu, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li jikkonċernaw dik is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu jew ikollu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ma' dik id-Direttiva skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih it-tau-fluvalinat bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jevalwaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI mad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ma' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ma' dik id-Direttiva li tikkonċerna t-tau-fluvalinat. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li dan jiġi ddeterminat, l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih it-tau-fluvalinat bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2015; jew

(b) fil-każ ta' prodott li jkun fih it-tau-fluvalinat bħala waħda minn bosta sustanzi attivi, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni, fejn meħtieġ, sal-31 ta' Mejju 2015 jew sad-data ffissata għal tali emenda jew irtirar fid-Direttiva jew id-Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema minnhom tkun l-aktar reċenti.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fl-aħħar tat-tabella fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KE:

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità ([1]) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "335 | Tau fluvalinat<br>Nru CAS: *102851-06-9*<br>Nru CIPAC: 786 | (RS)-α-ċjano-3-fenossi-benżil N-(2-kloro- α,α α- trifluoro-p-tolil)-D-valinat<br>(Proporzjon Isomer 1:1) | ≥ 920 g/kg<br>(proporzjon 1:1 ta' R-α-ċjano u S-α-ċjano isomeri)<br>Impuritajiet:<br>Toluwen: mhux iktar minn 5 g/kg | l-1 ta' Ġunju 2011 | il-31 ta' Mejju 2021 | PARTI A<br>Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċidi u akariċidi.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tau-fluvalinat, u b'modpartikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011.<br>F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej:<br>(a) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u jiżguraw li l-kondizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' taffija tar-riskju;<br>(b) ir-riskju għall-artropodi mhux fil-mira u jiżguraw li l-kondizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' taffija tar-riskju;<br>(c) li l-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku mmanifatturat b'mod kummerċjali.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma rigward:<br>— Ir-riskju ta' bijoakkumulazzjoni/bijotkabbir fl-ambjent akkwatiku;<br>— lir-riskju għall-antropodi mhux fil-mira;<br>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif konfermatorju lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jippreżenta lill-Kummissjoni tagħrif konfermatorju, sentejn wara l-adozzjoni ta' gwida speċifika, fir-rigward:<br>tal-impatt possibbli fuq l-ambjent tad-degradazzjoni potenzjali antiselettiva fil-matriċijiet ambjentali." |

([1]) Jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva fir-rapport ta' reviżjoni.

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/20/UE

## tat-2 ta' Marzu 2011

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-fenossikarb bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) 1490/2002 [3] jistipulaw regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista kienet tinkludi l-fenossikarb.

(2) Skont l-Artikolu 11e tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002, in-notifikant irtira l-appoġġ tiegħu għall-inklużjoni ta' din is-sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi [4] kienet adottata għan-noninklużjoni tal-fenossikarb.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn hawn 'il quddiem "l-applikant") ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata prevista fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I [5] tagħha.

(4) L-applikazzjoni intbagħtet lill-Pajjiżi l-Baxxi, li kienu nħatru bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura aċċellerata ġie rrispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess kif kien is-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/934/KE. Dik l-applikazzjoni hija konformi wkoll mar-rekwiżiti proċedurali u sostantivi li jifdal tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(5) Il-Pajjiżi l-Baxxi vvalutaw id-dejta addizzjonali mressqa mill-applikant u ppreparaw rapport addizzjonali. Huma kkomunikaw dan ir-rapport lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fl-10 ta' Diċembru 2009. L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali għall-kummenti lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant u għaddiet il-kummenti li kienu waslulha lill-Kummissjoni. B'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008 u fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha dwar il-fenossikarb lill-Kummissjoni fit-13 ta' Settembru 2010 [6]. L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ffinalizzati fit-28 ta' Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-fenossikarb.

(6) Ħareġ ċar mill-bosta eżamijiet li saru li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-fenossikarb huma mistennija jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi tagħhom li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettall fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-fenossikarb jiġi inkluż fl-Anness I biex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(1) ĠU L 230, 19. 8.1991, p. 1.
(2) ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
(3) ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.
(4) ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11.
(5) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.
(6) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva fenossikarb. Il-Ġurnal tal-EFSA 2010; 8(12):1779. [75 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1779. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu

(7) Bla ħsara għal dik il-konklużjoni, huwa xieraq li jinkiseb aktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi suġġetta għal xi kundizzjonijiet. Għalhekk, huwa xieraq li jinħtieġ li l-applikant jibgħat tagħrif li jikkonferma l-valutazzjoni tar-risju għal antropodi mhux fil-mira u għad-duqqajs tan-naħal.

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreparaw irwieħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-inklużjoni.

(9) Bla ħsara għall-obbligi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE b'konsegwenza tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-fenossikarb biex ikun żgurat li r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I, jiġu sodisfatti. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, ibiddlu jew jirtiraw, skont kif ikun meħtieġ, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza msemmija hawn fuq, għandu jiġi pprovdut perjodu itwal għat-tressiq u l-valutazzjoni tal-fajl sħiħ tal-Anness III ta' kull prodott għall-ħarsien tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.

(10) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1] wriet li jistgħu jinħolqu diffikultajiet fl-interpretazzjoni tad-dmirijiet tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti b'rabta mal-aċċess għad-dejta. Għalhekk, sabiex jiġu evitati iktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li d-dmirijiet tal-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment id-dmir li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponi l-ebda obbligi ġodda fuq l-Istati Membri jew id-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet meta mqabbla mad-Direttivi li jemendaw l-Anness I li ġew adottati sa issa.

(11) Għaldaqstant, huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(12) Id-Deċiżjoni 2008/934/KE tipprevedi li l-fenossikarb ma jiġix inkluż u li l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza jiġu rtirati sal-31 ta' Diċembru 2011. Jeħtieġ li titħassar il-linja dwar il-fenossikarb fl-Anness ma' dik id-Deċiżjoni.

(13) Huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni 2008/934/KE tiġi emendata skont dan.

(14) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Il-linja li tikkonċerna l-fenossikarb fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/934/KE għandha titħassar.

*Artikolu 3*

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011 l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 4*

1. B'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE, fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-fenossikarb bħala sustanza attiva sat-30 ta' Novembru 2011.

Sa dakinhar huma għandhom, b'mod partikolari, jivverifikaw li l-kondizzjonijiet fl-Anness I tad-Direttiva li tikkonċerna l-fenossikarb jkunu sodisfatti, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li jikkonċernaw dik is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu jew ikollu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ma' dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

[1] ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih il-fenossikarb bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jivvalutaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-fenossikarb. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li ssir din id-determinazzjoni l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-fenossikarb bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2015; jew

(b) fil-każ ta' prodott li fih il-fenossikarb bħala wieħed minn diversi sustanzi attivi, fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Mejju 2015 jew sad-data ffissata għal emenda jew irtirar ta' dan it-tip fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema minnhom hi l-aktar reċenti.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fi tmiem it-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE:

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità ([1]) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "339 | Fenossikarb<br>Nru tal-CAS:<br>*79127-80-3*<br>Nru tas-CIPAC:<br>425 | Etil 2-(4-fenossifenossi)etil]karbamat | ≥ 970 g/kg<br>Impuritajiet:<br>Toluwen: massimu ta' 1 g/kg | l-1 ta' Ġunju 2011 | il-31 ta' Mejju 2021 | PARTI A<br>Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala insettiċida.<br><br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fonessikarb, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011.<br>F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej:<br>— Il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq.<br>— ir-riskju għan-naħal u l-antropodi mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' tagħrif li jikkonferma il-valutazzjoni tar-riskju għal antropodi mhux fil-mira u għad-duqqajs tan-naħal.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif ta' konferma lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013." |

([1]) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' reviżjoni.

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/21/UE

## tat-2 ta' Marzu 2011

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż il-kletodim bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 ([2]) u (KE) Nru 1490/2002 ([3]) jistipulaw regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista kienet tinkludi il-kletodim.

(2) Skont l-Artikolu 11e tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002, in-notifikant irtira l-appoġġ tiegħu għall-inklużjoni ta' din is-sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi ([4]) kienet adottata għan-noninklużjoni tal-kletodim.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn hawn 'il quddiem "l-applikant") ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata prevista fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I ([5]) tagħha.

(4) L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Pajjiżi l-Baxxi, li kienu nħatru bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura aċċellerata ġie rrispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess kif kien is-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/934/KE. Dik l-applikazzjoni hija konformi wkoll mar-rekwiżiti proċedurali u sostantivi li jifdal tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(5) Il-Pajjiżi l-Baxxi vvalutaw id-dejta addizzjonali mressqa mill-applikant u ppreparaw rapport addizzjonali. Huma bagħtu dak ir-rapport lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fl-1 ta' Diċmebru 2009. L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali għall-kummenti lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant u għaddiet il-kummenti li kienu waslulha lill-Kummissjoni. B'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008 u fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha dwar il-kletodim lill-Kummissjoni fl-10 ta' Settembru 2010 ([6]). L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ffinalizzati fit-28 ta' Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-kletodim.

(6) Ħareġ ċar mid-diversi eżamijiet li saru li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-kletodim huma mistennija jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettall fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-kletodim jiġi inkluż fl-Anness I, sabiex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 230, 19. 8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
([3]) ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.
([4]) ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11.
([5]) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.
([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Konklużjoni dwar ir-reviżjoni inter pares tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva kletodim. Il-Ġurnal tal-EFSA 2010; 8(9):1771. [93 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1771. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu

(7) Bla ħsara għal dik il-konklużjoni, huwa xieraq li jinkiseb aktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tiġi soġġetta għal kundizzjonijiet. Għalhekk huwa xieraq li jintalab li l-applikant jibgħat informazzjoni ulterjuri biex jikkonferma r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju, fuq il-bażi tal-iktar għarfien xjentifiku reċenti, fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-espożizzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art u d-definizzjoni tar-residwu għall-valutazzjoni tar-riskju.

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreparaw irwieħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-inklużjoni.

(9) Bla ħsara għall-obbligi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE b'konsegwenza tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-kletodim biex ikun żgurat li r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha, u l-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness I, jiġu sodisfatti. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, jissostitwixxu jew jirtiraw, skont kif ikun meħtieġ, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza msemmija hawn fuq, għandu jiġi pprovdut perjodu itwal għas-sottomissjoni u l-valutazzjoni tal-fajl sħiħ tal-Anness III ta' kull prodott għall-ħarsien tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.

(10) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li jittratta dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1] wriet li jistgħu jinħolqu diffikultajiet fl-interpretazzjoni tad-dmirijiet tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti b'rabta mal-aċċess għad-dejta. Għalhekk, sabiex jiġu evitati iktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li d-dmirijiet tal-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment id-dmir li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ma' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponi l-ebda obbligi ġodda fuq l-Istati Membri jew id-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet meta mqabbla mad-Direttivi li jemendaw l-Anness I li ġew adottati sa issa.

(11) Għaldaqstant, huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

[1] ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10.

(12) Id-Deċiżjoni 2008/934/KE tipprevedi li l-kletodim ma jiġix inkluż u li l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza jiġu rtirati sal-31 ta' Diċembru 2011. Jeħtieġ li titħassar il-linja dwar il-kletodim fl-Anness ma' dik id-Deċiżjoni.

(13) Huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni 2008/934/KE tiġi emendata skont dan.

(14) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Il-linja li tikkonċerna l-kletodim fl-Anness mad-Deċiżjoni 2008/934/KE għandha titħassar.

*Artikolu 3*

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011 l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom b'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-kletodim bħala sustanza attiva sat-30 ta' Novembru 2011.

Sa dakinhar huma għandhom, b'mod partikolari, jivverifikaw li l-kondizzjonijiet fl-Anness I mad-Direttiva li tikkonċerna l-kletodim jkunu sodisfatti, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li jikkonċernaw dik is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu jew ikollu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ma' dik id-Direttiva skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih il-kletodim bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jivvalutaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI mad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ma' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ma' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-kletodim. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li ssir din id-determinazzjoni l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-kletodim bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2015; jew

(b) fil-każ ta' prodott li fih il-kletodim bħala wieħed minn bosta sustanzi attivi, fejn hu meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Mejju 2015 jew sad-data ffissata għal emenda jew irtirar ta' dan it-tip fid-Direttiva jew Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew sustanzi rilevanti fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema minnhom tkun l-aktar reċenti.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fi tmiem it-tabella fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE.

| Nru | Isem Komuni,<br>Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "336 | Kletodim<br>Nru tal-CAS: *99129-21-2*<br>Nru tas-CIPAC: 508 | (5RS)-2-{(1EZ)-1-[(2E)-3-kloroallilossiimi-no]propil}-5-[(2RS)-2-(etiltijo)propil]-3-idrossiċikloheks-2-en-1-one | ≥ 930 g/kg<br>Impuritajiet:<br>toluene massimu ta' 4 g/kg | l-1 ta' Ġunju 2011 | il-31 ta' Mejju 2021 | PARTI A<br>L-użi bħala erbiċida fuq pitravi taz-zokkor biss jista' jiġi awtorizzat<br><br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kletodim, u b'modpartikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011.<br>F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, għasafar u mammiferi, u għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet għall-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' miżuri adegwati ta' mitigazzjoni tar-riskju.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma, fuq il-bażi tal-iktar tagħrif xjentifiku reċenti, rigward:<br>— il-valutazzjonijiet tal-espożizzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art,<br>— id-definizzjoni tar-residwu għall-valutazzjoni tar-riskju.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif ta' konferma lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013." |

(1) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' reviżjoni.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/137/PESK

## tat-28 ta' Frar 2011

## dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2011, l-Unjoni Ewropea esprimiet it-tħassib serju tagħha fir-rigward tas-sitwazzjoni li qiegħda tiżviluppa fil-Libja. L-UE kkundannat bil-qawwa l-vjolenza u l-użu tal-forza kontra l-popolazzjoni ċivili u ddeplorat ir-ripressjoni kontra d-dimostranti paċifiċi.

(2) L-UE tenniet l-appell tagħha għat-tmiem immedjat tal-użu tal-forza u għal passi biex jiġu indirizzati t-talbiet leġittimi tal-popolazzjoni.

(3) Fis-26 ta' Frar 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-Kunsill tas-Sigurtà") adotta r-Riżoluzzjoni 1970 ("UNSCR 1970 (2011)") li introduċiet miżuri restrittivi kontra l-Libja u kontra persuni u entitajiet involuti f'abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż b'involviment f'attakki, li jiksru l-liġi internazzjonali, fuq popolazzjonijiet u faċilitajiet ċivili.

(4) Fid-dawl tas-serjetà tas-sitwazzjoni fil-Libja, l-UE tqis li huwa meħtieġ li jiġu imposti miżuri restrittivi addizzjonali.

(5) Barra minn hekk, hija meħtieġa aktar azzjoni tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-provvista diretta jew indiretta, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjoni, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawn imsemmija qabel, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, lil-Libja minn ċittadini tal-Istati Membri jew li tibda jew tgħaddi mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom jiġu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u kemm jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, taħriġ jew assistenza oħra, inkluż il-forniment ta' persunal merċenarju armat, relatat ma' attivitajiet militari jew mal-forniment, il-manteniment u l-użu ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Libja;

(b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari jew mal-forniment, il-manteniment u l-użu ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Libja;

(c) il-parteċipazzjoni, konxjentement u intenzjonalment, f'attivitajiet, li l-objettiv jew l-effett tagħhom hu li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

*Artikolu 2*

1. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għal:

(a) il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir militari li ma joqtolx, jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv;

(b) forniment, bejgħ jew trasferiment ieħor ta' armi u materjal relatat;

(c) il-forniment ta' assistenza teknika, taħriġ jew assistenza oħra, inkluż il-persunal, relatat ma' tali tagħmir;

(d) il-forniment ta' assistenza finanzjarja relatata ma' tali tagħmir;

kif approvat bil-quddiem, fejn adatt, mill-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 24 tal-UNSCR 1970 (2011) ("il-Kumitat"):

2. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Libja minn persunal tan-NU, persunal tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

*Artikolu 3*

L-akkwist minn ċittadini tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 1(1) mil-Libja għandu jiġi pprojbit, kemm jekk joriġina kif ukoll jekk ma joriġinax fit-territorju tal-Libja.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jispezzjonaw, f'konformità mal-awtoritajiet u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u b'konsistenza mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar u ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, il-merkanzija kollha lejn u mil-Libja, fit-territorju tagħhom, inklużi portijiet u ajruporti, jekk huma jkollhom informazzjoni li tipprovdi raġunijiet ġustifikati biex wieħed jemmen li l-merkanzija tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri għandhom, malli jiskopruhom, jissekwestraw u jiddisponu minn (bħal billi jinqerdu, isiru inoperabbli, jinħażnu jew jiġu ttrasferiti għal qirda lejn Stat għajr dawk l-Istati ta' oriġini jew destinazzjoni ) oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita taħt din id-Deċiżjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mal-ispezzjonijiet u d-disponimenti li jsiru skont il-paragrafi 1 u 2.

4. L-inġenji tal-ajru u l-bastimenti li jittrasportaw merkanzija lejn u mil-Libja għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali ta' qabel il-wasla jew it-tluq tal-merkanzija kollha li tiddaħħal fi Stat Membru jew toħroġ minnu.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fi, jew it-transitu minn, it-territorji tagħhom ta':

(a) persuni elenkati fl-Anness I tal-UNSCR 1970 (2011), u persuni addizzjonali indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 tal-UNSCR 1970 (2011), kif elenkat fl-Anness I;

(b) persuni mhux koperti mill-Anness I involuti fi jew kompliċi fl-ordni, fil-kontroll jew fid-direzzjoni b'mod ieħor, tat-twettiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż b'involviment fi jew b'kompliċità fl-ippjanar, il-kmand, l-ordni jew it-twettiq ta' attakki, bi ksur tal-liġi internazzjonali, inkluż il-bombardament mill-ajru, fuq popolazzjonijiet jew faċilitajiet ċivili, jew b'aġir għal jew f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, kif elenkat fl-Anness II.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru jiċħad liċ-ċittadini tiegħu stess dħul fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1(a) ma għandux japplika jekk il-Kumitat jiddetermina li:

(a) l-ivvjaġġar ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' ħtieġa umanitarja, inkluż l-obbligu reliġjuż; jew

(b) eżenzjoni tkun tiffaċilita l-objettivi ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali fil-Libja u l-istabbiltà fir-reġjun.

4. Il-paragrafu 1(a) ma għandux japplika meta:

(a) id-dħul jew it-transitu huwa meħtieġ biex jitwettaq proċess ġudizzjarju; jew

(b) Stat Membru jiddetermina fuq bażi ta' każ b'każ li tali dħul jew transitu huwa meħtieġ biex jiffaċilita l-paċi u l-istabbiltà fil-Libja u l-Istat Membru jinnotifika sussegwentement lill-Kumitat fi żmien tmienja u erbgħin siegħa wara li tkun saret tali determinazzjoni.

5. Il-paragrafu 1(b) għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'obbligu ta' dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-NU, jew taħt l-awspiċju tagħha;

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

6. Il-paragrafu 5 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika anki f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

7. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 5 jew 6.

8. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1(b) fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba ħtieġa umanitarja urġenti, jew għal attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza kurrenti tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fil-Libja.

9. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 8 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala mogħtija bil-kondizzjoni li ma ssir l-ebda oġġezzjoni bil-miktub minn wieħed, jew iżjed, mill-Membri tal-Kunsill, fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew iżjed mill-membri tal-Kunsill jagħmlu oġġezzjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

10. F'każijiet fejn, skont il-paragrafi 5, 6, u 8, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tingħata u għall-persuni kkonċernati minnha.

*Artikolu 6*

1. Il-fondi, l-assi finanzjarji l-oħra u r-riżorsi ekonomiċi kollha, li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn:

(a) persuni jew entitajiet elenkati fl-Anness II għall-UNSCR 1970 (2011), u persuni u entitajiet addizzjonali indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 tal-UNSCR 1970 (2011), jew minn individwi jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, kif elenkat fl-Anness III;

(b) persuni jew entitajiet mhux koperti mill-Anness III involuti fi jew kompliċi fl-ordni, fil-kontroll, jew fid-direzzjoni b'mod ieħor, tat-twettiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż b'involviment fi jew b'kompliċità fl-ippjanar, il-kmand, l-ordni jew it-twettiq ta' attakki, bi ksur tal-liġi internazzjonali, inkluż il-bombardament mill-ajru, fuq popolazzjonijiet jew faċilitajiet ċivili, jew minn individwi jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, kif elenkat fl-Anness IV;

għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta', persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1.

3. Jistgħu jsiru eżenzjonijiet għal fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inkluż ħlas għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li jkunu konnessi mal-provvediment ta' servizzi legali f'konformità mal-liġijiet nazzjonali; jew

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew kontijiet għal servizz, skont il-liġijiet nazzjonali, għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment ta' fondi ffriżati, assistenza finanzjarja oħra u riżorsi ekonomiċi;

wara n-notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, fejn adatt, dwar l-intenzjoni li jawtorizza l-aċċess għal tali fondi, assi jew riżorsi ekonomiċi oħra u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn tali notifika.

4. Jistgħu wkoll isiru eżenzjonijiet għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li jkunu:

(a) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, fejn adatt, u approvazzjoni mill-Kumitat; jew

(b) is-suġġett ta' garanzija jew sentenza ġuridika, amministrattiva jew arbitrali, li f'dak il-każ il-fondi, l-assi finanzjarji l-oħra u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dik il-garanzija jew dik is-sentenza bil-kondizzjoni li l-garanzija jew is-sentenza kienet imdaħħla qabel id-data tal-adozzjoni tal-UNSCR 1970 (2011), u mhix għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, fejn adatt;

5. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprevjeni lil persuna jew entità indikata milli tagħmel ħlas dovut taħt kuntratt li tkun daħlet fih qabel l-elenkar ta' tali persuna jew entità, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-ħlas ma jkunx riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 u wara notifika mill-Istat Membri rilevanti lill-Kumitat, fejn adatt, dwar l-intenzjoni li jsiru jew jiġu riċevuti tali ħlasijiet jew biex tiġi awtorizzata t-tneħħija tal-iffriżar tal-fondi, l-assi finanzjarji l-oħra jew ir-riżorsi ekonomiċi għal dan il-għan, 10 ijiem ta' xogħol qabel tali awtorizzazzjoni.

6. Il-Paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) interessi jew qligħ ieħor dovut fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri restrittivi;

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, qligħ ieħor u ħlasijiet bħal dawn jibqgħu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.

*Artikolu 7*

L-ebda pretensjoni, inkluż għal kumpens jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija jew pretensjoni koperta minn garanzija, f'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew transazzjoni li t-twettiq tagħhom kien affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri deċiżi skont il-UNSCR 1970 (2011), inklużi miżuri tal-Unjoni jew kwalunkwe Stat Membru f'konformità ma', kif rikjest minn jew bi kwalunkwe konnessjoni mal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà jew miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni, ma għandhom jingħataw lill-persuni jew l-entitajiet indikati elenkati fl-Annessi I, II, III jew IV, jew lil kwalunkwe persuna jew entità fil-Libja, inkluż il-Gvern tal-Libja, jew kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe tali persuna jew entità.

*Artikolu 8*

1. Il-Kunsill għandu jimplimenta modifiki għall-Annessi I u III abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat.

2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Istati Membri jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi l-listi fl-Annessi II u IV u jadotta modifiki għalihom.

*Artikolu 9*

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat jelenka persuna jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna jew entità fl-Annessi I jew III.

2. Meta l-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna jew entità għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 5(1)(b) u 6(1)(b), huwa għandu jemenda l-Annessi II u IV kif meħtieġ.

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna jew l-entità msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, u jipprovdi lil tali persuna jew entità opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew entità kif meħtieġ.

*Artikolu 10*

1. L-Annessi I, II, III u IV għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni u l-entitajiet elenkati kkonċernati, kif ipprovduti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Annessi I u III.

2. L-Annessi I, II, III u IV għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati, kif ipprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Annessi I u III. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Annessi I u III għandhom jinkludu wkoll id-data tal-indikazzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat.

*Artikolu 11*

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili.

*Artikolu 12*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta, emendata jew imħassra kif adatt, b'mod partikolari fid-dawl tad-deċiżjonijiet rilevanti mill-Kunsill tas-Sigurtà.

2. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 5(1)(b) u 6(1)(b) għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari u minn tal-inqas kull 12-il xahar. Huma ma għandhomx jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jekk il-Kunsill jiddetermina, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2), li l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom ma għadhomx sodisfatti.

*Artikolu 13*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

*ANNESS I*

**Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 5(1)(a)**

1. **AL-BAGHDADI, Dr Abdulqader Mohammed**

Numru tal-passaport: B010574. Data tat-twelid: 01/07/1950.

Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Kumitati Rivoluzzjonarji. Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

2. **DIBRI, Abdulqader Yusef**

Data tat-twelid: 1946. Post tat-twelid: Houn, il-Libja.

Kap tas-sigurtà personali ta' Muammar QADHAFI. Responsabbiltà għas-sigurtà tar-reġim. Passat ta' ordnijiet ta' vjolenza kontra d-dissidenti.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

3. **DORDA, Abu Zayd Umar**

Direttur, Organizzazzjoni tas-Sigurtà Esterna. Fidil għar-reġim. Kap tal-aġenzija tal-intelligence esterna.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

4. **JABIR, Maġġur Ġeneral Abu Bakr Yunis**

Data tat-twelid: 1952. Post tat-twelid: Jalo, il-Libja.

Ministru tad-Difiża. Responsabbiltà ġenerali għall-azzjonijiet tal-forzi armati.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

5. **MATUQ, Matuq Mohammed**

Data tat-twelid: 1956. Post tat-twelid: Khoms.

Segretarju għall-Utilitajiet. Membru anzjan tar-reġim. Involviment mal-Kumitati Rivoluzzjonarji. Fil-passat kien involut f'suppressjoni tad-dissens u l-vjolenza.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

6. **QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed**

Data tat-twelid:1948. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

Kuġin ta' Muammar QADHAFI. Fis-snin 80, Sayyid kien involut fil-kampanja tal-assassinju tad-dissidenti u allegatament responsabbli minn diversi mwiet fl-Ewropa. Huwa suspettat ukoll li kien involut fl-akkwist tal-armi.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

7. **QADHAFI, Aisha Muammar**

Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Bint Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

8. **QADHAFI, Hannibal Muammar**

Numru tal-passaport: B/002210. Data tat-twelid: 20/09/1975. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

9. **QADHAFI, Khamis Muammar**

Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

10. **QADHAFI, Mohammed Muammar**

Data tat-twelid: 1970. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

11. **QADHAFI Muammar Mohammed Abu Minyar**

Data tat-twelid: 1942. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

Mexxej tar-Rivoluzzjoni, Kmandant Suprem tal-Forzi Armati. Responsabbiltà għall-ordni tar-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

12. **QADHAFI, Mutassim**

Data tat-twelid: 1976. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

13. **QADHAFI, Saadi**

Numru tal-passaport: 014797. Data tat-twelid: 25/05/1973. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Kmandant tal-Forzi Speċjali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

14. **QADHAFI, Saif al-Arab**

Data tat-twelid: 1982. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

15. **QADHAFI, Saif al-Islam**

Numru tal-passaport: B014995. Data tat-twelid: 25/06/1972. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Direttur, Fondazzjoni Qadhafi. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa li jħeġġu l-vjolenza kontra d-dimostranti.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

16. **AL-SENUSSI, Kurunell Abdullah**

Data tat-twelid: 1949. Post tat-twelid: is-Sudan.

Direttur tal-Intelligence Militari. Involviment tal-Intelligence Militari fis-suppressjoni tad-dimostrazzjonijiet. Passat li jinkludi suspett ta' involviment fil-massakru tal-ħabs ta' Abu Selim. Ikkundannat in absentia għall-bumbardament ta' titjira tal-UTA. Ħaten Muammar QADHAFI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

*ANNESS II*

**Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b)**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inkluż-joni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ABDULHAFIZ, Kurunell Mas'ud | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Armati | it-tielet fil-kmand tal-Forzi Armati. Rwol sinifikanti fl- Intelligence Militari. | 28.2.2011 |
| 2. | ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed | Pożizzjoni: Kap ta' Kontra t-Terroriżmu, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Membru prominenti tal-Kumitat Rivoluzzjonarju. Sieħeb qrib ta' Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 3. | ABU SHAARIYA | Pożizzjoni: Viċi Kap, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Membru prominenti tar-reġim. Ħaten Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 4. | ASHKAL, Al-Barrani | | Membru anzjan tar-reġim. | 28.2.2011 |
| 5. | ASHKAL, Omar | Pożizzjoni: Kap, Moviment tal-Kumitati Rivoluzzjonarji<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 6. | QADHAF AL-DAM, Ahmed Mohammed | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: L-Eġittu | Kuġin ta' Muammar QADHAFI. Huwa mifhum li ilu mill-1995 jikkmanda battaljun elitista tal-armata responsabbli għas-sigurtà personali ta' Qadhafi u li għandu rwol ewlieni fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. Huwa kien involut fl-ippjanar ta' operazzjonijiet kontra dissidenti Libjani barra mill-pajjiż u kien direttament involut f'attivitajiet terroristiċi. | 28.2.2011 |
| 7. | AL-BARASSI, Safia Farkash | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Al Bayda, il-Libja | Mart Muammar QADHAFI.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 8. | SALEH, Bachir | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Traghen | Kap tal-Kabinett tal-Mexxej.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 9. | Il-Ġeneral TOHAMI, Khaled | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Genzur | Direttur tal-Uffiċċju għas-Sigurtà Interna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 10. | FARKASH, Mohammed Boucharaya | Data tat-twelid: 1 ta' Lulju 1949<br>Post tat-twelid: Al-Bayda | Direttur tal-intelligence fl-Uffiċċju għas-Sigurtà Esterna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |

*ANNESS III*

**Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikoli 6(1)(a)**

1. **QADHAFI, Aisha Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Bint Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

2. **QADHAFI, Hannibal Muammar**

   Numru tal-passaport: B/002210. Data tat-twelid: 20/09/1975. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

3. **QADHAFI, Khamis Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

4. **QADHAFI, Muammar Mohammed Abu Minyar**

   Data tat-twelid: 1942. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

   Mexxej tar-Rivoluzzjoni, Kmandant Suprem tal-Forzi Armati. Responsabbiltà li ordna r-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

5. **QADHAFI, Mutassim**

   Data tat-twelid: 1976. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

6. **QADHAFI, Saif al-Islam**

   Direttur, Fondazzjoni Qadhafi. Numru tal-passaport: B014995. Data tat-twelid: 25/06/1972. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa li jħeġġu l-vjolenza kontra d-dimostranti.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

*ANNESS IV*

**Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikoli 6(1)(b)**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inkluż-joni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ABDULHAFIZ, Kurunell Mas'ud | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Armati | it-tielet fil-kmand tal-Forzi Armati. Rwol sinifikanti fl- Intelligence Militari. | 28.2.2011 |
| 2. | ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed | Pożizzjoni: Kap ta' Kontra t-Terroriżmu, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Membru prominenti tal-Kumitat Rivoluzzjonarju. Sieħeb qrib ta' Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 3. | ABU SHAARIYA | Pożizzjoni: Viċi Kap, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Membru prominenti tar-reġim. Ħaten Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 4. | ASHKAL, Al-Barrani | Pożizzjoni: Viċi Direttur, Intelligence Militari | Membru anzjan tar-reġim. | 28.2.2011 |
| 5. | ASHKAL, Omar | Pożizzjoni: Kap, Moviment tal-Kumitati Rivoluzzjonarji<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 6. | AL-BAGHDADI, Dr Abdulqader Mohammed | Pożizzjoni: Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Kumitati Rivoluzzjonarji,<br>Nru tal-passaport: B010574<br>Data tat-twelid: 01/07/1950 | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 7. | DIBRI, Abdulqader Yusef | Pożizzjoni: Kap tas-sigurtà personali ta' Muammar QADHAFI.<br>Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Houn, il-Libja | Responsabbiltà għas-sigurtà tar-reġim. Storja ta' vjolenza kontra dissidenti. | 28.2.2011 |
| 8. | DORDA, Abu Zayd Umar | Pożizzjoni: Direttur, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Fidil għar-reġim. Kap tal-aġenzija tal-intelligence esterna. | 28.2.2011 |
| 9. | JABIR, Ġeneral Maġġur Abu Bakr Yunis | Pożizzjoni: Ministru tad-Difiża.<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Jalo, il-Libja | Responsabbiltà ġenerali għall-azzjonijiet tal-forzi armati. | 28.2.2011 |
| 10. | MATUQ, Matuq Mohammed | Pożizzjoni: Segretarju għall-Utilitajiet<br>Data tat-twelid: 1956<br>Post tat-twelid: Khoms | Membru anzjan tar-reġim. Involviment mal-Kumitati Rivoluzzjonarji. Fil-passat, storja ta' involviment fis-soppressjoni tad-dissidenti u vjolenza. | 28.2.2011 |
| 11. | QADHAF AL-DAM, Ahmed Mohammed | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: L-Eġittu | Kuġin ta' Muammar QADHAFI. Huwa mifhum li ilu mill-1995 jikkmanda battaljun elitista tal-armata responsabbli għas-sigurtà personali ta' Qadhafi u li għandu rwol ewlieni fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. Huwa kien involut fl-ippjanar ta' operazzjonijiet kontra dissidenti Libjani barra mill-pajjiż u kien direttament involut f'attivitajiet terroristiċi. | 28.2.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inkluż-joni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 12. | QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed | Data tat-twelid: 1948<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kuġin ta' Muammar QADHAFI. Fit-tmeninijiet, Sayyid kien involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament responsabbli għal diversi mwiet fl-Ewropa. tal-armi. | 28.2.2011 |
| 13. | QADHAFI, Mohammed Muammar | Pożizzjoni: Chairman tal-Kumpannija Ġenerali tal-Posta u t-Telekomunikazzjoni<br>Data tat-twelid: 1970<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar- reġim. | 28.2.2011 |
| 14. | QADHAFI, Saadi | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Speċjali<br>Nru tal-passaport 014797<br>Data tat-twelid: 25/05/1973<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 15. | QADHAFI, Saif al-Arab | Data tat-twelid: 1982<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 16. | AL-SENUSSI, Kurunell Abdullah (Al-Megrahi) | Pożizzjoni: Direttur tal-Intelligence Militari<br>Data tat-twelid: 1949<br>Post tat-twelid: Sudan | Involviment tal-Intelligence Militari fis-soppressjoni tad-dimostrazzjoni. Fil-passat, issuspettat bl-involviment fil-massakru tal-ħabs Abu Selim. Ikkundannat in absentia għall-bumbardament ta' titjira tal-UTA. Ħaten Muammar QADHAFI. | 28.2.2011 |
| 17. | AL-BARASSI, Safia Farkash | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Al Bayda, il-Libja | Mart Muammar QADHAFI.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 18. | SALEH, Bachir | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Traghen | Kap tal-Kabinett tal-Mexxej.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 19. | Il-Ġeneral TOHAMI, Khaled | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Genzur | Direttur tal-Uffiċċju għas-Sigurtà Interna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 20. | FARKASH, Mohammed Boucharaya | Data tat-twelid: 1 ta' Lulju 1949<br>Post tat-twelid: Al-Bayda | Direttur tal-intelligence fl-Uffiċċju għas-Sigurtà<br>Esterna. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 114/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 60/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 357/2008 tat-22 ta' April 2008 li jemenda l-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 571/2008 tad-19 ta' Ġunju 2008 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji għal reviżjoni tal-programmi ta' monitoraġġ annwali dwar il-BSE ([3]) b'relevanza għaż-ŻEE għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 584/2008 tal-20 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-*Salmonella enteritidis* u s-*Salmonella typhimurium* fid-dundjani ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 746/2008 taż-17 ta' Ġunju 2008 li jemenda l-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/2008 tat-23 ta' Settembru 2008 li jemenda l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward tal-mezzi ta' identifikazzjoni tal-annimali u l-kontenut tad-dokumenti ta' moviment ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 956/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jemenda l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard ([8]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 103/2009 tat-3 ta' Frar 2009 li jemenda l-Annessi VII u IX għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli ([9]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 244, 16.9.2010, p. 3.
([2]) ĠU L 111, 23.4.2008, p. 3.
([3]) ĠU L 161, 20.6.2008, p. 4.
([4]) ĠU L 162, 21.6.2008, p. 3.
([5]) ĠU L 202, 31.7.2008, p. 11.
([6]) ĠU L 256, 24.9.2008, p. 5.
([7]) ĠU L 260, 30.9.2008, p. 8.
([8]) ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41.
([9]) ĠU L 34, 4.2.2009, p. 11.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 129/2009 tat-13 ta' Frar 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 197/2006 dwar il-validità tal-miżuri tranżitorji li għandhom x'jaqsmu ma' dawk li kienu oġġetti tal-ikel ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 162/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li jemenda l-Annessi III u X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 163/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li jemenda l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(13) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 199/2009 tat-13 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi miżura tranżitorja li tidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-provvista diretta ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam frisk li ġej minn qatgħat ta' brojlers u dundjani ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(14) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2009 tat-18 ta' Marzu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1003/2005 fir-rigward tal-kontroll u l-ittestjar tas-*Salmonella* fil-qatgħat għat-tgħammir tal-*Gallus gallus* u tad-dundjani ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 759/2009 tad-19 ta' Awwissu 2009 li jemenda l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(16) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/53/KE tat-30 ta' April 2008 li temenda l-Anness IV għad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' viremija tar-rebbiegħa tal-karpjuni (SVC) ([7]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(17) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni għall-ħnieżer ([8]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/392/KE tat-30 ta' April 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' paġna ta' informazzjoni fuq l-Internet biex tagħmel disponibbli, permezz ta' mezzi elettroniċi, informazzjoni dwar in-negozji tal-produzzjoni tal-akkwakultura u l-istabbilimenti awtorizzati tal-ipproċessar ([9]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/650/KE tat-30 ta' Lulju 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE dwar in-notifika tal-mard tal-annimali fil-Komunità biex tinkludi fil-lista ta' mard li għandu jkun nnotifikat u biex titħassar l-enċefalomjelite enterovirali tal-ħnieżer minn dik il-lista ([10]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(20) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/815/KE tal-20 ta' Ottubru 2008 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-*Salmonella* f'qatgħat ta' brojlers tal-*Gallus gallus* ([11]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(21) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/896/KE tal-20 ta' Novembru 2008 dwar linji-gwida għall-għan tal-iskemi ta' sorveljanza tas-saħħa tal-annimali bbażati fuq ir-riskji stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ([12]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(22) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/908/KE tat-28 ta' Novembru 2008 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri biex jirrevedu l-programm annwali tagħhom ta' monitoraġġ tal-BSE ([13]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(23) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE rigward ir-rekwiżiti għall-kwarantina tal-annimali tal-akkwakultura ([14]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(24) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta' sorveljanza u qerda u status ta' ħelsien minn mard ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti ([15]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(25) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/247/KE tas-16 ta' Marzu 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/322/KE rigward l-għoti tal-ikel lil ċerti għasafar tal-ispeċi nekrofaġi fil-Bulgarija b'ċertu materjal ta' kategorija 1 ([16]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 44, 14.2.2009, p. 3.
([2]) ĠU L 55, 27.2.2009, p. 11.
([3]) ĠU L 55, 27.2.2009, p. 17.
([4]) ĠU L 70, 14.3.2009, p. 9.
([5]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 5.
([6]) ĠU L 215, 20.8.2009, p. 3.
([7]) ĠU L 117, 1.5.2008, p. 27.
([8]) ĠU L 213, 8.8.2008, p. 31.
([9]) ĠU L 138, 28.5.2008, p. 12.
([10]) ĠU L 213, 8.8.2008, p. 42.
([11]) ĠU L 283, 28.10.2008, p. 43.
([12]) ĠU L 322, 2.12.2008, p. 30.
([13]) ĠU L 327, 5.12.2008, p. 24.
([14]) ĠU L 337, 16.12.2008, p. 94.
([15]) ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15.
([16]) ĠU L 73, 19.3.2009, p. 20.

(26) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/722/KE tad-29 ta' Settembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/324/KE rigward deroga mill-projbizzjoni tar-riċiklaġġ intraspeċje għall-għoti tal-ikel lil ċerti annimali bil-pil fil-Latvja ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(27) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/771/KE tal-20 ta' Ottubru 2009 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella fid-dundjani ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(28) Ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 iħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 1999/567/KE ([3]) u 2003/390/KE ([4]) li huma inkorporati fil-Ftehim u li għalhekk għandhom jitħassru skont il-Ftehim.

(29) Id-Direttiva 2008/71/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE ([5]) li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.

(30) Ir-Regolament 2009/177/KE iħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2002/300/KE ([6]) u 2002/308/KE ([7]) li huma inkorporati fil-Ftehim u għalhekk għandhom jitħassru skont il-Ftehim.

(31) Il-Paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I jispeċifika li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-annimali ħajjin, għajr il-ħut u l-annimali tal-akwakultura, ma għandhomx japplikaw għall-Islanda, u li għandu jingħad dan f'relazzjoni mal-att speċifiku meta dan ma jkunx se japplika jew ikun se japplika parzjalment għall-Islanda. Għalhekk, għandu jingħad f'relazzjoni mad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([8]), li hi diġà inkorporata fil-Ftehim, li din ma tapplikax għall-Islanda.

(32) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Islanda b'perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-oqsma li ma kinux japplikaw għall-Islanda qabel ir-reviżjoni ta' dan il-Kapitolu b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([9]).

(33) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 357/2008, (KE) Nru 571/2008, (KE) Nru 584/2008, (KE) Nru 746/2008, (KE) Nru 933/2008, (KE) Nru 956/2008, (KE) Nru 1251/2008, (KE) Nru 103/2009, (KE) Nru 129/2009, (KE) Nru 162/2009, (KE) Nru 163/2009, (KE) Nru 199/2009, (KE) Nru 213/2009 u (KE) Nru 759/2009, id-Direttivi 2008/53/KE u 2008/71/KE u d-Deċiżjonijiet 2008/392/KE, 2008/650/KE, 2008/815/KE, 2008/896/KE, 2008/908/KE, 2008/946/KE, 2009/177/KE, 2009/247/KE, 2009/722/KE u 2009/771/KE, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 257, 30.9.2009, p. 38.
([2]) ĠU L 275, 21.10.2009, p. 28.
([3]) ĠU L 216, 14.8.1999, p. 13.
([4]) ĠU L 135, 3.6.2003, p. 19.
([5]) ĠU L 355, 5.12.1992, p. 32.
([6]) ĠU L 103, 19.4.2002, p. 24.
([7]) ĠU L 106, 23.4.2002, p. 28.
([8]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([9]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 27.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

*ANNESS*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 7b (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004) fil-Parti 1.1:

"— **32008 R 0933**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/2008 tat-23 ta' Settembru 2008 (ĠU L 256, 24.9.2008, p. 5),

— **32009 R 0759**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 759/2009 tad-19 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 215, 20.8.2009, p. 3).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-iskopijiet tal-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Fit-tabella tal-kodiċi tal-pajjiżi fin-nota tal-qiegħ 1 fl-Anness, għandu jiżdied dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| L-Islanda | IS | 352 |
| In-Norveġja | NO | 578" |

2. It-test tal-punt 7 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE) fil-Parti 1.1 għandu jitħassar.

3. Il-punt li ġej għandu jiġi nkluż wara l-punt 7c (ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 1.1:

"7d. **32008 L 0071**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2008, p. 31)."

4. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 8a (id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE) fil-Parti 3.1, il-punt 5a (id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE) fil-Parti 4.1 u l-punt 4a (id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE) fil-Parti 8.1:

", kif emendat permezz ta':

— **32008 L 0053**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/53/KE tat-30 ta' April 2008 (ĠU L 117, 1.5.2008, p. 27)."

5. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 5a (id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE) fil-Parti 3.1:

"Dan l-att ma għandux japplika għall-Islanda."

6. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 10 (id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE) fil-Parti 3.1:

"— **32008 D 0650**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/650/KE tat-30 ta' Lulju 2008 (ĠU L 213, 8.8.2008, p. 42)."

7. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 41 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2008) fil-Parti 3.2:

"42. **32008 D 0896**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/896/KE tal-20 ta' Novembru 2008 dwar linji-gwida għall-għan tal-iskemi ta' sorveljanza tas-saħħa tal-annimali bbażati fuq ir-riskji stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE (ĠU L 322, 2.12.2008, p. 30)."

8. It-test tal-punti 51 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/567/KE), 65 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300/KE), 66 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/308/KE), u 72 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/390/KE) fil-Parti 4.2 għandu jitħassar.

9. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 85 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008) fil-Parti 4.2:

"86. **32008 R 1251**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jġħaddu l-mard (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41),

87. **32008 D 0392**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/392/KE tat-30 ta' April 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' paġna ta' informazzjoni fuq l-Internet biex tagħmel disponibbli, permezz ta' mezzi elettroniċi, informazzjoni dwar in-negozji tal-produzzjoni tal-akkwakultura u l-istabbilimenti awtorizzati tal-ipproċessar. (ĠU L 138, 28.5.2008, p. 12),

88. **32008 D 0946**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE rigward ir-rekwiżiti għall-kwarantina tal-annimali tal-akkwakultura (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 94),

89. **32009 D 0177**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta' sorveljanza u qerda u status ta' ħelsien minn mard ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti (ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15)."

10. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 8b (ir-Regolament (KE) 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 7.1 u 25 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1003/2005) fil-Parti 7.2:

"— **32009 R 0213**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 213/2009 tat-18 ta' Marzu 2009 (ĠU L 73, 19.3.2009, p. 5)."

11. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 7.1:

"— **32008 R 0357**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 357/2008 tat-22 ta' April 2008 (ĠU L 111, 23.4.2008, p. 3),

— **32008 R 0571**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 571/2008 tad-19 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 161, 20.6.2008, p. 4),

— **32008 R 0746**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 746/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 11),

— **32008 R 0956**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 956/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 8),

— **32009 R 0103**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 103/2009 tat-3 ta' Frar 2009 (ĠU L 34, 4.2.2009, p. 11),

— **32009 R 0162**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 162/2009 tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU L 55, 27.2.2009, p. 11),

— **32009 R 0163**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 163/2009 tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU L 55, 27.2.2009, p. 17)."

12. It-test tal-adattament li ġej għandu jiżdied fil-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 7.1:

"H. Fl-Anness IX, Kapitolu D, Taqsima B, punt c), dan li ġej għandu jiżdied wara l-kliem 'ddestinat għal Stat Membru elenkat fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 546/2006,':

'jew iddestinat għan-Norveġja,' "

13. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 45 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 197/2006) fil-Parti 7.2:

"— **32009 R 0129**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 129/2009 tat-13 ta' Frar 2009 (ĠU L 44, 14.2.2009, p. 3)."

14. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 47 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 646/2007) fil-parti 7.2:

", kif emendat permezz ta':

— **32008 R 0584**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 584/2008 tal-20 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 3)."

15. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 50 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/486/KE) fil-Parti 7.2:

"51. **32008 R 0584**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 584/2008 tal-20 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-*Salmonella enteritidis* u s-*Salmonella typhimurium* fid-dundjani (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 3),

52. **32009 R 0199**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 199/2009 tat-13 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi miżura tranżitorja li tidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-provvista diretta ta' kwantitajiet żgħar ta' laħam frisk li ġej minn qatgħat ta' brojlers u dundjani (ĠU L 70, 14.3.2009, p. 9)."

16. Taħt l-intestatura "*ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW*", il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħalu wara l-punt 4i (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/874/KE) fil-Parti 7.2:

"4j. **32008 D 0815**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/815/KE tal-20 ta' Ottubru 2008 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-*Salmonella* f'qatgħat ta' brojlers tal-*Gallus gallus* (ĠU L 283, 28.10.2008, p. 43).

4k. **32009 D 0771**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/771/KE tal-20 ta' Ottubru 2009 li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll tas-*Salmonella* fid-dundjani (ĠU L 275, 21.10.2009, p. 28)."

17. Taħt l-intestatura "*ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF DOVUT*", il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 41a (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/667/KE) fil-Parti 7.2:

"41b. **32008 D 0908**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/908/KE tat-28 ta' Novembru 2008 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri biex jirrevedu l-programm annwali tagħhom ta' monitoraġġ tal-BSE (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 24)."

18. Taħt l-intestatura "*L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*", l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 42 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/322/KE) fil-Parti 7.2:

"— **32009 D 0247**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/247/KE tas-16 ta' Marzu 2009 (ĠU L 73, 19.3.2009, p. 20)."

19. Taħt l-intestatura "*L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*", l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 43 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/324/KE) fil-Parti 7.2:

"— **32009 D 0722**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/722/KE tad-29 ta' Settembru 2009 (ĠU L 257, 30.9.2009, p. 38)."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 115/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 60/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 tat-28 ta' Frar 2008 li jikkonċerna l-laboratorju ta' referenza tal-Komunità għall-mard tal-ekwini għajr għall-marda Afrikana taż-żwiemel u li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE dwar l-approvazzjoni ta' kompartimenti għat-tjur u ta' kompartimenti għal għasafar maqbuda oħrajn fir-rigward tal-influwenza avjarja u miżuri ta' bijosikurezza preventivi addizzjonali f'kompartimenti [3] simili għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 789/2009 tat-28 ta' Awwissu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-ħarsien kontra attakki minn vetturi u r-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1156/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' ċerti annimali ta' speċijiet suxxettibbli mill-projbizzjoni tal-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela [6] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/157/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar annimali tal-ispeċijiet bovini ta' razza pura għat-tnissil [7] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/437/KE tat-8 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2007/268/KE dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja fit-tjur u fl-għasafar selvaġġi li għandha titwettaq fl-Istati Membri [8] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/600/KE tal-5 ta' Awwissu 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċerti Stati Membri u reġjuni tagħhom huma uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi bovina [9] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/601/KE tal-5 ta' Awwissu 2009 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/233/KE fir-rigward tal-entrati għall-Ġermanja fil-lista ta' laboratorji awtorizzati li jiċċekkjaw l-effettività tal-vaċċinazzjoni kontra l-idrofobija f'ċerti karnivori domestiċi [10] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/621/KE tal-20 ta' Awwissu 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-inklużjoni tal-Irlanda ta' Fuq fil-lista ta' reġjuni fejn hemm stabbilit programm approvat ta' kontroll nazzjonali għall-marda Aujeszky [11] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/761/KE tal-15 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-Iskozja hi uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi bovina [12] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/779/KE tat-22 ta' Ottubru 2009 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/233/KE fir-rigward tad-daħliet għad-Danimarka fil-lista ta' laboratorji awtorizzati biex jiċċekkjaw l-effettività tal-vaċċinazzjoni kontra l-idrofobija f'ċerti karnivori domestiċi [13] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

[1] ĠU L 244, 16.9.2010, p. 3.
[2] ĠU L 56, 29.2.2008, p. 4.
[3] ĠU L 181, 14.7.2009, p. 16.
[4] ĠU L 227, 29.8.2009, p. 3.
[5] ĠU L 313, 28.11.2009, p. 59.
[6] ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7.
[7] ĠU L 323, 10.12.2009, p. 1.
[8] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 45.
[9] ĠU L 204, 6.8.2009, p. 39.
[10] ĠU L 204, 6.8.2009, p. 43.
[11] ĠU L 217, 21.8.2009, p. 5.
[12] ĠU L 271, 16.10.2009, p. 34.
[13] ĠU L 278, 23.10.2009, p. 58.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/869/KE tas-27 ta' Novembru 2009 li temenda l-Annessi XI, XII, XV u XVI tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista taal-laboratorji awtorizzati jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-istandards minimi ta' sigurtà applikabbli għalihom [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/976/KE tal-15 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Anness D tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE fir-rigward ta' testijiet dijanjostiċi għal-lewkożi enzootika bovina [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(16) Id-Direttiva 2008/119/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KE [3] li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim,

(17) Id-Direttiva 2009/157/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KE [4] li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim,

(18) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward l-annimali ħajjin għajr il-ħut u l-annimali tal-akwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma tapplikax għall-Islanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I ta' mal-Ftehim.

(19) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Islanda u għal-Liechtenstein.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 180/2008, (KE) Nru 616/2009, (KE) Nru 789/2009 u (KE) Nru 1156/2009, Direttivi 2008/119/KE u 2009/157/KE u d-Deċiżjonijiet 2009/437/KE, 2009/600/KE, 2009/601/KE, 2009/621/KE, 2009/761/KE, 2009/779/KE, 2009/869/KE u 2009/976/UE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

[1] ĠU L 315, 2.12.2009, p. 8.
[2] ĠU L 336, 18.12.2009, p. 36.
[3] ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28.
[4] ĠU L 206, 12.8.1977, p. 8.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

*ANNESS*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 11 (ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 1.1:

   "— **32008 R 0180**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 tat-28 ta' Frar 2008 (ĠU L 56, 29.2.2008, p. 4)."

2. It-test tal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE) fil-Parti 2.1 għandu jitħassar.

3. Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 1 (Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE, imħassar) fil-Parti 2.1:

   "1a. **32009 L 0157**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/157/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar annimali tal-ispeċijiet bovini ta' razza pura għat-tnissil (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 1).

   Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda."

4. L-inċiż li ġej għandhu jiżdied fil-punt 1a (id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE) fil-Parti 3.1:

   "— **32009 D 0869**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/869/KE tas-27 ta' Novembru 2009 (ĠU L 315, 2.12.2009, p. 8)."

5. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 38 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/268/KE) fil-Parti 3.2:

   ", kif emendat permezz ta':

   — **32009 D 0437**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/437/KE tat-8 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 45)."

6. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 40 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007) fil-Parti 3.2:

   "— **32009 R 0789**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 789/2009 tat-28 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 227, 29.8.2009, p. 3),

   — **32009 R 1156**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1156/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 (ĠU L 313, 28.11.2009, p. 59)."

7. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 42 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/896/KE) fil-Parti 3.2;

   "43. **32009 R 0616**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE fir-rigward tal-approvazzjoni ta' kompartimenti għat-tjur u ta' kompartimenti għal għasafar maqbuda oħrajn fir-rigward tal-influwenza avjarja u miżuri ta' bijosikurezza preventivi addizzjonali f'kompartimenti simili (ĠU L 181, 14.7.2009, p. 16).

   Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda."

8. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE) fil-Parti 4.1:

   "— **32009 D 0976**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/976/UE tal-15 ta' Diċembru 2009 (ĠU L 336, 18.12.2009, p. 36)."

9. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2:

   "— **32009 D 0600**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/600/KE tal-5 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 204, 6.8.2009, p. 39),

   — **32009 D 0761**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/761/KE tal-15 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 271, 16.10.2009, p. 34)."

10. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 76 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32009 D 0601**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/601/KE tal-5 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 204, 6.8.2009, p. 43),

— **32009 D 0779**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/779/KE tat-22 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 278, 23.10.2009, p. 58)."

11. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 84 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32009 D 0621**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/621/KE tal-20 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 217, 21.8.2009, p. 5)."

12. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 89 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE) fil-Parti 4.2;

"90. **32008 R 0180**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 tat-28 ta' Frar 2008 li jikkonċerna l-laboratorju ta' referenza tal-Komunità għall-mard tal-ekwini għajr għall-marda Afrikana taż-żwiemel u li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 56, 29.2.2008, p. 4).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda."

13. It-test tal-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE) fil-Parti 9.1 għandu jitħassar.

14. Dan il-punt għandu jiddaħħal wara l-punt 11 (id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE) fil-Parti 9.1:

"12. **32008 L 0119**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7).

Dan l-att m'għandux japplika għall-Islanda."

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 116/2010

## tal-10 ta’ Novembru 2010

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa ‘l quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 81/2010 tat-2 ta’ Lulju 2010 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/141/KE tat-23 ta’ Novembru 2009 li temenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi tal-arseniku, it-teobromina, id-*Datura* sp., ir-*Ricinus communis* L., il-*Croton tiglium* L. u l-*Abrus precatorius* L [2]. għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m’għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 33 (id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness I mal-Ftehim:

‘— **32009 L 0141**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/141/KE tat-23 ta’ Novembru 2009 (ĠU L 308, 24.11.2009, p. 20).’

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2009/141/KE fil-lingwa Islandiża u f’dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta’ Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta’ Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

---

[1] ĠU L 277, 21.10.2010, p. 34.

[2] ĠU L 308, 24.11.2009, p. 20.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 117/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/231/KE tat-12 ta' April 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi [2], trid tkun integrata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/322/KE tat-18 ta' April 2008 li tipproroga l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi [3], trid tkun integrata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/298/KE tas-26 ta' Marzu 2009 li tipproroga l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi [4], trid tkun integrata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/157/KE tat-12 ta' Marzu 2010 li tipproroga l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkunu disponibbli fis-suq biss il-lighters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lighters fantażjużi [5], trid tkun integrata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 3k (Direttiva tal-Kummissjoni 2006/502/KE) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32007 D 0231**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/231/KE tat-12 ta' April 2007 (ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16),

— **32008 D 0322**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/322/KE tat-18 ta' April 2008 (ĠU L 109, 19.4.2008, p. 40),

— **32009 D 0298**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/298/KE tas-26 ta' Marzu 2009 (ĠU L 81, 27.3.2009, p. 23),

— **32010 D 0157**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/157/UE tat-12 ta' Marzu 2010 (ĠU L 67, 17.3.2010, p. 9)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2007/231/KE, 2008/322/KE, 2009/298/KE u 2010/157/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(1) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 31.
(2) ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16.
(3) ĠU L 109, 19.4.2008, p. 40.
(4) ĠU L 81, 27.3.2009, p. 23.
(5) ĠU L 67, 17.3.2010, p. 9.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 118/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 138/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/251/KE tas-17 ta' Marzu 2009 li titlob lill-Istati Membri jiżguraw li prodotti li fihom il-bijoċidju dimethylfumarate ma jitqegħdux fis-suq jew ikunu disponibbli fih [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/153/UE tal-11 ta' Marzu 2010 li ġġedded il-validità tad-Deċiżjoni 2009/251/KE li titlob lill-Istati Membri jiżguraw li prodotti li fihom il-bijoċidju dimethylfumarate ma jitqegħdux jew ikunu disponibbli fis-suq [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 3 m (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/357/KE) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim:

"3n. **32009 D 0251**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/251/KE tas-17 ta' Marzu 2009 li titlob lill-Istati Membri jiżguraw li prodotti li fihom il-bijoċidju dimethylfumarate ma jitqegħdux fis-suq jew ikunu disponibbli fih (ĠU L 74, 20.3.2009, p. 32), kif emendata b':

— **32010 D 0153**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/153/UE tal-11 ta' Marzu 2010 (ĠU L 63, 12.3.2010, p. 21)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/251/KE u 2010/153/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 31.
[2] ĠU L 74, 20.3.2009, p. 32.
[3] ĠU L 63, 12.3.2010, p. 21.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 119/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 8/2006 tas-27 ta' Jannar 2006 (1).

(2) Id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (2) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/43/KE tal-4 ta' April 2008 li twaqqaf, skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE, sistema għall-identifikazzjoni u t-traċċabilità tal-isplussivi għall-użi ċivili (3) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 3 (Direttiva tal-Kummissjoni 2004/57/KE) fil-Kapitolu XXIX tal-Anness II għall-Ftehim:

"4. **32007 L 0023**: Id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1).

5. **32008 L 0043**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/43/KE tal-4 ta' April 2008 li twaqqaf, skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE, sistema għall-identifikazzjoni u t-traċċabilità tal-isplussivi għall-użi ċivili (ĠU L 94, 5.4.2008, p. 8)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2007/23/KE u 2008/43/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(1) ĠU L 92, 30.3.2006, p. 29.
(2) ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1.
(3) ĠU L 94, 5.4.2008, p. 8.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 120/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 85/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 [1].

(2) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (riformulazzjoni) [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/83/KE tas-27 ta' Lulju 2009 li temenda ċerti annessi tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tar-riskju [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummisssjoni 2009/384/KE tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji [5] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Direttiva 2009/65/KE tħassar, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE [6], li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha għaldaqstant titħassar taħt l-istess Ftehim b'effett mill-1 ta' Lulju 2011.

(7) Id-Direttiva 2009/110/KE tħassar, b'effett mit-30 ta' April 2011, id-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7], li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha għaldaqstant titħassar taħt l-istess Ftehim b'effett mit-30 ta' April 2011.

(8) Id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [8], li hija inkorporata fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2003 [9] tas-26 ta' Settembru 2003, tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 77/92/KEE [10], li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha għaldaqstant titħassar taħt l-istess Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punti 30 (id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE) u 30a (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/16/KE) għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-punti 30a u 30b rispettivament.

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal qabel il-punt il-ġdid 30a (id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE):

   "30. **32009 L 0065**: Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (riformulazzjoni) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32)."

3. It-test tal-punt il-ġdid 30a (id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE) għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2011.

4. Il-punt 15 (id-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għadu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 15a.

5. Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal qabel il-punt il-ġdid 15a (id-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "15. **32009 L 0110**: Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7)."

[1] ĠU L 277, 21.10.2010, p. 39.
[2] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.
[3] ĠU L 196, 28.7.2009, p. 14.
[4] ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7.
[5] ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22.
[6] ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3.
[7] ĠU L 275, 27.10.2000, p. 39.
[8] ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.
[9] ĠU L 331, 18.12.2003, p. 34.
[10] ĠU L 26, 31.1.1977, p. 14

6. It-test tal-punt il-ġdid 15a (id-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jitħassar b'seħħ mit-30 ta' April 2011.

7. L-inċiż li ġej għandu jinżdied fil-punt 14 (id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32009 L 0083**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/83/KE tas-27 ta' Lulju 2009 (ĠU L 196, 28.7.2009, p. 14),

— **32009 L 0110**: Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7)."

8. L-inċiż li ġej għandu jinżdied fil-punt 23b (id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32009 L 0110**: Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7)."

9. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 43 (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/657/KE):

"44. **32009 H 0384**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22)."

10. It-test tal-punt 13 (id-Direttiva tal-Kunsill 77/92/KEE) għandu jitħassar.

11. Il-punti 29f (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/72/KE) u 29 g (id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-punti 29c u 29d rispettivament.

12. Il-punt 29ga (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 29da.

13. Il-punt 29h (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 29e.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet Nri 2009/65/KE, 2009/83/KE u 2009/110/KE u tar-Rakkomandazzjoni 2009/384/KE fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 121/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2010 tal-1 ta' Ottubru 2010 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/187/UE tal-25 ta' Marzu 2010 li tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw ċerti derogi skont id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 13c (id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32010 D 0187**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/187/UE tal-25 ta' Marzu 2010 (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 24)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/187/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 332, 16.12.2010, p. 58.
([2]) ĠU L 83, 30.3.2010, p. 24.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 122/2010

# tal-10 ta' Novembru 2010

# li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2010 tal-1 ta' Ottubru 2010 ([1]).

(2) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/19/UE tat-13 ta' Jannar 2010 dwar l-iskambju sikur ta' dejta elettronika bejn l-Istati Membri biex tkun ivverifikata l-uniċità tal-biljetti tas-sewwieqa ([2]) li joħorġu għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 36a (id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XIII tal-Ftehim:

"*ATTI LI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu nota tal-kontenut tal-atti li ġejjin:

36b. **32010 H 0019**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/19/UE tat-13 ta' Jannar 2010 dwar l-iskambju sikur ta' dejta elettronika bejn l-Istati Membri biex tkun ivverifikata l-uniċità tal-biljetti tas-sewwieqa li joħorġu (ĠU L 9, 14.1.2010, p. 10)."

*Artikolu 2*

It-testijiet tar-Rakkkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/19/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

---

([1]) ĠU L 332, 16.12.2010, p. 58.

([2]) ĠU L 9, 14.1.2010, p. 10.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 123/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2010 tal-1 ta' Ottubru 2010 [1].

(2) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010 tas-6 ta' April 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 66 l (ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII li jinsab mal-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32010 R 0285**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010 tat-6 ta' April 2010 (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 19)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 285/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

[1] ĠU L 332, 16.12.2010, p. 58.

[2] ĠU L 87, 7.4.2010, p. 19.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 124/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1205/2008 tat-3 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metadejta ([2]), kif korrett mill-ĠU L 328, 15.12.2009, p. 83, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 li timplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u mar-rappurtar ([3]), kif korretta mill-ĠU L 322, 9.12.2009, p. 40, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt lj (id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"1ja. **32008 R 1205**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1205/2008 tat-3 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metadejta (ĠU L 326, 4.12.2008, p. 12), kif korrett mill-ĠU L 328, 15.12.2009, p. 83.

1jb. **32009 D 0442**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/442/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 li timplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u mar-rappurtar (ĠU L 148, 11.6.2009, p. 18), kif korretta mill-ĠU L 322, 9.12.2009, p. 40."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1205/2008, kif korrett mill-ĠU L 328, 15.12.2009, p. 83, u tad-Deċiżjoni 2009/442/KE, kif korretta mill-ĠU L 322, 9.12.2009, p. 40, fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 55/2010 tat-30 ta' April 2010 ([4]), skont liema minn dawn tkun l-aktar reċenti.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 277, 21.10.2010, p. 47.
([2]) ĠU L 326, 4.12.2008, p. 12.
([3]) ĠU L 148, 11.6.2009, p. 18.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.
([4]) ĠU L 181, 15.7.2010, p. 23.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 125/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/967/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-tessuti għall-kisi tal-art ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lill-kisi tal-injam tal-art ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 2z (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/543/KE) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"2za. **32009 D 0967**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/967/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-tessuti għall-kisi tal-art (ĠU L 332, 17.12.2009, p. 1).

2zb. **32010 D 0018**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-tessuti għall-kisi tal-art (ĠU L 8, 13.1.2010, p. 32)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/967/KE u 2010/18/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 277, 21.10.2010, p. 47.
([2]) ĠU L 332, 17.12.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 8, 13.1.2010, p. 32.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 126/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE tat-30 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar ([2]), trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 13caa (Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XX mal-Ftehim:

"13cab. **32008 D 0915**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE tat-30 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar (ĠU L 332, 10.12.2008, p. 20)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/915/KE fil-lingwa Islandiża u fil-lingwa Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

([1]) ĠU L 277, 21.10.2010, p. 47.
([2]) ĠU L 332, 10.12.2008, p. 20.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 127/2010

## tal-10 ta' Novembru 2010

## li temeda l-Anness XXII (Il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII għall-Ftehim ġie emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2010 tat-1 ta' Ottubru 2010 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/64/UE tal-5 ta' Frar 2010 dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tkun inkorporata mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 10fa (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/627/KE) tal-Anness XXII tal-Ftehim:

"10fb. **32010 D 0064**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/64/UE tal-5 ta' Frar 2010 dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 6.2.2010, p. 15)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/64/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

---

## Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar id-Deċiżjoni Nru 127/2010 li tinkorpora d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/64/UE fil-Ftehim

"Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/64/UE tal-5 ta' Frar 2010 dwar l-adegwatezza tal-awtoritajiet kompetenti ta' ċerti pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha x'taqsam mal-għarfien tal-adekwatezza tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi. L-inkorporazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE."

---

([1]) ĠU L 332, 16.12.2010, p. 63.
([2]) ĠU L 35, 6.2.2010, p. 15.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA
## Nru 167/09/COL
## tas-27 ta' Marzu 2009
## dwar il-kera u l-bejgħ tal-bażi tal-ajru Lista (in-Norveġja)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokol 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Artikolu 1(3) tal-Parti I u l-Artikolu 4(2) tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Sorveljanza u l-Qorti [4],

WARA LI KKUNSIDRAT il-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE [5], u b'mod partikolari l-Parti V tiegħu dwar l-elementi ta' għajnuna mill-Istat fil-bejgħ ta' art u bini minn awtoritajiet pubbliċi,

WARA LI SEJĦET lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-Artikolu 6(1) tal-Parti II tal-Protocol 3 [6],

WARA LI KKUNSIDRAT il-kummenti tagħhom,

Billi:

## I. FATTI

### 1. *PROĊEDURA*

Id-Deċiżjoni Nru 183/07/COL biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet ippubblikata f'll-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u s-Suppliment taż-ŻEE tiegħu. L-Awtorità stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom. L-Awtorità rċeviet kummenti mingħand Lista Lufthavn AS. Permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Diċembru 2007 (Avveniment Nru 455712), l-Awtorità ressqet dawn il-kummenti lill-Awtoritajiet Norveġiżi li kellhom l-opprotunità li jwieġbu. B'ittra li ġġib id-data tat-12 ta' Diċembru 2007 (Avveniment Nru 457245), l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-kummenti tagħhom.

L-Awtorità ħatret espert, is-Sur Geir Saastad, biex jagħmel valutazzjoni indipendenti tal-bażi tal-ajru Lista. Il-ħatra tal-espert saret fl-14 ta' April 2008. L-ambitu tal-missjoni tal-espert kien li jiġi ddeterminat (i) il-valur tas-suq tal-bażi tal-ajru u (ii) il-valur li kellu jiġi meħmuż mal-obbligu marbut mal-art u l-bini.

Ir-rapport finali tal-espert indipendenti kien ikkomunikat lill-Awtorità f'Mejju 2008.

Permezz ta' ittra bid-data tat-18 ta' Lulju 2008 (Avveniment Nru 486089), l-Awtorità talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Norveġiżi.

L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu għat-talba għall-informazzjoni mitluba permezz ta' ittra bid-data tat-28 ta' Awwissu 2008 (Avveniment Nru 489312).

### 2. *DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI INVESTIGATI*

L-Awtorità investigat żewġ miżuri differenti: il-kera u l-bejgħ tal-bażi tal-ajru Lista.

#### 2.1. DESKRIZZJONI TAL-BAŻI TAL-AJRU LISTA

Fil-Proposta Nru 50 (1994-1995) lill-Parlament [7], lill-Ministeru tad-Difiża ppreżenta l-proposta tiegħu dwar l-għeluq tal-bazi tal-ajru. Il-Ministeru tad-Difiża ressaq dik li tissejjaħ "alternattiva ta' żvilupp". Taħt dak il-pjan, il-Forzi Armati Norveġiżi kellhom jivvalutaw il-konglomerazzjoni tal-bini biex jiddeċiedu dwar il-bini li ma setax jew li ma kellux jintuża' għal skopijiet industrijali jew kummerċjali. Il-bini li jista' jintuża' għal skopijiet

[1] Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità.
[2] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE.
[3] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
[4] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Protokoll 3.
[5] Il-Linji Gwida għall-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati f'll-*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ĠU") L 231 3.9.1994 p. 1 u s-Supplimenti ŻEE Nru 32 3.9.1994 p. 1. Il-Linji Gwida ġew emendati l-aħħar fis-16 ta' Diċembru 2008. Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Il-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat hija ppubblikata fil-websajt tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/state_aid_guidelines/
[6] Ippubblikata fil-ĠU L 250, 25.10.2007, p. 28 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 50, 25.10.2007 p. 13.

[7] St.prp. nru 50 (1994-1995) tat-12 ta' Ġunju 1995 kien segwitu għal riżoluzzjoni li biha l-Parlament ddeċieda dwar ir-riorganizzazzjoni tal-forzi Armati Norveġiżi. Bħala parti mir-riorganizzazzjoni, il-bażi tal-ajru Lista kellha tingħalaq mill-1 ta' Jannar 1996.

kummerċjali/industrijali għandu jinżam għal perjodu massimu ta' għaxar snin sabiex ikunu riveduti l-possibiltajiet tal-iżvilupp kummerċjali u jħejju għal aħjar użu kummerċjali possibbli tal-bażi tal-ajru.

Bħala segwitu għar-riżoluzzjoni mill-Parlament, tfasslu diversi rapporti biex issir deskrizzjoni ġenerali tal-bażi tal-arju Lista (l-awtoritajiet Norveġiżi kienu ssottomettew biss rapport bid-data tal-24 ta' Jannar 2002 dwar is-sikurezza fir-rigward tan-nirien li permezz tiegħu TekØk taw rapport dwar l-istandards kif kienu dak iż-żmien, irrakkomandaw titjib u kkalkulaw l-ispejjeż tax-xogħlijiet irrakkomandati).

Il-bażi tal-ajru Lista tkopri 5 000 000 $m^2$ ta' artijiet. Il-konglomerazzjoni tal-bini tikonsisti fi mħażen, kwartieri, swali tal-ikel u ħangars li jirrappreżentaw madwar 28 000 $m^2$. Il-proprjetà tinkludi wkoll airstrip u żona ta' artijiet mistagħdra.

Skont is-settur muniċipali tal-bażi tal-ajru Lista approvat mill-Kunsill Muniċipali ta' Farsund, il-proprjetà ser tkun tista' tintuża' għal attivitajiet kummerċjali inklużi servizzi ta' avjazzjoni, żvilupp pubbliku, snajja' u industrija. Iż-żona ta' madwar Slevdalsvannet, li tinkludi ż-żona tal-artijiet mistagħdra u l-maħżen għal-munizzjoni għall-Forzi Armati Norveġiżi, kienet riżervata għall-użu tal-Forzi Armati Norveġiżi, is-servizzi tal-ajruport u l-konservazzjoni tan-natura. Madwar 1 900 000 $m^2$ jistgħu jintużaw għal skopijiet industrijali. Partijiet mill-art u ċertu bini huma protetti skont il-Pjan nazzjonali ta' Protezzjoni mill-Forzi Armati Norveġiżi, inklużi:

— tliet ħangars u s-simulatur tad-difiża tal-ajru;

— sala tal-ikel, u

— partijiet mill-art, inklużi r-runways, it-taxiways u parti min-netwerk tat-toroq.

## 2.2. IL-KERA TAL-BAŻI TAL-AJRU LISTA

Fil-kuntest tar-riorganizzazzjoni tal-proprjetà li tappartjeni għall-Forzi Armati tan-Norveġja, fl-1994-1995 ġie deċiż li l-attivitajiet tal-bażi militari fil-bażi militari Lista għandhom jieqfu sa mill-1 ta' Lulju 1996.

Fis-27 ta' Ġunju 1996, l-Aġenzija Norveġiża għall-Proprjetà ta' Diviża - (minn hawn "'il quddiem l-ANPD") laħqet ftehim dwar il-kera għal-għaxar snin mal-Lista Airport Development AS ("LAD") li kellu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1996 sat-30 ta' Ġunju 2006 bil-possibbiltà li l-LAD tikri l-bażi tal-ajru għal perjodu ulterjuri ta' għaxar snin. Il-kumpanija kienet proprjetà tal-Muniċipalità ta' Farsund (20 %) u ta' investituri lokali (80 %). Il-ftehim kopra disa' binjiet, li jikkorrispondu għal madwar 12 500 $m^2$, u r-runway, li tkopri 421 610 $m^2$.

L-għan ewlieni tal-ftehim kien biex jiġi żviluppat, bħala parti mill-implimentazzjoni ta' "alternattivi ta' żvilupp" u fil-perjodu ta' massimu ta' għaxar snin, servizzi tal-ajru kummerċjali fuq il-bażi tal-ajru.

Fl-1 ta' Lulju 1996, il-ftehim tal-kera ġie trasferit lil Lufthavn Lista Lufthavn AS ("LILAS") li kien ġie stabbilit fit-3 ta' Mejju 1996.

Il-ftehim tal-kera kien jipprovdi li LILAS kellha tikri parti speċifika tal-bini u l-airstrip għall-prezz annwali ta' NOK 10 000 li kellu jiġi aġġustat kull ħames snin. L-ANPD ser ikun jintitola wkoll għal 15 % tad-dħul ta' LILAS mis-sottokiri tal-bini. Matul il-perjodiu mill-1 ta' Lulju 1996 sa Settembru 2002, LILAS daħlet f'diversi kuntratti ta' sottokirjiet. Id-dħul mis-sottokiri mħallas lil ANPD kien ta' NOK 245 405.

Il-ftehim tal-kera kien jipprovdi li s-sid tal-bażi tal-ajru kien responsabbli għal manutenzjoni esterna tal-bini u l-manutenzjoni tal-airstrip. Ir-responsabbiltà kienet limitata għal NOK 1 500 000 fis-sena. Bħala kunsiderazzjoni għal dan l-obbligu, is-sid kien intitolat biex jaqsam il-profitti. L-Artikolu 3 tal-ftehim tal-kera pprovda li f'każ li l-profitt iġġenerat b'riżultat tal-użu kummerċjali tal-bażi tal-ajru jkun qabeż NOK 4 500 000, is-sid tal-bażi tal-ajru kellu jkun intitolat għal 20 % tal-profitti li teċċedi dik iċ-ċifra.

Kienu operati ċerti servizzi kummerċjali għal xi żmien. Braathen Safe u Air Stord mexxew servizzi kummerċjali sal-1 ta' Novembru 1999. Matul is-sena 2000, LILAS kompliet tinvestiga l-possibiltà li tistabbilixxi mill-ġdid titjiriet skedati u li jiġi zviluppat l-ajruport bħala terminal għall-merkanzija bil-merkanzija tal-ajru li titqassam lejn l-Ewropa. LILAS amministrat it-twaqqif mill-ġdid ta' titjiriet skedati bejn Oslo u Lista amministrat minn Cost Air matul l-2001. Fl-2002 ma kien hemm l-ebda tijira skedata li operat fl-ajruport ta' Lista. Peress li LILAS ma laħqitx l-għan inizjali ta' ħolqien ta' sevizzi tal-ajru kummerċjali fil-bażi tal-ajru, id-dħul matul is-snin 1996-2002 qatt ma qabeż l-ammont ta' NOK 4 500 000 fis-sena.

Fi tmiem il-perjodu inizjali ta' għaxar snin, LILAS kellha l-possibiltà biex testendi l-kera għal għaxar snin oħra. Jekk dak id-dritt ma jkunx ġie eżerċitat, LILAS setgħet tixtri żona speċifika tal-bażi tal-ajru għal prezz ta' NOK 10 000 000. Barra minn hekk, il-kuntratt kien jipprovdi li LILAS kellha l-possibiltà li tixtri l-bażi tal-ajru għall-prezz ta' NOK 25 000 000, kieku l-ANPD kellha tiddeċiedi li tbigħ lill-bażi tal-ajru LISTA *en bloc* matul il-perjodu tal-kera. Permezz ta' ittra bid-data tat-13 ta' Diċembru 2002, LILAS irrinunzjat mid-dritt preventiv tagħha li tixtri l-bażi tal-ajru LISTA *en bloc* u l-bażi tal-ajru nbiegħet lil-Lista Flypark AS.

F'Ġunju 2006, b'konformità mat-termini tal-ftehim tal-kera, LILAS eżerċitat id-dritt preventiv tagħha li tixtri partijiet mill-bażi tal-ajru Lista għall-ammont ta' NOK 10 000 000 mingħand Lista Flypark AS.

2.3. IL-BEJGĦ TAL-BAŻI TAL-AJRU LISTA

Fit-12 ta' Settembru 2002 l-ANPD biegħet il-bażi tal-ajru Lista lil Lista Flypark AS. Il-bejgħ wassal għal ħlas nett ta' NOK 10 875 000 mill-Istat Norveġiż lill-Lista Flypark AS. Sabiex ikunu analizzati t-termini u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, trid issir distinzjoni bejn żewġ stadji suċċessivi: il-valutazzjoni tal-valur tas-suq tal-proprjetà min-naħa l-waħda, u l-obbligazzjonijiet marbuta mal-art u mal-bini min-naħa l-oħra

2.3.1. ***Passi li ttieħdu sabiex jinstab xerrej għall-bażi tal-ajru***

Fl-1997, LILAS mexxiet l-ANPD sabiex jiġi nnegozjat ix-xiri tal-bażi tal-ajru. Fil-21 ta' Ottubru 1998, il-Muniċipalità ta' Farsund u LILAS qablu dwar strateġija għax-xiri tal-proprjetà. In-negozjati bejn l-ANPD, il-Muniċipalità ta' Farsund u LILAS madanakollu kienu interrotti fit-22 ta' Frar 1999 minħabba li l-partijiet ma setgħux jiftiehmu dwar il-prezz.

Matul is-sena 2000, l-ANPD kienet għamlet diversi reklami f'ġurnali lokali (Farsund Avis) u ġurnali reġjonali (Fedrelandsvennen u Stavanger Aftenblad) għall-bejgħ tal-proprjetà. Il-bejgħ kif kien previst f'dak iż-żmien kien ta' **partijiet** mill-proprjetà Ir-reklami ma wasslu għall-ebda bejgħ.

Fis-16 u s-17 ta' Awwissu, l-ANPD organizzat il-Konferenza dwar Lista li għaliha kienu mistiedna 7 000- 8 000 investitur potenzjali. L-għan tal-konferenza kien li l-ANPD tippreżenta l-bażi tal-ajru Lista, u t-trasformazzjoni possibbli tal-bażi tal-ajru minn użu militari għal użu kummerċjali, lill-partijiet interessati. Wara l-konferenza, ġie maħtur konsulent is-Sur Hjort biex jassisti għall-proċess tal-bejgħ. Hu kkonkluda li "kien diffiċli li l-bażi tal-ajru tinbiegħ lil żviluppaturi tal-proprjetà peress li dawn ma kinux xerrejja vijabbli, u minħabba l-fatt li l-potenzjal tal-proprjetà għall-użu kien ferm limitat minħabba l-ftehim ma' LILAS".

F'Awwissu 2001, l-ANPD ddeċidieit li l-proprjetà għandha tinbiegħ *en bloc* sabiex ma tippermettix li ċerti żoni tal-bażi tal-ajru ma jibqgħux totalment mhux attraenti għal xerrejja potenzjali.

Fil-kuntest tan-negozjati kmieni fl-2002 mal-iżviluppaturi tal-proprjetà Intervest Eiendom AS u Interconsult Prosjektutvikling AS, l-ANPD ordnat żewġ evalwazzjonijiet tal-valur mill-assessuri tal-proprjetà Verditakst u OPAK. In-negozjati fallew, iżda fit-12 ta' Settembru 2002, intlaħaq ftehim għall-bejgħ bejn l-ANPD u Lista Flypark AS.

2.3.2. ***Il-prezz tal-bejgħ***

Il-prezz tal-bejgħ kien ibbażat fuq tliet elementi: (i) il-prezz proprju li jrid jitħallas għall-proprjetà, (ii) pagament addizzjonali li jikkorrispondi għal 50 % tal-bejgħ nett mill-ġdid u (iii) ammont li jikkorrispondi għal 30 % tad-dħul nett mill-ftehim tal-kera.

(i) **Prezz tal-proprjetà**

Ir-rapport tal-OPAK, bid-data tad-29 ta' Mejju 2002, għamel distinzjoni bejn it-tliet xenarji segwenti: il-bejgħ tal-proprjetà lil xerrej ġdid (NOK 32 000 000), il-bejgħ tal-proprjetà lill-inkwilin fuq il-bażi ta' dritt preventiv li jixtri parti mill-bini u l-art mikrija fi tmiem il-perjodu tal-kera ta' għaxar snin (NOK 34 000 000) u l-bejgħ tal-proprjetà lill-inkwilin fuq il-bażi tad-dritt preventiv tiegħu li jixtri l-proprjetà *en bloc* matul il-perjodu tal-kera (NOK 25 000 000).

Ir-rapport Verditakst, bid-data tas-7 ta' Ġunju 2002, ikkonkluda li l-valur tas-suq tal-proprjetà kien ta' NOK 11 000 000.

Il-prezz tal-bejgħ kien fil-fatt ġie miftiehem fuq il-bażi ta' valutazzjoni li wettqet Verditakst, jiġifieri NOK 11 000 000.

Fuq il-bażi tar-rapport dwar is-sikurezza fir-rigward tan-nirien imsemmi aktar 'il fuq, ammont ta' NOK 7 500 000 tnaqqas mill-valur tal-proprjetà bħala kunsiderazzjoni tax-xogħol li kien jeħtieġ isir sabiex tintlaħaq konformità mal-istandards tas-sikurezza fir-rigward tan-nirien. Għalhekk, il-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà tnaqqas għal NOK 3 500 000.

(ii) **50 % qsim mill-bejgħ mill-ġdid nett.**

Skont l-Artikolu 3 tal-ftehim tal-bejgħ, l-ANPD kienet intitolata għal 50 % ta' kwalunkwe dħul iġġenerat mill-bejgħ ta' biċċiet ta' art fil-proprjetà. Il-bejgħ ta' biċċtejn art irriżulta fi trasferiment ta' NOK 795 263 lill-ANPD. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' qbil pendenti ta' NOK 5 000 000 bħala interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni b'rabta max-xiri minn LILAS fiż-żona li fiha kellha għażla taħt il-ftehim ta' kera.

(iii) **30 % tad-dħul nett mill-ftehim tal-kera**

L-ANPD kienet intitolata wkoll għal 30 % ta' kwalunkwe qligħ wara t-taxxa ġġenerat taħt il-ftehim tal-kera. Madanakollu, l-ebda dħul ma kien iġġenerat minn Lista Flypark AS fil-perjodu mill-2003 sal-2006.

2.3.3. ***Il-valur marbut mal-obbligazzjonijiet relatati mal-art u l-bini***

Ġie miftieħem li x-xerrej kellu jiġi kkumpensat għall-obbligazzjonijiet marbuta mal-proprjetà li ma kinux ikkunsidrati fil-valutazzjoni. Il-kumpens kien ikopri dan li ġej:

(i) kumpens relatat ma' stallazzjonijiet tekniċi (bħal ma huma linji elettriċi ta' trażmissjoni): NOK 3 500 000

L-ANPD ħadet ir-responsabbiltà tal-kontribuzzjoni għat-trasformazzjoni tal-bażi tal-ajru minn bażi tal-ajru miltari għal negozju kummerċjali f'konformità mad-deċiżjoni tal-Parlament. "skont ir-riżoluzzjoni parlamentari, il-Forzi Armati huma obbligati li jħejju ż-żona għal użu ċivili. Din l-obbligazzjoni tinvolvi b'mod speċjali kull impenn lejn is-sidien tal-art li tmiss maż-żona fejn għandu x'jaqsam id-drenaġġ, kif ukoll fl-iffaċiltar ta' infrastruttura ġdida b'rabta mal-iżvilupp taż-żona."

(ii) kumpens relatat mal-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida: NOK 5 500 000

L-ANPD kienet għal darba oħra obbligata li tħallas l-ispejjeż għat-trasformazzjoni tal-bażi tal-ajru minn użu miltari għal dak ċivili.

(iii) kumpens relatat mal-ftehim tal-kera ta' LILAS: NOK 5 375 000

Il-ftehim tal-kera jipprovdi li s-sid tal-bażi tal-ajru hu responsabbli għall-ispejjeż tal-manutenzjoni esterna tal-bini u l-manutenzjoni tar-runway. Dawn ir-responsabbiltajiet madanakollu kienu llimitati għal NOK 1 500 000 *kull sena*. Peress li fiż-żmien tal-bejgħ fl-2002, L-ANPD kienet obbligata li tħallas lil LILAS ammont annwali ta' NOK 1 500 000 għal madwar erba' snin oħra, l-ammont ta' NOK 5 375 000 kien akkreditat lil Lista Flypark AS sabiex jissodisfa dawn l-obbligazzjonijiet lejn LILAS.

Il-kumpens totali li kien jammonta għal NOK 14 375 000 inqata' mill-prezz tal-bejgħ ta' NOK 3 500 000. Għalhekk l-awtoritajiet Norveġiżi ħallsu l-ammont ta' NOK 10 875 000 lix-xerrej.

## 3. *KUMMENTI MILL-AWTORITAJIET NORVEĠIŻI*

### 3.1. KUMMENTI LI JIKKONĊERNAW IL-FTEHIM TAL-KERA TA' LILAS

#### 3.1.1. *Ebda għajnuna jew vantaġġ ma kien mogħti lil LILAS taħt il-ftehim tal-kera*

L-awtoritajiet Norveġiżi indikaw li anke għalkemm il-kera kif kienet speċifikata fil-ftehim tal-kera kien verament NOK 10 000 kull sena, dan il-valur ma kienx jirrifletti b'mod preċiż l-ammonti li fil-fatt tħallsu lil ANPD Tabilħaqq l-ANPD kienet intitolata wkoll għal 15 % tad-dħul ta' LILAS mis-sottokiri tal-bini. Barra minn hekk, f'każ li d-dħul gross marbut mal-avjazzjoni kummerċjali kien jaqbez l-ammont ta' NOK 4 500 000 fis-sena, l-ANPD kienet intitolata wkoll għal 20 % tad-dħul li jeċċedi dik iċ-ċifra.

Id-dħul mis-sottokiri mħallas lill-ANPD kien ta' NOK 245 405. Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, id-dħul mis-sottokiri ta' NOK 245 405 għandu jiżdied mal-kera annwali ta' NOK 10 000. Il-kera totali matul il-kera sakemm sar il-bejgħ fl-2002 kien jammonta għal NOK 310 405.

L-awtoritajiet Norveġiżi jkomplu jargumentaw li LILAS kellha tiżviluppa, topera u żżomm il-proprjetà għal servizzi tal-ajru kummerċjali fil-bażi tal-ajru, li kien jammonta għal obbligazzjoni lejn is-servizz pubbliku. F'dan il-kuntest, l-ammont ta' kera mħallsa għandu jiġi kkunsidrat bħala pjuttost immaterjali għall-valutazzjoni tal-ftehim għall-kera. F'każ li l-proġett kellu jirnexxi, il-profitti ta' LILAS skont il-ftehim tal-kera setgħu kienu sinifikanti. Min-naħa l-oħra, kieku kellha sseħħ il-previżjoni aktar moderata, allura l-kera tal-bażi tal-ajru, minħabba r-riskju finanzjarju tal-ftehim tal-kera bbażat fuq spejjeż sostanzjali li ma setgħux jiġu evitati, ma kinitx trendi qligħ lil-LILAS.

#### 3.1.2. *Ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati taż-ŻEE*

L-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-kummerċ fiż-ŻEE kien affettwat u li l-kompetizzjoni kienet imxekkla minn dik l-għajnuna. Huma għamlu referenza għal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar il-finanzjament tal-ajruporti u l-dwar l-għajnuna tal-bidu għal-linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali ([8]) li skont dawn il-Linji Gwida, Lista tkun ikklassifikata bħala kategorija D, jiġifieri ajruport żgħir b'volum annwali ta' passiġġieri li jammonta għal anqas minn miljun passiġġier. Il-bażi totali ta' passiġġieri ta' Lista hu ta' 32 000 persuna. Il-Linji Gwida dwar l-Ajruporti jipprovdu li "l-finanzjament mogħti lill-ajruporti reġjonali żgħar (kategorija D) m'għandux ixekkel il-kompetizzjoni jew jaffettwa l-kummerċ b'mod li jmur kontra l-interess komuni" ([9]).

#### 3.1.3. *Ebda għajnuna illegali ma ġiet mogħtija*

L-awtoritajiet Norveġiżi jargumentaw li l-Linji Gwida ġodda għall-ajruporti ([10]) għandha ssir referenza għalihom meta jiġu riveduti t-termini tal-ftehim tal-kera. Naturalment, anke jekk il-Linji Gwida ma kinux ġew adottati fiż-żmien meta daħal fis-seħħ il-ftehim tal-kera, l-awtoritajiet Norveġiżi jisħqu li l-Linji Gwida ġodda dwar l-ajruporti "*huma adddizzjonali u mhux jieħdu post*" il-Linji Gwida ta' qabel u għaldaqstant għandha ssir referenza għalihom.

L-awtoritajiet Norveġiżi jargumentaw li LILAS kienet inkarigata b'obbligazzjoni ta' servizz pubbliku li kien jikkonsisti fl-"operat tal-infrastruttura, li tkopri l-manutenzjoni u l-ġestjoni tal-infrastruttura tal-ajruport". Għalhekk imbagħad jirreferu għal-Linji Gwida l-ġodda li jipprovdu: "finanzjament bħal dan ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jekk ikun kumpens għal servizzi pubbliċi li jkunu allokati għall-ġestjoni tal-ajruport skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mis-sentenza Altmark. (…) għajnuna bħal din tista' titqies li hi kompatibbli mal-funzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE abbażi biss tal-Artikoli 61(3) (a) jew (c), taħt ċerti kondizzjonijiet, jew abbażi tal-Artikolu 59(2) jekk tosserva ċerti kundizzjonijiet li jassiguraw li huma neċessarji għall-operat ta' servizz ta' interess ġenerali ekonomiku u ma jaffettwax il-kummerċ li jmur kontra l-interessi tal-Partijiet Kontraenti".

Il-Muniċipalità ta' Farsund, li fiha tinsab il-bażi tal-ajru, hija eleġibbli għal għajnuna reġjonali.

([8]) Ara http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/state_aid_guidelines/

([9]) Ara l-paragrafu 29 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar il-finanzjament tal-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali.

([10]) Il-"Linji Gwida ġodda" jirreferu għal-Linji Gwida adottati fl-20 ta' Diċembru 2005, jiġifieri wara li l-ftehim ta' kera ma' LILAS kien daħal fis-seħħ.

L-awtoritajiet Norveġiżi għaldaqstant jikkonkludu li kull għajnuna mogħtija lil LILAS kienet tikkonsisti f'kumpens li ma kienx jaqbeż dak li kien meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż imposti biex jitneħħew l-obbligi ta' servizz pubbliku li kienet inkarigata minnhom.

3.2. KUMMENTI LI JIKKONĊERNAW IL-FTEHIM TA' BEJGĦ

3.2.1. ***Ebda għajnuna jew vantaġġ ma ngħataw lil-Lista Flypark AS b'konnessjoni mal-bejgħ***

L-awtoritajiet Norveġiżi jargumentaw li anke jekk ma ġewx applikati b'mod riġidu l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat fil-bejgħ tal-artijiet u l-bini minn awtoritajiet pubbliċi, *"bosta xerrejja potenzjali kienu informati b'mod adegwat bl-isforzi tal-ANPD biex tbigħ il-bażi tal-ajru"*. Tabilħaqq, kif inhu indikat fit-Taqsima 2.3.1, ħafna passi ttieħdu sabiex ikun jista' jinstab xerrej

Barra minn hekk l-awtoritajiet Norveġiżi saħqu li l-prezz tal-bejgħ kien jirrifletti b'mod preċiż il-valur tal-proprjetà u l-obbligazzjonijiet legali marbuta miegħu. Huma jirreferu għall-fatt li l-prezz tax-xiri proprju ma kienx jikkorrispondi biss mal-prezz tal-artijiet iżda wkoll ta' elementi oħra bħal ma huma 50 % ta'qsim tal-profitti mill-bejgħ mill-ġdid u 30 % ta' qsim tad-dħul nett possibbli ta' Lista Flypark AS (ara t-Taqsima 2.3.2 aktar 'il fuq).

3.2.2. ***Ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati taż-ŻEE***

L-awtoritajiet Norveġiżi reġgħu saħqu fuq il-punti msemmija aktar 'il fuq taħt it-Taqsima 3.1.2.

3.2.3. ***Ebda għajnuna illegali ma ġiet mogħtija***

L-awtoritajiet Norveġiżi għamlu referenza għall-ispjegazzjoni tagħhom dwar il-ftehim tal-kera li kellha ma' LILAS

4. *KUMMENTI MAGĦMULA MINN TERZI PERSUNI,*

Permezz ta' itttra bid-data tal-15 ta' Novembru 2007 (Avveniment Nru 452517), id-ditta ta' avukati li jirrappreżentaw lil Lufthavn AS issottomettew il-kummenti għad-deċiżjoni tal-Awtorità biex jidba investigazzjoni formali ([11]).

Il-kummenti kienu llimitati għall-ftehim tal-kera u ma kinux jindirizzaw il-kwistjoni tal-bejgħ tal-art.

4.1. EBDA GĦAJNUNA JEW VANTAĠĠ MA KIEN MOGĦTI LIL LILAS TAĦT IL-FTEHIM TAL-KERA

Il-kera annwali *de facto* ma kinitx ta' NOK 10 000 peress li l-ANPD irċeviet NOK 245 405 mis-sottokiri. Barra minn hekk, LILAS – permezz tal-ftehim tal-kera – kienet fdata bl-obbligazzjoni ta' servizz pubbliku biex topera u tamministra l-bażi tal-ajru Lista. Din l-obbligazzjoni ta' servizz ġenerali kienet tfisser limitazzjonijiet sinifikattivi għall-possibilitajiet ta' LILAS biex tisfrutta l-bażi tal-ajru għal skopijiet oħra. Fl-2001, l-ispiża totali ta' operazzjoni bħal din kienet ta' madwar NOK 5 500 000 kull sena. Fid-dawl tal-ispejjeż sinifikattivi, kien inkluz il-limitu annwali ta' NOK 1 500 000 fil-ftehim tal-kera fid-9 ta' Mejju 2006. LILAS u l-azzjonisti tagħha ġarrbu telf sostanzjali bħala konsegwenza tal-ftehim tal-kera ([12]).

4.2. EBDA EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ BEJN L-ISTATI TAŻ-ŻEE

Il-Ftehim ta' LILAS hu strettament marbut mal-kera tal-bażi tal-ajru Lista għall-obbligi dwar is-servizz pubbliku tal-ġestjoni u l-operazzjoni tal-bażi tal-ajru nnifisha u mhux għall-operazzjoni ta' titjiriet domestiċi skedati u tal-ġarr tal-merkanzija bl-ajru internazzjonali. F'dan ir-riward kwalunkwe għajnuna mogħtija taħt dan il-Ftehim ma jaffettwax il-kummerċ skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) ŻEE.

4.3. KWALUNKWE GĦAJNUNA MOGĦTIJA LIL LILAS TKUN GĦAJNUNA ILLEGALI

Jekk l-Awtorità tikkonkludi li ġiet mogħtija għajnuna lil LILAS, fi kwalunkwe ċirkostanza din kellha tkun kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tal-Linji Gwida dwar il-finanzjament tal-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali.

4.4. EBDA BAŻI GĦAL DEĊIŻJONI TA' RKUPRU

Fl-aħħar nett, il-ftehim tal-kera daħal fis-seħħ fis-27 ta' Ġunju 1996. L-unika talba ta' informazzjoni li ntbagħtet matul il-perjodu ta' għaxar snin wara dik id-data kienet tindirizza l-għotja potenzjali ta' għajnuna permezz tal-bejgħ iżda mhux permezz tal-ftehim tal-kera. Il-perjodu ta' għaxar snin kien għalhekk interrott b'azzjoni mill-Awtorità L-Artikolu 15 tal-Protokoll 3 jipprovdi: "il-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex jirkupraw l-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin".

II. **VALUTAZZJONI**

1. *IL-KERA TA' PARTI MILL-BAŻI TAL-AJRU LISTA*

Il-ftehim tal-kera ma' LAD kien iffirmat fis-27 ta' Ġunju 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1996.

l-Artikolu 15 tal-Protokoll 3 jipprovdi:

"1. Il-poteri tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex jirkupraw l-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin.

([11]) Id-Deċiżjoni Nru 183/07/COL, imsemmija bħala nota ta' qiegħ il-paġna 6.

([12]) Il-kontijiet ta' LILAS għall-perjodu 1997-2006 juru telf akkumulat ta' madwar NOK 10 500 000.

2. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda dakinhar li l-għajnuna illegali tingħata lill-benefiċjarju bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna f'forma ta' skema ta' għajnuna. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li ssir fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, fir-rigward tal-għajnuna illegali għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni. Il-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid wara kull interruzzjoni. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jiġi sospiż għal kemm id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-EFTA tkun soġġetta għall-proċedimenti qabel il-Qorti tal-EFTA.

3. Kwalunkwe għajnuna li għaliha jkun skada l-perjodu ta' limitu, għandha tinftiehem li hi għajnuna eżistenti."

L-ewwel talba għal informazzjoni li kienet tindirizza l-kwistjoni tal-miżura potenzjali għall-għajnuna fil-forma tal-ftehim tal-kera ntbagħtet fit-28 ta' Marzu 2007. L-Awtorità tikkunsidra li, f'dik id-data, il-perjodu ta' limitazzjoni ta' għaxar snin kien skada minħabba li l-kuntratt li jorbot lill-partijiet kien daħal fis-seħħ fis-27 ta' Ġunju 1996. Għalhekk, l-ebda rkupru ma kien possibbli. Barra minn hekk, il-ftehim tal-kera nnifsu kien ukoll diġà skada, minħabba li LILAS ma għamlitx użu mill-għażla biex iġġedded il-ftehim għal għaxar snin oħra. Għalhekk, fit-30 ta' Ġunju 2006 il-ftehim tal-kera ma baqax jeżisti u l-ebda effett ulterjuri ma nħoloq minħabba dak il-ftehim.

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, deċiżjoni mill-Awtorità dwar il-klassifikazzjoni bħala għajnuna tal-miżura kkonċernata u l-kompatibilità tagħha mal-Ftehim taż-ŻEE ma jkollha l-ebda effett prattiku ([13]).

## 2. *IL-BEJGĦ TAL-BAŻI TAL-AJRU LISTA*

### 2.1. IL-PREŻENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jipprovdi dan li ġej:

"Bla ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan il-Ftehim, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal biex ixxekkel jew thedded li xxekkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi, safejn tolqot il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli ma' dan il-Ftehim."

Il-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat dwar l-elementi ta' għajnuna mill-Istat f'bejgħ ta' artijiet u bini minn awtoritajiet pubbliċi jagħtu informazzjoni ulterjuri dwar kif l-Awtorità tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE li tirregola l-għajnuna mill-Istat meta din tkun tikkonċerna l-valutazzjoni tal-bejgħ u art u bini pubbliku. It-Taqsima 2.1 tiddeskrivi bejgħ permezz ta' proċedura ta' irkant mhux ikkondizzjonat, filwaqt li t-Taqsima 2.2 tiddeskrivi bejgħ mingħajr proċedura bla kundizzjoni (permezz ta' valutazzjoni indipendenti ta' espert). Dawn iż-żewġ proċeduri jippermettu lill-Istati tal-EFTA li jinnegozjaw il-bejgħ tal-artijiet u l-bini b'mod li ma jippermettux għajnuna mill-Istat.

### 2.2. PREŻENZA TA' RIŻORSI STATALI

Il-miżura għandha tingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali. Peress li l-ANPD hija entità tal-Istat, ir-riżorsi tagħha huma riżorsi tal-Istat.

Il-bejgħ ta' artijiet u bini pubbliċi li huma taħt il-valur ras-suq jimplika li huma involuti riżorsi tal-Istat. Madanakollu, il-Linji Gwida tal-Għajnuna mill-Istat dwar l-elementi tal-għajnuna mill-Istat f'bejgħ ta' artijiet u bini jipprovdu għal żewġ każi fejn, jekk il-kundizzjonijiet applikabbli jkunu ġew issodisfati, il-prezz li jitħallas għall-proprjetà jkun ifisser li jkun jikkorrispondi mal-valur ġust tal-prezz tas-suq u b'hekk jeskludi li jkun jinkludi r-riżorsi tal-Istat.

Kif issemma aktar 'il fuq, trid issir distinzjoni bejn iż-żewġ sitwazzjonijiet: każi fejn il-bejgħ ikun sar permezz ta' proċedura ta' irkant mhux ikkondizzjonata (ara (i) hawn taħt) u dawk fejn il-bejgħ ikun sar b'referenza tal-valutazzjonijiet tal-valur li jkunu saru minn espert indipendenti (ara (II) hawn taħt).

#### (i) **il-bejgħ magħmul permezz ta' proċedura ta' irkant mhux ikkundizzjonata**

L-awtoritajiet Norveġiżi jirrikonoxxu li "il-proċess beda bħala proċedura ta' irkant mhux ikkundizzjonata fir-rigward tal-bejgħ ta' partijiet mill-bażi tal-ajru. Fis-sena 2000 ġew ippubblikati reklami li elenkaw l-użu possibbli tal-bażi tal-ajru f'diversi ġurnali bħal Farsund avis, Fedrelandsvennen u Stavanger Aftenblad."

La r-reklami u lanqas dik li ssejħet "Konferenza dwar Lista" ma wasslet għall-ebda bejgħ. Il-proċess ma kienx ikopri l-każ ta' bejgħ tal-bażi tal-ajru *en bloc*. Dan jista' jiġi kkonfermat mir-Rapport tal-Awditur Ġenerali li kkonkluda li la valutazzjoni tal-proprjetà kollha u lanqas avviż pubbliku tal-bejgħ ippjanat ma kien sar qabel infetħu n-negozjati ma' Lista Flypark AS f'Marzu 2002. Għaldaqstant l-Awtorità tikkunsidra li ma kien hemm ebda proċedura ta' irkant mhux ikkundizzjonata b'konnessjoni mal-bejgħ tal-bażi tal-ajru *en bloc* u għalhekk, kienet eskluża kull possibiltà biex tingħata għajnuna mill-Istat fuq dik il-bażi, skont lit-Taqsima 2.1 tal-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat dwar l-elementi ta' għajnuna mill-Istat għall-bejgħ tal-artijiet u l-bini.

#### (ii) **il-bejgħ mingħajr proċedura ta' irkant mhux ikkundizzjonata (l-espert ta' valutazzjoni)**

It-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida għall-elementi ta' għajnuna mill-Istat f'bejgħ ta' artijiet u bini minn awtoritajiet pubbliċi, fir-rigward ta' bejgħ mingħajr proċedura ta' irkant mhux ikkundizzjonata, tipprovdi li "jekk awtoritajiet pubbliċi jkollhom il-ħsieb li jużaw il-proċedura deskritta taħt it-Taqsima 2.1, għandha ssir evalwazzjoni indipendenti minn assessur wieħed jew aktar

([13]) Ara, permezz ta' analoġija, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-miżuri ta' għajnuna implimentati minn Spanja għall-każ *IZAR*, Każ C-47/2003, li għadha mhix ippubblikata, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/238/KE tad-9 ta' Novembru 2005 dwar il-miżuri implimentati minn Franza għall-*Mines de potasse d'Alsace*, (ĠU L 86, 24.3.2006, p. 20).

**qabel in-negozjati għall-bejgħ** sabiex jiġi stabbilit il-valur tas-suq fuq il-bażi tal-indikaturi tas-suq u l-istandards ta' valutazzjoni li jkunu ġeneralment aċċettati. Il-valur tas-suq li jkun stabbilit **huwa l-prezz tax-xiri minimu li jista' jkun hekk deċiż mingħajr ma tingħata għajnuna mill-Istat**." (Żieda fl-emfasi)

L-awtoritajiet Norveġiżi kienu indikaw li l-ANPD ordnat żewġ valutazzjonijiet tal-valur, mid-ditti ta' assessuri tal-proprjetà OPAK u Verditakst AS. Dawn il-valutazzjonijiet saru f'Mejju u f'Ġunju 2002 rispettivament. Filwaqt li kien jidher li n-negozjati kienu diġà bdew f'Marzu 2002, ma hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi ftehim dwar il-prezz qabel ma kienu konklużi ż-żewġ rapporti. Iż-żewġ rapporti stmaw li l-valur tas-suq tal-proprjetà mingħajr l-obbligazzjonijiet marbuta mal-istandards għas-sikurezza fir-rigward tan-nirien, it-titjib tekniku u tal-infrastruttura jew il-ftehim tal-kera.

Il-prezz li tħallas mix-xerrejja kien iddeterminat permezz ta' referenza tar-rapport ta' valutazzjoni li kien sar minn Verditakst, jiġifieri NOK 11 000 000.

Madanakollu, OPAK kienet ikkonkludiet li l-valur tal-proprjetà fid-data tal-bejgħ kien ta' NOK 32 000 000 u l-prezz tal-bejgħ iddikjarat fil-ftehim tal-kera kien ta' NOK 25 000 000 għall-ajruport kollu.

Iffaċjata b'din il-firxa ta' valutazzjonijiet, l-Awtorità fetħet investigazzjoni formali u ħatret espert indipendenti, is-Sur Geir Saastad, li kellu l-inkarigu li:

— jqabbel il-valutazzjonijiet kollha tal-valur pprovduti lill-Awtorità;

— jiddetermina (i) il-valur tas-suq tal-bażżi tal-ajru u (ii) il-valur tal-obbligazzjonijiet marbuta mal-art u l-bini.

L-espert eżamina wkoll jekk l-aġir tal-Istat waqt il-bejgħ tal-proprjetà kienx jikkorrispondi ma' dak ta' investitur privat tas-suq jew jekk, għal kuntrarju, investitur privat tas-suq kienx jaġixxi b'mod differenti. B'dan l-aġir, l-espert ikkunsidra n-natura partikolari tal-proprjetà u d-diffikultà li l-awtoritajiet Norveġiżi qed jargumentaw li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom minħabba l-ftehim eżistenti tal-kera li sar ma' LILAS u l-possibiltà għal dan tal-aħħar li jixtri l-proprjetà fi tmiem il-perjodu ta' għaxar snin.

L-espert indirizza l-metodi użati fiż-żewġ valutazzjonijiet eżistenti u kkonkluda li r-rapport OPAK, filwaqt li japplika prezzijiet orħos ta' kera li probabbilment kienu jirriflettu r-rati preżenti, ma jikkunsidrax il-fatt li parti mill-proprjetà hi mikrija lil LILAS għal prezz fiss ta' (NOK 10 000 per year) li hu konsiderevolment orħos minn dak li kien preżunt li hu l-kera tas-suq. L-allokazzjoni għal vakanzi u l-manutenzjoni tkun tidher li hija "ferm baxxa". F'dan ir-rigward l-espert indika li l-spejjeż marbuta mal-vakanza annwali ta' 20 % ma jkunux eċċessivi minħabba n-natura tal-proprjetà. Barra minn hekk, l-espert indika li għandhom jingħaddu l-ispejjeż sinifikattivi għall-operazzjoni u l-manutenzjoni. Flimkien dawn l-ispejjeż kellhom jnaqqsu l-valur tal-fluss tal-flus kontanti minn NOK 26 miljun (kif kienu stmati minn OPAK) għal NOK 10 miljun. Fl-aħħar nett, il-valur tal-art innifisha kellha tiġi mnaqqsa biex titqies id-diffikultà ta' bejgħ ta' biċċiet ta' art fuq dak is-sit. L-espert innota wkoll, fil-kuntest tal-kummenti tiegħu dwar ir-rapport OPAK, li l-prezz tal-bejgħ iddikjarat fil-ftehim tal-kera ta' NOK 25 000 000 kien assulutament ipotetiku.

Ir-rapport Verditakst naqas ukoll milli jqis il-fatt li parti mill-proprjetà hi mikrija lil LILAS b'rata li tirrapreżenta tnaqqis konsiderevoli fid-dħul komparat mal-assunzjoni li l-proprjetà għandha tinkera bir-rata tas-suq. Madanakolli, ir-rati tas-suq użati kienu jikkorrispondu għal dak li l-espert stess kien assuma (ara t-Taqsima 4 tar-rapport). Barra min hekk, l-espert jinnota li Verditakst kien applika ċifri għall-ispejjeż tal-operat u tal-manutenzjoni li kienu jikkorrispondu mal-valur standard li huwa applikat mill-industrija. Fl-aħħar nett, l-espert jinnota li l-istima tal-valur tal-art innifisha hija aktar konservattiva minn dik ta' OPAK u tesprimi l-opinjoni li din tidher aktar xierqa minn valutazzjoni ogħla.

Meta qabbel iż-żewġ rapporti l-espert sab li: "Id-differenza prinċipali bejn il-valutazzjonijiet qiegħda fil-kalkoli tal-ispejjeż għall-operat u l-manutenzjoni. Il-valutazzjoni ta' Verditakst tirrifletti ċ-ċifri standard applikati mill-industrija tal-proprjetà, filwaqt li l-valutazzjoni ta' OPAK ma tirriflettix dan."

L-espert ikkonkluda li: "il-prezz tal-bejgħ applikat fit-tranżazzjoni fl-2002 jkun jidher daqs il-valur stmat tas-suq. Il-bażi tal-ajru Lista nbiegħet fi żmien meta kien hemm **interess limitat f'din it-tip ta' proprjetà**. Is-**suq tal-proprjetà u s-swieq finanzjarji kien ħadu daqqa 'l isfel**, fl-istess waqt li fih **il-proprjetà setgħet tkun deskritta bħala kkumplikata u mbiegħda**. Il-kriteji li kienu applikati minn Verditakst fil-valutazzjoni tagħhom kienu aktar korretti minn dawk applikati fil-valutazzjoni ta' OPAK. L-oġġezzjoni prinċipali tal-valutazzjoni ta' OPAK kienet li naqas li japplika l-ispejjeż operattivi normali meta kkalkula l-valur tal-proprjetà. **Il-kumpens għall-obbligazzjonijiet li kienu ttrasferiti mill-ANPD għal-Lista Flypark AS b'rabta mal-bejgħ ma tidhirx li hi waħda mhux raġonevoli minħabba għadd ta' bini fuq is-sit u minħabba d-daqs taż-żona tal-art involuta.**" (Żieda fl-enfasi)

L-espert insista fuq il-fatt li kwalunkwe valutazzjoni ta' żona bħall-bażi tal-ajru Lista ġġib magħha inċertezza konsiderevoli. Din tista' tiġi spjegata mill-fatturi li ġejjin:

— is-sit hu mbiegħed meta jitqabbel ma' żona mibnija f'suq tal-proprjetà li jista' jiġi mkejjel. Dan jaffettwa mhux biss il-prezzijiet tal-artijietiżda wkoll il-prezzijiet tal-kera;

— iż-żona tinkludi bażi tal-ajru li fiha fl-imgħoddi kienu jsiru attivitajiet militari. Jeżistu ftit li xejn proprjetajiet ta' referenza li jistgħu jitqabblu, u

— l-artijiet u l-bini jeħtieġu tiswija u manutenzjoni konsiderevoli.

Fid-dawl tar-rapport tal-espert indipendenti, l-Awtorità tikkunsidra li l-bażi tal-ajru nbiegħet għall-valur tas-suq.

L-ewwel nett, il-prezz tal-bejgħ proprju kien jitqabbel mal-valutazzjoni tal-valur tas-suq fir-rapport Verditakst. Il-fatt li l-valutazzjoni tal-valur tas-suq ta' OPAK kien konsiderevolment ogħla ma jfissirx li wieħed jista' jikkonkludi li kien hemm għajnuna mill-Istat ([14]).

Hu minnu li l-espert maħtur mill-Awtorità jindika, kif issemma aktar 'il fuq, għal diversi fatturi li jindikaw li l-valutazzjoni tal-valur tas-suq ta' OPAK kien ferm ogħli u li l-kriterji applikati minn Verditakst kienu aktat preċiżi minn dawk applikati minn OPAK. L-Awtorità hi tal-istess fehma li s-suq tal-proprjetà f'Lista mhux wieħed tipiku u hu diffiċli li jiġi vvalutat, kif innota s-Sur Saastad, li kwalunkwe valutazzjoni ta' żona bħal ma hi l-bażi tal-ajru Lista ġġib magħha inċertezza konsiderevoli. Huwa minnu li d-differenza fiż-żewġ valutazzjonijiet li kienu saru fl-2002 jkunu jidhru li jsostnu l-inċertezza li hi marbuta ma' dak is-suq. Huwa minnu wkoll li mhux biss l-ANPD ma' kinitx kapaċi tbigħ il-biċċiet ta' art, iżda ukoll, minn meta xtrat il-proprjetà fl-2002, Lista Flypark AS kellha suċċess limitat fil-bejgħ ta' biċċiet ta' art għal negozji ġodda. Il-valur baxx tas-suq tal-bażi tal-ajru jkompli jiġi kkonfermat mit-tul taż-żmien u mid-diffikultà tal-proċess innifsu tal-bejgħ, li dam mill-1997 sal-2002.

L-element finali tal-prezz li tħallas hu l-valur li kien attribwit għal ċerti spejjeż, li kienu mnaqqsa mill-valur tal-proprjetà biex jiġi miksub l-aħjar prezz. It-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat dwar elementi ta' għajnuna mill-Istat fil-bejgħ tal-artijiet u l-bini minn awtoritajiet pubbliċi tipprevedi b'mod speċifiku li "obbligazzjonijiet speċjali li huma konnessi mal-art u l-bini u mhux max-xerrej jew l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu jistgħu jintrabtu mal-bejgħ". L-iżvantaġġ ekonomiku ta' obbligazzjonijiet bħal dawn jista' jiġi kkumpensat fil-prezz tax-xiri

F'rabta ma' dawn l-obbligazzjonijiet, l-espert jinnota li l-ammonti mhumiex ferm għolja, meta titqies iż-żona li fiha huma jinsabu, u li hu rari li l-valur ta' dawn l-obbligazzjonijiet jaqbżu l-valur tal-proprjetà innifisha. Filwaqt li l-proċedura għat-trasferiment tal-fondi hija kkaratterizzata bħala "ferm rari", l-Awtorità tikkunsidra li din ma taffettwax il-valutazzjoni tal-valur tal-obbligazzjonijiet infushom.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ssemmew, u flimkien mal-fatt li proprjetà li ġġorr il-piż ta' drittijiet preventivi jew għażliet għal xiri, tkun diffiċli li tinbiegħ, l-Awtorità hi tal-fehma li, fir-rigward tal-bejgħ tal-bażi tal-ajru, mhux stabbilit li kienu involuti riżorsi tal-Istat u li kien hemm għajnuna mill-Istat.

### 3. *KONKLUŻJONI*

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni kontinwa, l-Awtorità tikkunsidra li l-bejgħ tal-bażi tal-ajru Lista ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) taż-ŻEE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċedura mibdija skont l-Artikolu 4(4), moqrija flimkien mal-Artikolu 13, tal-Parti II tal-Protokoll 3 dwar il-kera tal-bażi tal-ajru Lista hi b'hekk magħluqa.

*Artikolu 2*

L-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA tikkunsidra li l-bejgħ tal-bażi tal-ajru Lista ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 taż-ŻEE.

*Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 4*

Il-verżjoni Ingliża biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2009.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA*

Per SANDERUD
*President*

Kurt JÄGER
*Membru tal-Kulleġġ*

([14]) Ara permezz ta' analoġija, il-Każi konġunti T-127/99, T-129/99 u T-148/99 *Diputación Foral de Álava* [2002] ECR II-1275, paragrafu 85.

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 74

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 118/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 75

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 119/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 76

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 77

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 121/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 79

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 80

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 123/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 81

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 82

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 83

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 126/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 84

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 li temeda l-Anness XXII (Il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE** ...... 85

---

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 167/09/COL tas-27 ta' Marzu 2009 dwar il-kera u l-bejgħ tal-bażi tal-ajru Lista (in-Norveġja)** ...... 86

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT